# LUMINARIA

Diċembru ’20 nru. 134







Ir-Ritorn tal-Familja Mqaddsa Lejn Nazzaret mill-Eġittu. Ħajr Mons. Ġużepp Attard, Rettur Kappella ta' Kemmuna.

# LUMINARIA - Werrej


Messaġġ mill-Arċipriet ... 2
Kronaka tal-Parroċċa ... 3
Nifirħu u Nawguraw ... 10
Paġna M.U.S.E.U.M. Subien ... 12
Paġna M.U.S.E.U.M. Bniet ... 14
Mid-Djarju tal-Iskola Primarja ... 16
Nadur Youngsters - Erġgħina Għamilnieha! ... 18
Esperjenza ta' Xogħol Volontarju li Ma Nista' Ninsa Qatt ... 21
Mir-Reġistri Parrokkjali ... 22
Is-Sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma matul is-sena 2020 ... 25
Apprezzament - Kan. Dun Anton Mejlaq ... 26
Iċ-Ċentru Pastorali ... 28
Radju Luminaria ... 40
Ħarsa Storika lejn il-Milied u kif jiġi Ċċelebrat ... 46
It-Tliet Miġjiet ta' Kristu ... 48
Presepju bi sfond Għawdxi għall-Wiri f'Washington DC ... 49
Restawr tal-Kwadru tal-Kappella ta' Kemmuna ... 51
Francis Sultana Designs and Interiors ... 52
Status Animarum 1894 ... 53
Vjaġġ memorabbli fil-Gwatemala ... 56
Tliet Ċentinarji Matul Is-Sena 2020 ... 58
Baħrin Nadurin li avvanzaw fl-istudji tagħhom fil-qasam marittimu ... 61
Xi logħob ta' dari tat-tfal u x-xjenza ta' warajh ... 65
Kitbiet dwar il-Knisja Bażilika tan-Nadur ... 67
Xita fin-Nadur ... 70
Ritratt Storiku Waqt it-Tkabbir tal-Kolleġġjata u Bażilika tan-Nadur ... 72



BORD EDITORJALI

Ħarġa numru 134 Diċembru 2020 • Is-Sitta u Tletin Sena

- Edizzjoni Speċjali li tkopri l-perjodu mill-ewwel tas-sena sal-aħħar ta' Novembru 2020 minħabba li l-edizzjonijiet li soltu joħorġu fl-Għid u l-Festa ma ħarġux minħabba s-sitwazzjoni prevalenti tal-imxija tal-Covid-19.
- Rivista maħruġa mill-Parroċċa San Pietru u San Pawl, Nadur, li f'ċirkostanzi normali toħroġ tliet darbiet f'sena
- Ippubblikata mill-Bord Editorjali magħmul minn: L-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri, Miriam Muscat (Editur), Joseph Muscat, Mary Anne Pace, Maria Camilleri
- Qari tal-Provi: Miriam Muscat, Maria Attard, Noemi Portelli, Mary Grace Mercieca
- Ritratti ta: Martin Attard, Monica Grima, Mario Muscat, Alessio Sultana, Anaca photography
- Il-fehmiet li jistqarru l-awturi u l-korrispondenti tal-artikli li jiġu ppubblikati mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali
- Kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-Bord Editorjali, 'LUMINARIA', Uffiċċju Parrokkjali, Pjazza 28 ta' April 1688, Nadur NDR 1033, Għawdex. Tel: **2155 1649**
- Disinn u *layout* ta' Maria Camilleri
- Stampata bl-*Offset*, "Portelli Print" Nadur. Tel: 2155 8232
- **www.nadurparish.com**


Ritratt Qoxra: Xbieha artistika tal-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-proġett il-ġdid taċ-Ċentru Pastorali, impittra minn Graham Gurr

# MESSAĠĠ TAL-ARĊIPRIET
## MONS. JIMMY XERRI

### Riflessjoni dwar *il-Milied*

Issa li qegħdin qrib il-festa kbira tal-Milied se nagħmel riflessjoni qasira fuqu. Irridu nagħtu lilna nfusna bħala rigal lil ħaddieħor. Jiġri li aħna nibqgħu qisna riserva ta' ġid li ma jitqassamx. Jgħidu li f'moħħna hemm newroni daqs kemm hemm stilel fil-galassija tagħna. Matul ħajjitna aħna nużaw ftit biss mill-kapaċitajiet li għandu l-moħħ tagħna. F'kelma waħda aħna nistgħu niftakru iktar affarijiet, nistgħu nħobbu iktar u nistgħu naduraw lil Alla iktar milli fil-fatt nagħmlu. Ftit jiem oħra u se ngħixu l-Festa tal-Milied. Hija okkażjoni biex nimpenjaw lilna nfusna iktar mingħajr ma nikkuntentaw bil-ħajja tal-minimu u tal-inqas xogħol.



L-Arċipriet

L-awtur Taljan Pino Pellegrino jsemmi ħames valuri li wieħed isib fil-għar ta' Betlehem:

L-ewwel valur huwa dak tal-ESSENZJALI. Fl-għar Marija kellha tikkuntenta b'dak li hu l-essenzjali, mingħajr ma kellha l-lussu. Il-ħafna ġid u l-ħafna oġġetti materjali jistgħu jkunu qishom trabokk li joħnoq u jaqbad ir-ruh tal-bniedem.

It-tieni valur li nsibu fl-għar ta' Betlehem huwa s-SILENZJU. Gesù twieled fis-silenzju ta' għar imbiegħed mill-għagħa tan-nies u mit-toroq storbjużi. Il-preokkupazzjonijiet żejda ma jgħinux.

IL-PAĊI. Id-dinja kollha tinsab fil-paċi, għax il-Milied. Anke l-Imperu Ruman jidher li qiegħed fis-sliem. It-tfal iridu l-paċi. Xħin saqsew lil xi tfal x'iridu bħala l-aqwa rigal għall-Milied, il-kotra tagħhom wieġbu li jixtiequ jaraw lil ommhom u missierhom sewwa ma' xulxin mingħajr ma jiġġieldu.

Il-Milied iġib il-FERĦ. U l-ferħ huwa valur edukattiv minnu nnifsu. Meta bniedem jilqgħek bil-ferħ, tibqa' tiftakar din l-imġieba iktar mill-ħafna kliem li jista' jgħidlek. Irridu nidraw naraw l-iswed meta jidlam biss u mhux naraw kollox ikrah anke meta jkollna x-xemx tiżreġ fuqna.

Imbagħad hemm il-ĦLEWWA fl-imġieba. Fl-għar ta' Betlehem hemm ħlewwa bla qies. Marija u Ġużeppi juru ħlewwa liema bħalha ma' Binhom u ma' dawk li jiġu jżuruhom. Anke l-baqra u l-ħmara juru ħlewwa ma' Ġesù billi jsaħħnulu l-maxtura.

### Din il-ħarġa tal-Luminaria hija speċjali għal bosta raġunijiet.

F'idejk għandek ir-rivista, wara li ma ħarġitx dik tal-Għid li għadda u dik ta' Ġunju. F'din il-ħarġa qed infakkru żewġ avvenimenti speċjali, il-25 sena mill-ftuħ tar-Radju komunitarju Luminaria u l-ftuħ taċ-ċentru Ġwanni Pawlu II. Din il-ħarġa hija l-ewwel waħda li qed toħroġ bl-Isqof Anton Teuma bħala r-Ragħaj tad-Djoċesi.

**Inselli ħafna għalikom u f'isem sħabi s-saċerdoti u l-membri kollha tal-Bord editorjali tar-rivista, nixtiqilkom il-Milied Ħieni u fis-sliem.**

Mary Ann Pace

# KRONAKA TAL-PARROĊĊA

DIĊEMBRU 2019 – NOVEMBRU 2020

## NOVEMBRU

### *100 sena*



Karmena Sultana mwielda n-Nadur fit-12 ta' Novembru 1919 iċċelebrat il-mitt sena tagħha fuq din l-art. Fl-okkażjoni ta' għeluq snina saret quddiesa ta' ringrazzjament fid-Dar San Lawrenz fejn tinsab rikoverata u kienet imdawra mill-familjari tagħha flimkien ma' ħbieb oħrajn.

## DIĊEMBRU

### *Siġra tal-Karità*

Bħal kull sena s-siġra tal-karità ġiet imħejjija mill-adolexxenti u ż-żgħażagh fil-knisja. Din is-sena l-oġġetti miġbura ngħataw lid-Dar tal-Providenza, Angela House u Dar Merħba Bik. Ġest verament sabiħ li niftakru fl-oħrajn f'dawn il-jiem tas-sena.

### *Novena u Milied*



Il-Ħadd 15 ta' Diċembru bdiet in-Novena tal-Milied. It-tema għal din is-sena kienet riflessjoni fuq diversi oġġetti u persunaġġi li nsibu fl-għar ta' Betlem sabiex naraw x'kellha omm Ġesù fl-għar.

Nhar lejliet il-Milied saret il-purċissjoni u l-pagaent bil-persunaġġi bibbliċi, li ħarġet mill-MUSEUM tas-subien u għaddiet mit-toroq prinċipali tar-raħal. Din il-manifestazzjoni kienet tant għal qalb Dun Ġorġ Preca. Nhar il-Milied filgħaxija ttella' l-kunċert tal-Milied mill-qasam tal-MUSEUM fil-knisja fejn ħadu sehem il-korijiet tal-MUSEUM bniet u subien u kienu akkumpanjati minn numru ta' mużiċisti u kantanti stabbiliti. Il-programm kien imħawwar b'poeżiji, play qasira kif ukoll il-prietka tat-tifel.

### *Kanonku Effettiv*

Nifirħu lil Dun Franklin Vella li nhar it-Tnejn 23 ta' Diċembru ħa l-pussess ta' Kanonku Effettiv tal-

Kolleġġjata tagħna minn idejn l-Isqof Mario Grech Amministratur Appostoliku.



*Kwaranturi 30 Diċembru 2019 – 1 Jannar 2020*

Bħal kull sena fil-parroċċa tagħna jinżammu l-kwaranturi - adorazzjoni solenni fl-aħħar jiem tas-sena u bidu ta' sena ġdida. Nhar l-1 ta' Jannar, Solennità ta' Marija Omm Alla, sar l-għeluq ta' dawn il-kwaranturi fl-4:30pm b'konċelebrazzjoni u wara purċissjoni b'Ġesù Ewkaristija li ntemmet bil-Barka Sagramentali.

## JANNAR

Nhar it-28 ta' Jannar, fil-kappella taċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina, inżamm l-ewwel servizz ta' qabel id-difna li tmexxa mill-Kan. Dun John Muscat fl-okkażjoni tal-mewt ta' Egon Siegfried Groschner, tabib irtirat Ġermaniż, li kien joqgħod ix-Xlendi, Għawdex u li ndifen fil-qabar privat fejn tinsab midfuna martu.

*Jum il-Bibbja*

Fuq deċiżjoni tal-Papa Franġisku, it-tielet Ħadd ordinarju tas-sena ntgħażel bħala Jum il-Bibbja li ħabat proprju fis-26 ta' Jannar. Din is-sena taħbat ukoll l-1600 sena mill-mewt ta' San Ġilormu li kien ħadem bla heda biex jaqleb il-Bibbja għal-lingwi l-iktar komuni u użati għall-komunikazzjoni. It-tfal iż-żgħar tal-parroċċa ġew mistiedna jżejnu rokna fid-dar bil-Bibbja biex titrawwem fihom l-importanza u l-imħabba għall-Kelma ta' Alla f'ħajjithom.

## FRAR

*Festa ta' San Blas u l-Festa tal-Gandlora*

Fit-2 ta' Frar ta' kull sena aħna l-Insara niċċelebraw it-tifkira tal-Preżentazzjoni ta' Ġesù fit-Tempju wara 40 jum mit-twelid. Din il-festa hi magħrufa aħjar bħala l-Gandlora. Dan għaliex fil-knisja hemm id-drawwa li tinxtegħel xemgħa msejħa tal-Gandlora.

Il-Ħadd 2 ta' Frar ġiet iċċelebrata wkoll il-festa ta' San Blas. Il-banda Mnarja ferrħet lil dawk preżenti b'marċ sa ħdejn il-pitch tal-boċċi fejn wara saret quddiesa kkonċelebrata mmexxija min Dun Alex Cauchi akkumpanjat minn diversi saċerdoti. Sar ukoll it-tberik tal-annimali u ta' prodotti agrikoli u saret ukoll iċ-ċelebrazzjoni tax-Xemgħat. Kien hemm għall-wiri diversi oġġetti ta' artiġġjanat lokali kif ukoll ta' vetturi antiki. F'din l-okkażjoni l-ferta li nġabret marret b'risq il-Fondazzjoni Arka.




*Statwa ta' Santa Tereża ta' Kalkutta*

Fit-18 ta' Frar saret purċissjoni mill-knisja parrokkjali għall-kappella ta' Kenuna bix-xbieha ta' Santa Tereża ta' Kalkutta. Din il-kappella hija ddedikata għal din il-qaddisa ta' żmienna. L-istatwa ngħatat minn benefattur. Kienu mistiedna t-tfal kollha, żgħażagħ u ġenituri biex jakkumpanjaw fil-mixja. Mal-wasla nqraw siltiet qosra mill-kitbiet tal-qaddisa, u mbagħad ingħatat il-barka sagramentali. Wara tqassmu xi refreshments fost dawk preżenti.

## MARZU

*Kwizz Parrokkjali*

Fis-7 ta' Marzu li għadda, fis-sala parrokkjali fi Triq Xandriku, sar it-tieni kwizz parrokkjali għat-tfal minn

year 6 sa Form 2. B'kollox ħadu sehem 14-il tifel u tifla. It-tema li għażilna għal din is-sena kienet il-vokazzjoni u l-Bibbja. It-tfal kollha kienu ppreparati tajjeb u t-tim rebbieħ kien dak iffurmat minn Katelyn Haber, Dorothea Meilak, Jayden Azzopardi u Carlos Xuereb. Iktar 'l quddiem, jekk Alla jrid, dawn se jkollhom il-possibilità li jagħmlu safra barra minn Malta. Fit-tieni post ġie t-tim magħmul minn Benjamin Said, Harry Emeh, Morgan Sammut u Nicholas Attard. Lil dawn ukoll nifirħulhom.

Żgur li dawn it-tfal u l-oħrajn li ħadu sehem, tgħallmu ħafna dwar il-Kelma ta' Alla u dwar persunaġġi mill-Bibbja u barra mill-Bibbja li kienu msejħin biex jaqdu lil Alla mill-qrib.



### *Pandemija*

Malli l-imxija tal-Covid-19 bdiet f'pajjiżna, din mill-ewwel kellha effett fuq l-andament tal-ħajja parrokkjali. Mhux kulħadd kien lest li jigi l-knisja. Fl-ewwel ġimgħa kellna xi distributuri tal-bullettin li ma qassmuhx. Wasal mument meta ma bqajniex nistampaw il-bullettin. Imbagħad ingħalqu l-knejjes ukoll, u t-tagħlim tal-katekiżmu u l-formazzjoni tal-adolexxenti waqfu kif ukoll id-diversi ħarġiet u attivitajiet li kienu jiġu organizzati ta' kull ġimgħa għall-anzjani tal-parroċċa. Twaqqfu ħesrem ukoll l-eżerċizzi tar-Randan u l-attivitajiet kollha marbutin ma' dan iż-żmien speċjali. Frattant il-ħidma kompliet skont iċ-ċirkostanzi straordinarji li konna u għadna ninsabu fihom. Permezz tar-Radju Luminaria u Mnarja Live seta' jissokta l-quddies bil-Live streaming. Matul il-ġimgħa beda jittella' programm li ġie msejjaħ il-Merħla Ċkejkna fejn kien jingħata tagħlim Nisrani għat-tfal li se jagħmlu l-Ewwel Tqarbina, għal dawk li se jirċievu s-sagrament tal-Konfermazzjoni u għall-kbar ukoll. Dan kollu seta' jsir grazzi għas-servizz u l-kapaċità teknika ta' Paul Portelli u l-għajnuna ta' Dun Loreto Tabone u Dun Mark Bonello.

Il-knisja kienet tiftaħ biss għal ħin limitat filgħaxija, għall-adorazzjoni u talb personali quddiem Ġesù Sagramentat. Kien jixxandar il-quddies mill-knisja imma bil-bibien magħluqin.

F'dan iż-żmien straordinarju, il-funerali ma setgħux isiru fil-knisja. Għalhekk il-mejjet kien jittieħed dritt iċ-ċimiterju fejn kien isir xi talb fiċ-ċimiterju u wara ssir id-difna. Setgħu jkunu preżenti biss il-familjari tal-mejjet.

### *Covid-19*

F'gazzetta li toħroġ kull ħmistax fl-Awstralja deher artiklu fejn issemma l-kwadru tal-Madonna li ħareġ fil-knisja tagħna u tpoġġa ħdejn l-artal maġġuri sabiex isir talb bl-interċessjoni tal-Verġni Mbierka kontra l-imxija tal-pandemija tal-Covid-19. Interessanti ta' min isemmi li x'aktarx dan il-kwadru ġie kkommissjonat minn xi ħadd li esperjenza il-pesta tal-1675-1676 li ħalliet bosta nies mejta. Dan il-kwadru ġie rregalat lill-knisja fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-parroċċa ġdida fl-1688.

## APRIL

Matul dan iż-żmien meta l-knisja kienet magħluqa, issokta ix-xogħol ta' manutenzjoni u restawr fil-knisja. Beda proġett ta' restawr fin-naħa ta' San Koronatu u fuq iż-żewġ kopplетti. Qed isir ukoll studju għar-restawr tal-arloġġ il-kbir tal-knisja.

### *Food Bank*

F'dan iż-żmien diffiċli li l-komunità u d-dinja kollha għaddejjin minnhom, ħafna familji sabu ruħhom f'diffikultajiet finanzjarji. Għaldaqstant il-parroċċa nhediet il-proġett tal-Food Bank. Saret sejħa sabiex jinġabru oġġetti tal-ikel ħalli jitqassmu lill-familji fil-bżonn, kemm fir-raħal tagħna kif ukoll barra mir-raħal, skont il-ħtieġa.

### *Miet il-Kan Dun Anton Meilak*

Nhar it-23 ta' April, fid-Dar tal-Kleru fejn kien rikoverat, miet il-Kan Dun Anton Meilak fl-età ta' 89 sena. Dun Anton twieled fit 28 ta' Novembru 1930. Kien ordnat saċerdot fil-15 ta' April 1956. Huwa ħadem ħafna fil-parroċċa ta' San Pietru u



San Pawl. Għamel bosta snin iservi bħala viċi-parroku, kien assistent tal-Azzjoni Kattolika għal aktar minn erbgħin sena, serva bħala ċerimonier tal-Kapitlu u kien saċerdot imfittex għall-qrar. Il-funeral tiegħu sar il-Ġimgħa 24 ta' April fiċ-ċimiterju ta' Maria Addolorata f'Ta Kenuna. L-Isqof Mario Grech mexxa talb fiċ-ċimiterju.

## MEJJU

### *Sr Lux Marie*

Nhar is-Sibt 23 ta' Mejju Sr Lux Marie (Elizabeth Grech) għamlet il-professjoni perpetwa tagħha flimkien ma' grupp ieħor minn sħabha. Sr. Lux Marie ilha li daħlet mas-sorijiet ta' Santa Tereża ta' Kalkutta xi ħdax-il sena. Bħalissa qed tgħix fid-dar tas-sorijiet f'Casalina ftit 'l barra miċ-ċentru ta' Ruma. Minħabba ċ-ċirkustanzi tal-Covid ma stajniex nivvjaġġaw u nkunu preżenti għal dan il-mument sabiħ ta' din is-soru żagħżugħa min-Nadur. Nakkumpanjawha bit-talb tagħna fil-mixja qaddisa li qed tagħmel favur il-fqar għal Ġesù. Iktar 'l quddiem, meta jkun permess l-ivvjaġġar, Sr Lux Marie se tkun qed taqdi l-missjoni tagħha favur l-ifqar fost il-fqar fl-Etjopja.



## ĠUNJU

### *Festa*

Żgur li l-festa tas-sena 2020 se tibqa' fil-memorja tan-Nadurin minħabba l-fatt li ġiet iċċelebrata b'mod mhux tas-soltu. Peress li xi wħud mir-restrizzjonijiet marbutin mal-Covid-19 ġew merħija, il-quddies reġa' beda jiġi ċċelebrat fil-knisja wara li ttieħdu ċertu miżuri sabiex tkun osservata d-distanza soċjali skont id-direttivi tas-Saħħa Pubblika.

It-tema magħżula għall-festi solenni f'ġieħ San Pietru u San Pawl li ġew iċċelebrati fil-knisja bejn l-20 u d-29 ta' Ġunju kienet " Aħna ma nistgħux ma nitkellmux fuq dak li rajna u smajna". L-attivitajiet relatati mal-festa ġew imxandra live b'mod awdjo-vizwali fuq is-sit tal-Parroċċa, fuq Radju Luminaria u anke fuq il-paġna tal-midja soċjali. Ġiet imħejjija verżjoni rrekordjata tal-Antifona ta' San Pietru u San Pawl li fiha kantaw it-tfal tal-parroċċa tagħna sabiex tintwera waqt il-funzjonijiet liturġiċi ewlenin. **Fil-quddiesa ta' Radd il-Ħajr lil Alla f'lejlet il-festa, is-sagristan Ġanni Debono ngħata tifkira bħala ringrazzjament għat-tletin sena ta' ħidma u servizz tant siewi fil-knisja tan-Nadur.**



F'jum is-Solennità Liturġika ta' San Pietru u San Pawl fid-9:00am l-Konċelebrazzjoni Solenni kienet



immexxija mill-Isqof Elett Mons. Anton Teuma, filwaqt li Mons. Lawrenz Sciberras qasam magħna l-messaġġ tal-okkażjoni. Filgħaxija mbagħad wara l-għasar immexxi minn Mons. Arċipriet Jimmy Xerri, kellna l-opportunità li nagħmlu l-pellegrinaġġ bl-istatwa ta' San Pietru u San Pawl. Kien mument ta' ferħ għal kulħadd għax ma kenitx mistennija.

### *Ostensorju Ġdid*

Dan is-sajf ġie mżanżan Ostensorju ġdid għall-Kappella ta' Kemmuna. Dan l-Ostensorju kien l-idea tar-Rettur Mons. Ġużepp Attard u ġie mnaqqax fl-injam minn Mark Falzon. Huwa f'forma ta' dgħajsa u hu maħsub għal dawk li jiffrekwentaw din il-Kappella li bilfors iridu jaqbdu d-dgħajsa sabiex jaslu hemm. L-Ostja mqaddsa qiegħda fin-nofs tal-qlugħ biex tindika li Kristu huwa dik il-qawwa li tmexxina 'l quddiem fil-ħajja. Fost simboli li jidhru fuq l-ostensorju hemm l-għeneb (inbid) u l-qamħ (ħobż) u l-ittri IHS li jfissru li l-Ewkaristija hija l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu u li Ġesù huwa s-Salvatur tal-bniedem.



## LULJU

### *Griżma tal-Isqof*

Grupp ta' adolexxenti mill-parroċċa tagħna rċevew is-sagrament tal-Griżma tal-Isqof nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju 2020 fis-7:00PM. Dan kien mument sabiħ għalina għax dan il-jum immarka l-aħħar impenn li fih Mons. Isqof Mario Grech wettaq bħala ragħaj tad-Djoċesi ta' Għawdex.

## AWWISSU

### *L-Ewwel Tqarbina*

Minħabba ċ-ċirkustanzi partikulari tal-pandemija tal-Corona virus, għal din is-sena t-tfal li rċevew l-ewwel tqarbina ġew maqsuma f'żewġ gruppi; bniet għalihom u subien għalihom. B'kollox kien hemm 38 tifel u tifla li għamlu l-preċett. Is-subien kellhom il-festa fit-2 ta' Awwissu u l-bniet fid-9 ta' Awwissu. Minkejja din is-sitwazzjoni xorta waħda kellhom l-opportunità li jagħmlu din l-esperjenza tant għażiża tal-laqgħa ma' Ġesù.

### *Isqof Ġdid*

Nhar il-Ġimgħa 21 ta' Awwissu saret il-Konsagrazzjoni tal-Isqof il-ġdid tad-Djoċesi ta' Għawdex, Mons. Anton Teuma. Iċ-ċerimonja saret fil-knisja tax-Xewkija u sabiex tinżamm id-distanza soċjali konna mħeġġin insegwu dan l-avveniment minn fuq il-mezzi soċjali. Il-motto tal-istemma Episkopali tal-Isqof Teuma hu meħud mill-Vanġelu skont San Luqa, "U baqa' miexi magħhom" u juri l-missjoni tal-knisja li f'isem Kristu takkumpanja lill-bniedem fil-mixja tal-ħajja tiegħu, anki fil-mumenti tqal u ta' dlam.



## SETTEMBRU

### *Direttorju*

Il-parroċċa ħejjiet ktejjeb ta siwi kbir b'indirizzi u numri telefoniċi ta' negozji u servizzi li joffru nies min-Nadur u fin-Nadur kif ukoll persuni oħrajn minn barra n-Nadur. Dan il-ktejjeb bit-titlu "Kuntatti Utli" tqassam f'kull dar bħala servizz tal-parroċċa lill-parruċċani u anke sabiex jinġabru xi fondi għal-lift li se jkun installat fiċ-Ċentru Pastorali sabiex ikun aktar aċċessibbli.

### *Grazzi Dun Mario*



Nirringrazzjaw lil Dun Mario Mercieca li serva f'dan ir-raħal għal dawn l-aħħar sentejn. Huwa

ġie ordnat saċerdot mill-E.T. Mons. Mario Grech waqt quddiesa li saret fuq iz-zuntier tas-santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Dan il-qassis żagħżugħ se jissokta bl-istudji tiegħu fil-Parroċċa Sacri Cuori di Gesù e Maria f'Ruma. Waqt li nifirħulu nwiegħduh ukoll it-talb tagħna.

## OTTUBRU

Nhar is-Sibt 10 ta' Ottubru 6 persuni min-Nadur li kienu fuq jot ġew wiċċ imb wiċċ mal-Balena l-Kbira (Fin Whale). Din intlemħet mal-mil u nofs 'l barra mir-Ramla. Fost dawk li esperjenzaw u rrakkontaw din il-ġrajja mhux tas-soltu kien hemm Peter Farrugia u Emanuel Attard dilettanti tal-baħar min-Nadur. Din hija l-ikbar balena li tpassi mill-Mediterran u hija t-tieni l-ikbar balena fid-dinja wara l-Blue Whale. Ta min isemmi wkoll li fl-Università ta' Malta għaddejja riċerka mmexxija mill-bijologa Prof. Adriana Vella, proprju fuq din il-balena.



### *Duttrina u laqgħat*

Wara li f'Marzu waqaf kollox ħesrem minħabba l-Covid-19, f'Ottubru reġa' beda t-tagħlim tad-duttrina fl-oqsam tal-bniet u tas-subien tal-MUSEUM kif ukoll il-laqgħat tal-adolexxenti fiċ-Ċentru. Nifirħu mal-Museum tal-bniet li minn nhar it-Tnejn 19 ta' Ottubru bdew għaddejjin bil-ħidma tagħhom ta' tagħlim nisrani mill-qasam il ġdid tagħhom. Il-laqgħat tat-tagħlim nisrani u tal-għarajjes bdew prattikament f'nofs ix-xahar ta' Ottubru wara li sar impenn sħiħ u kollettiv biex jiġu osservati l-miżuri kollha dwar l-indafa, id-distanza soċjali u l-ilbies obligatorju tal-maskri. Din is-sena il-purċissjoni bil-Madonna tar-Rużarju ma saritx.

### *Ċentru Pastorali*

Nhar is-Sibt 3 ta' Ottubru sar it-tberik taċ-Ċentru Pastorali Papa Ġwanni Pawlu II mill-E.T. Mons. Anton Teuma fil-bidu tal-ħidma tiegħu bħala Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex.



Din il-binja se taqdi għadd ta' funzjonijiet, fosthom ċentru għaż-żgħażagh, l-uffiċċju parrokkjali, ir-radju komunitarju u l-mużew parrokkjali. Preżenti għall-ftuħ uffiċjali kien hemm ukoll il-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri, il-Membru Parlamentari Ewropew Dr Josianne Cutajar, il-perit inkarigat mix-xogħol Edward Scerri, rappreżentanti tal-Kunsill Lokali tan-Nadur, u l-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl.

### *Il-Pandemija tkompli*

Ħafna ħasbu li wara s-sajf l-affarijiet imorru għall-aħjar. Imma f'daqqa waħda l-pandemija ħadet ir-rotta u l-każijiet żdiedu bil-bosta. Waqt li qed jinkiteb dan l-artiklu s-sitwazzjoni għadha prekarja. Nittamaw li bl-għajnuna ta' Alla, ix-xjenza tagħti rimedju li jkun ta' fejda għall-umanità kollha.

Għalkemm din il-pandemija ma għandha xejn pożittiv fiha nfisha, żgur li għalina lkoll kienet mument li fih irriflettejna iktar. Kellna bilfors nimxu b'pass iktar bil-mod li bih imma kellna iktar ħin għal xulxin u għal Alla. Il-Covid-19 kienet l-okkażjoni biex sirna napprezzaw iktar lil dawk li qed jaqduna b'riskju għal saħħithom: tobba, nurses, carers, xufiera tat-trasport, tal-ħwienet eċċ. U għal dan għandna nkunu rikonexxenti lejhom.

## NOVEMBRU

### *Mixegħla*

Fl-1 ta' Novembru li għadda bosta parroċċi għamlu mixegħla fil-pjazza biex ifakkru s-solennità tal-Qaddisin Kollha. Din il-mixegħla saret bil-kollaborazzjoni u l-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex. Fin-Nadur inxtegħel salib fil-portiku tal-Knisja u fjura bix-xemgħa li saret fuq iz-zuntier. Il-

portiku żżejjen b'żewġ kolonni tal-injam li kienu saru minn Alfons Vella (1881-1970) u li ġew irrestawrati minn Mark Falzon, mgħejjun minn John Paul Galea.



### *Festa ta' San Koronatu*

Il-festa ta' San Koronatu din is-sena ġiet iċċelebrata bejn l-4 u t-8 ta' Novembru. Il-quddies tat-tlett ijiem tat-tridu kien immexxi mill-Kan. Dun Edward Vella. F'jum il-festa fit-8.30am saret quddiesa solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex, li fiha niseġ il-prietka għall-okkażjoni. Fil-5.00pm l-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri mexxa Konċelebrazzjoni Solenni bis-sehem tal-kapitlu tal-Kolleġġjata flimkien mal-Kleru, bil-kant tal-Għasar integrat. Imbagħad saret purċissjoni simbolika bil-fdalijiet ta' San Koronatu fil-knisja stess u wara ngħatat il-Barka Sagramentali.



### *Ġieħ in-Nadur*

Nifirħu lis-Sorijiet Franġiskani tan-Nadur li din is-sena ngħataw Ġieħ in-Nadur mill-Kunsill Lokali tal-istess lokalità. Din iċ-ċerimonja nżammet fit-13 ta' Novembru 2020 wara li ġiet iċċelebrata quddiesa fil-knisja Bażilika ta' San Pietru u San Pawl. Is-sorijiet Franġiskani ilhom aktar minn mitt sena jservu lill-komunità parrokkjali tan-Nadur bit-tagħlim, servizz liturġiku, talb u ħidma oħra favur il-knisja u l-familja.



U bħala awgurju għaż-żmien li ġej intemmu din il-kronaka eżattament bħalma bdejnieha billi nifirħu lil Karmena Sultana li sadanittant għalqet ukoll 101 sena. Awguri u barkiet.






## Nirringrazzjaw:

Lil: Donny Zahra (Amerika); Dr. Raymond Xerri u Charles Buttigieg (Kanada); The Australian - Nadur Association u l-Helpers (Melbourne), Marija Xerri (Sydney) Awstralja, li qassmu l-ħarġa tal-'Luminaria', Nru. 133, Diċembru 2019.

## Donazzjonijiet

Lokali: Dr Raymond Xerri: €15
Stati Uniti tal-Amerika: Joe & Angela Meilak: €20

IL-PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL
FI ĦDAN ID-DJOĊESI TA' GĦAWDEX
TIFRAĦ U TAWGURA

## L-EMINENZA TIEGĦU
## MONS. MARIO GRECH



Lill-Eminenza Tiegħu Mons. Mario Grech għall-ħatra tiegħu bħala Kardinal li ġiet konferita lilu mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku nhar it-28 ta' Novembru 2020 u għall-ħidma ġdida tiegħu bħala Segretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet.



## L-EĊĊELLENZA TIEGĦU
## MONS. ANTON TEUMA



Lill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Anton Teuma għall-ħatra tiegħu bħala d-Disa' Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex fl-okkażjoni tal-ordinazzjoni episkopali tiegħu li saret mill-Isqof Mons. Mario Grech nhar il-21 ta' Awwissu 2020.

Hekk kif f'nofs Marzu l-awtoritajiet iddeċidew li jingħalqu l-iskejjel, is-Soċjetà tal-Museum għamlet l-istess. Għal xhur sħaħ ma stajniex niltaqgħu fiżikament kif dejjem għamilna. Ħassejna l-vojt, ħassejna n-nuqqas ta' xulxin... in-nuqqas tat-tfal jistennew wara l-bieb biex jidħlu jilagħbu, l-għajjat u l-ferħ tagħhom waqt il-logħob, it-talba fil-bitħa, il-ħin tal-lezzjoni eċċ. Qatt ma immaġinajna li ser ngħaddu xhur bil-qasam magħluq. Kull ġimgħa konna nibagħtu email lill-ġenituri kollha u għamilna żmien nagħmlu laqgħa virtwali għall-Aspiranti.

Imma x-xogħol fil-qasam ma waqafx. Bħal kull dar oħra trid toqgħod magħha. Dejjem hemm x'tirranġa. Qabel waqafna minħabba l-Covid-19 konna għamilna xi monitors fil-klassijiet kif ukoll konna qed nibdlu l-whiteboards. Għalhekk ħadna l-okkażjoni għax peress li ma konniex nilqgħu tfal l-okkażjoni ta' periklu tonqos. Inżebgħu l-bibien u t-twieqi ta' ġewwa, bdilna d-dawl tal-kuritur tal-ground u d-dawl tal-ground, bdilna xi aperturi tal-aluminium, irranġajna n-naħa tal-qasam li tagħti fuq il-ground – tibjid, neħħejna l-wires li kienu fuq barra, bdilna l-katusi u t-tankijiet tal-ilma, għamilna inkwatri ġodda fis-sala ta' isfel (grazzi lil Martin Attard tal-fotografija), restawr tal-Madonna fil-bitħa ż-żgħira (grazzi lil Mark Falzon) - u bħalissa għaddejjin bil-proġett li ilna snin naħdmu fuqu... il-bini tal-lift.

Ilna snin inħossu n-nuqqas ta' lift fil-qasam. Mingħajr lift ma jkollokx kullimkien aċċessibbli. Persuna b'wheelchair ma tkunx tista' tinżel fil-ground jew inkella titla' fis-sular ta' fuq. U bosta benefatturi kienu jgħidulna li jixtiequ ferm jattendu għall-plays u l-attivitajiet li jsiru fis-sala prinċipali imma t-taraġ jaqtgħalhom qalbhom. Il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar ħareġ fis-sena 2017. Grazzi lill-periti Cornelia Tabone u Karmenu Borg tax-xogħol relatat mal-bini. Kieku xtaqna nibdew il-proġett minnufih imma kwistjonijiet ta' loġistika żammewna ftit lura. Is-sena l-oħra ħabbarna li konna qed nippjanaw li din is-sena nibdew il-bini tal-lift. U grazzi lill-Mulej, irnexxielna. Grazzi tal-għajnuna kbira li qed jagħtina Joe Portelli. Ix-xogħol beda f'nofs Ġunju u tlesta f'Settembru. Nixtiequ ferm li sas-Sajf li ġej il-lift ikun installat.

U dan kollu b'ħajr lill-benefatturi li anke meta l-qasam kien magħluq għat-tfal u ż-żgħażagħ xorta baqgħu jaħsbu fid-dar tad-duttrina. Jafu li dak kollu li jsir fil-qasam idur mal-formazzjoni tagħhom u jemmnu bi sħiħ fil-ġid li jinkiseb. Aħna min-naħa tagħna nwegħduhom it-talb tagħna filwaqt li nibqgħu nagħmlu ħilitna għall-ġid tal-ġenerazzjoni li tielgħa. Niżgurawkom li ż-żmien li għamilna magħluqin għal-lezzjonijiet u l-formazzjoni tas-soltu użajnieh għal affarijiet oħra meħtieġa wkoll. Ma ħlejniex żmien. Permezz tal-emails bqajna nibagħtu informazzjoni lill-ġenituri kollha kif ukoll fuq il-facebook tal-qasam bdejna ntellgħu informazzjoni u tagħrif siewi ieħor. B'hekk inkunu qed nimxu fuq il-prinċipju li tant kien jisħaq fuqu Dun Ġorġ, 'It-tagħlim hu l-għajn ta' kull ġid'.

Il-qasam reġa' fetaħ għaż-żgħażagħ u l-istudenti fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju. Is-Soċjetà ddeċidiet li nibdew mill-klassijiet il-kbar. Għaliex il-Museum mhux qiegħed hemm biex jipprepara t-tfal u l-istudenti għall-Ewwel Tqarbina u l-Griżma. Dawk huma sempliċement żewġ tappi fil-formazzjoni ta' dawk li jirfsu l-għatba tagħna. Dun Ġorġ kien wieħed minn tal-bidu li fehem li l-formazzjoni mhix xi ħaġa għaż-żgħar biss imma tul ħajjitna kollha u kellu mħabba speċjali għall-klassi tal-Magħżulin (dawk li jkunu diġà għamlu l-Griżma) u klassijiet ikbar. Anzi min tassew iduq il-Museum jgħidlek li s-snin ta' wara l-Griżma kienu l-isbaħ snin. Inħeġġu lill-ġenituri biex jibqgħu jfakkru u jħeġġu lil uliedhom biex jattendu regolari l-qasam. Posthom hawn ikun għadu sakemm jagħlqu s-sittax-il sena.

Għall-grazzja ta' Alla f'nofs Ottubru erġajna bdejna bil-klassijiet normali u ovvjament mexjin fuq l-istruzzjonijiet li jagħtuna mid-Dipartiment tas-Saħħa.

F'isem sħabi nawguralkom Milied qaddis u Sena Ġdida mimlija bil-barka ta' Alla. Fil-fuljett tal-Benefatturi tal-Milied nagħtukom informazzjoni ta' x'għandna ppjanat b'differenza għal dawn il-festi f'ambjent mhux tas-soltu.

**JOE CAMILLERI**









Rita Sacco







## X'għadda minn għalina

Bħal kull ħaġa oħra fid-dinja l-ħidma tagħna ġiet affettwata mill-pandemija tal-Covid-19. Sal-Milied imxejna normali u rnexxielna ukoll norganizzaw Jum il-Ġenituri eżatt qabel il-lockdown. Nhar il-Ħamis, 12 ta' Marzu, 2020 kellna nieqfu mid-duttrina u mil-laqgħat l-oħra ġewwa l-Museum.

Fil-lockdown tal-Covid 19 ħadna ħsieb sabiex almenu nippreparaw lit-tfal li kienu ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina u lill-adolexxenti li kienu ser jirċievu s-sagrament tal-Griżma tal-Isqof. Dan sar billi bagħatnilhom lezzjonijiet on line. Propjament dawn il-lezzjonijiet intbagħtu lill-ġenituri sabiex it-tfal isegwuhom b'mod virtwali anke fil-preżenza tal-ġenituri. Mill-feedback li kellna dawn kienu mhux biss ta' preparazzjoni għat-tfal għaż-żewġ sagramenti, imma wkoll ta' għajnuna għall-ġenituri stess.

## Il-Qasam il-Ġdid

Għall-grazzja t'Alla fl-aħħar wasal iż-żmien li naraw li l-ħidma tagħna issir realtà. Qed nirreferu għall-qasam il-ġdid fi triq Cicciano. Għalkemm fadal xi xogħol żgħir, xorta rnexxielna nimmuvjaw sabiex nibdew id-duttrina tat-tfal u tal-adolexxenti kif fil-fatt għamilna nhar it-Tnejn, 19 ta' Ottubru. Minkejja dawn iċ-ċirkustanzi preżenti tal-pandemija, xi ġenituri xorta qed jibgħatu lil uliedhom għat-tagħlim nisani. Il-lezzjonijiet qed isiru ta' 35 minuta, darba kull ġimgħa għal kull klassi bil-miżuri kollha mitluba mill-awtoritajiet tas-saħħa.

Bħala lokal, il-qasam il-ġdid huwa ħafna arjuż, imdawwal u spazzjuż. Jikkonsisti f'erba' klassijiet kbar u sala kbira u b'ventilazzjoni tajba. Ix-xogħlijiet ħasbu wkoll biex ikun hemm aċċess għall-persuni bi problemi ta' mobilità u jinkludu lift kif ukoll faċilitajiet sanitarji. Ma rridx inħalli barra l-bitħa kbira li hemm għat-tfal u li għalihom tagħmel differenza enormi fejn qabel kellhom jilagħbu barra fit-triq li kienet tingħalaq apposta. Dan il-qasam ġie mħolli b'wirt lill-Museum tal-bniet, mill-mibki soċju Naduri, Emanuel Sultana li għalina sintendi huwa l-akbar benefattur. Biex jista' jkollkom idea tal-qasam il-ġdid qed inġibu xi ritratti meħudin mill-benefattur tagħna, Martin Attard. Il-project manager kien il-Perit Edward Scerri li ħadem bis-sħiħ sabiex dan il-proġett ikun mill-aħjar u attraenti.

Bħalma wieħed jista' jimmaġina, dan il-qasam ġdid swielna spejjeż enormi, imma kien xieraq li t-tfal u l-adolexxenti Nadurin ikollhom lokal aktar adegwat u modern. Għad fadlilna nattrezzawh bl-għamara u siġġijiet addattati eċċ. Għaldaqstant qed nagħmlu sejħa speċjali għall-għajnuna finanzjarja mingħandkom benefatturi sabiex tweżnuna kif tistgħu fl-ispejjeż. Diġà kellna żewġ benefatturi li offrew li jħallsu klassi kull wieħed. B'hekk intom mhux ikollkom sehem mit-tagħlim li jkun qed isir biex "Alla jkun magħruf u maħbub" imma tkunu wkoll qegħdin tinvestu fluskom fil-bank tal-Mulej, fis-sema. San Ġorġ Preca kien igħid li l-Museum huwa forġa fejn jinħaraq id-dnub. Min-naħa tagħna filwaqt li nirringrazzjaw lil kull benefattur, it-talb tagħna għalikom ma jonqos qatt.

RITRATTI TAL-MUSEUM IL-ĠDID FI TRIQ CICCIANO
(Ritratti Martin Attard)



Għall-benefiċċju ta' dawk il-ġenituri li għadhom ma bagħtux lil uliedhom, qed inwasslulkom il-ġranet u l-ħinijiet tat-tagħlim f'dan il-museum il-ġdid.

## L-ewwel xift: mill-5.00 sal-5.35p.m.

| | |
|---|---|
| It-Tnejn | Year 3 |
| It-Tlieta | Year 2 |
| Il-Ħamis | Year 4 |
| Il-Ġimgħa | Form 1 |

## It-tieni Xift : Mis-6.00 sas-6.35p.m.

| | |
|---|---|
| It-Tnejn | Year 5 u Form 3 |
| Il-Ħamis | Year 6 |
| Il-Ġimgħa | Form 2 |

Nixtieq naqsam magħkom xi ħsibijiet mill-ktieb ta' San Ġorġ Preca: "Is-Salm Vanġeliku tas-Sirijaku" fejn il-fundatur isejjaħ lil Mulej bħala t-tabib tagħna. Veru li għad m'għandniex vaċċin għal Covid-19, imma Ġesù hu 'l fuq minn din il-pandemija li għaddejjin minnha. San Ġorġ Preca jgħid hekk:

"Aħna iva morda, u niġu għandek biex inti tfejjaqna. Mulej inti t-tabib tagħna li tagħtina r-riċetti li għandna bżonn, tabib li ser tieħu ħsiebna. Iva, inti t-tabib tagħna, u aħna naċċettaw kull riċetta li inti tiktbilna għax nafu tajjeb min inti int.

Inti tagħmel għas-saħħa tar-ruħ bħalma jagħmlu t-tobba l-oħra għas-saħħa tal-ġisem. Dawk jikkuraw bi ħwejjeġ kuntrarji: għall-kesħa jordnaw is-sħana, u għas-sħana jordnaw ħwejjeġ kesħin. *(Hawn isemmi lista tal-mard spiritwali):*

Inti lis-suppervi tordnalhom l-umiltà biex ifiqu, lix-xħaħ tordnalhom il-ġenerożità, li jiftħu jdejhom. Lill-odjużi (dawk li jobogħdu lill-oħrajn) tordnalhom l-imħabba, liż-zienja tordnalhom il-kastità. Lill-furjużi (dawk li jitlagħlhom malajr) tordnalhom il-manswetudni u l-ħlewwa; lill-għażżenin tordnalhom il-bżulija, u ż-żaqqaqin is-sawm.

Inti t-tabib li nżilt mis-sema biex tfejjaqna, basta però li aħna nkunu rridu tassew infiqu. Beatu min joqgħod għall-osservanza tar-riċetti tiegħek, għax ifiq u ma jara l-mewt qatt, u jkollu l-ħajja ta' dejjem."

Ġesù inti t-tabib tagħna kemm tar-ruħ kif ukoll tal-ġisem, agħmel li l-ħarsa tiegħek fuqna ġġibilna sliem fil-qalb u saħħa fir-ruħ u fil-ġisem.

Nawgurawlkom Milied Qaddis u san flimkien ma' sena mimlija saħħa u barka tal-Mulej.

Il-paċi magħkom.
**Superjura u katekisti**

# MID-DJARJU
# TAL-ISKOLA PRIMARJA

Qed ngħixu fi żmien ta' tħassib u taqlib. L-imxija tal-Covid-19 ħarbtet dak li konna mdorrijin bih, dak li konna nieħdu 'for granted'. Bħalma jixhdu artikli oħra f'din il-ħarġa ta' Luminaria fejn din l-imxija affettwat bil-kbir il-ħidma pastorali fil-parroċċa, din il-pandemija ħarbtet għal kollox il-ħajja skolastika tradizzjonali għall-istudenti u l-għalliema tagħna.

## L-ISKOLA WARA FRAR

Kien qed isir l-ittestjar fuq l-istudenti permezz tal-assessments li jittieħdu mit-tfal tat-tielet sas-sitt klassi. Mis-sena l-oħra 'l hawn ma baqgħux isiru l-eżamijiet ta' nofs is-sena, biex minflok, l-istudenti jirċievu rapport dwar il-progress tagħhom fl-iskola permezz ta' ħidmiet li jsiru matul is-sena kollha u mhux waqt eżami. Konna qegħdin naraw li s-sitwazzjoni fl-Italja ma kienet xejn sabiħa, għalhekk meta faqqa` l-ewwel każ tal-Covid-19 ġewwa pajjiżna ma ssorprendejniex ruħna bl-aħbar li ħarget fit-12 ta' Marzu li l-iskejjel kellhom jingħalqu għal ġimgħa u wara għal żmien indefinit. Niftakar l-istudenti tar-raba' sena flimkien mal-għalliema tagħhom kienu fuq Maths Trail ġewwa ċ-Ċittadella. Għalihom u għat-tfal l-oħra kellha tkun l-aħħar ġurnata tas-sena skolastika 2019-2020 fl-ambjent tal-iskola tagħhom.

Konna qegħdin f'sitwazzjoni li ħadd ma kien ippreveda qabel u ħadd ma kien jaf kemm konna se ndumu fiha. Kien madwar ġimgħa wara meta d-Direttorat tal-Edukazzjoni nieda l-implimentazzjoni tat-tagħlim online. L-iskejjel ġa kellhom pjattaforma minn fejn l-istudenti setgħu jagħmlu aċċess għal taħriġ permezz tal-internet, u l-għalliema bdew jadattaw għal din l-għodda u bdew jibagħtu spjegazzjonijiet u xogħol fuq l-internet biex l-istudenti jkunu jistgħu jkomplu jitgħallmu mid-dar. Minn zmien għal żmien beda wkoll jingħata xi forma ta' taħriġ lill-għalliema dwar programmi oħra online li setgħu jintużaw għall-benefiċċju tal-istudenti tagħna. Għalkemm it-tagħlim online ma jista' qatt jinbidel ma' dak li jsir fil-klassi, żgur li fiċ-ċirkustanzi kien l-aħjar għodda possibbli. Kelma ta' radd il-ħajr tmur ukoll lill-ġenituri li kienu jsibu l-ħin sabiex jgħinu lil uliedhom fix-xogħol tal-iskola.

Minħabba li ġie deċiż li l-iskejjel jibqgħu magħluqin sa Settembru, sa sena skolastika ġdida, id-Direttorat tal-Edukazzjoni ddeċieda li l-istudenti tal-Primarji jiġu promossi għall-klassi ġdida mingħajr eżamijiet. L-istess kellu jsir għat-tfal tas-sitt sena li mis-sena d-dieħla kellhom imorru fi skola ġdida. Għat-tfal tas-sitt sena intużaw ir-riżultati tal-Assessment li saru fi Frar marbutin mal-eżamijiet annwali li kienu għamlu fil-ħames sena, biex kull student isib postu fil-klassi tiegħu. Jidher li l-medja tar-riżultati tal-Assessments huma qrib ħafna meta mqabbla mar-riżultati tal-eżamijiet ta' Ġunju tal-aħħar snin. Dan juri li r-riżultati tal-Assessments huma kalkolu effettiv u juru ritratt tajjeb ħafna tal-kapaċitajiet tal-istudenti tagħna.

Matul iż-żmien li l-iskejjel kienu magħluqa, beda jsir xi xogħol ta' tisbiħ u manutenzjoni. Fl-iskola tagħna beda jsir xi xogħol tal-elettriku fil-wing li qabel kienet taghmel parti mill-Iskola tad-Drama. Il-ħsieb huwa li dalwaqt jibda l-proġett ta' tisbiħ għall-iskola tagħna wara li matul ix-xhur li għaddew, sar ħafna studju u ttestjar tal-bjut tal-iskola.



Inbidlu wkoll l-interactive white boards (IWB) tal-klassijiet kollha. Issa ser ikollna IWBs aktar moderni u attrezzati li kapaċi jħaddmu programmi innovattivi mmirati għall-istudenti tagħna.

## L-ISKOLA FIS-SAJF

Din is-sena reġgħet fetħet Skolasajf fl-iskola tagħna. Fil-fatt l-iskola tagħna ntużat bħala ċentru għat-tfal li joqogħdu l-Qala u Għajnsielem ukoll. Fetħet fl-1 ta' Lulju, taħt miżuri stretti, fejn il-klassijiet ma kellhomx jaqbżu tmien studenti kull waħda, u mingħajr ma jsir taħlit bejn klassi u oħra. Jidher li wara l-ewwel ġimgħat ir-riżultati kienu tajbin ħafna, fejn mhux biss il-playworkers imma anke t-tfal draw kif iġibu ruħhom f'din in-normalità ġdida. L-istess ftuħ ta' Skolasajf serviet ukoll bħala eżerċizzju u prova għal meta kellha terġa' tiftaħ l-iskola f'Settembru fejn ġew ippreparati tliet xenarji differenti marbuta mal-ftuħ tal-iskola.

## L-ISKOLA TIFTAĦ F'SETTEMBRU

Is-Sena skolastika ġdida bdiet fit-28 ta' Settembru meta l-għalliema daħlu lura fl-iskola wara l-vaganzi tas-Sajf. It-tfal imbagħad bdew deħlin il-ġimgħa ta' wara fuq medda ta' ġimgħa sħiħa biex jindraw il-protokolli ġodda li kienu qed jiġu osservati fl-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex. Id-dħul fl-iskola tagħna beda jsir minn tliet bibien differenti filwaqt li t-tfal tal-breakfast club kienu qed isibu 'packed breakfast' u jeħduh magħhom fil-klassi. Bdiet titħaddem is-sistema ta' bubbles fejn kull klassi tibqa' għaliha fi grupp u ma titħallatx ma' tfal ta' klassijiet oħra. Minħabba din il-prattika t-tfal qegħdin jibqgħu mal-istess għalliem il-ħin kollu u għalissa s-servizz tal-għalliema peripatetiċi mhux qed jingħata. It-tfal fil-klassi qed ikunu mbegħdin minn xulxin distanza ta' metru u nofs filwaqt li fil-klassi l-użu tal-maskra hija mandatorja. Dan mingħajr ma nsemmu li mad-dħul fl-iskola t-tfal qed titteħdilhom it-temperatura u qegħdin jagħmlu użu tajjeb mill-hand sanitizers li jinsabu f'kull entratura tal-iskola. Ilkoll inħossu li din is-sistema għandha n-nuqqasijiet tagħha imma kemm l-għalliema kif ukoll l-istudenti tagħna qegħdin jaċċettaw il-fatt li qegħdin ngħixu f'normalità ġdida u lkoll qegħdin nidraw b'dawn il-limitazzjonijiet għax nemmnu li t-tagħlim fil-klassi huwa ħafna aħjar minn dak online. Fl-istess ħin qegħdin ngħixu fi żmien fejn il-qagħda tista' tinbidel minn jum għal ieħor u għalhekk irridu nżommu għajnejna miftuħa għal kull eventwalità li tista' tinħoloq.

Nieħu l-opportunità biex f'din il-ħarġa ta' Luminaria li qed toħroġ fi żmien il-Milied, f'isem l-istaff kollu tal-Iskola Primarja tan-Nadur, nawgura l-Milied it-Tajjeb u s-Sena t-Tajba lill-qarrejja kollha ta' din ir-rivista. Jalla s-sena 2021 tkun sena aħjar minn dik ta' qabilha fejn il-ħajja terġa' għan-normal anke għall-istudenti tagħna.

**MARK AZZOPARDI**

All Kinds of Furniture

HEIRLOOM FURNITURE
Mr. Michael Camilleri
*Managing Director*
Heirloom Furniture Ltd.
N.B. Off Qortin Street,
Nadur, Gozo, Malta.
Tel: 21556954 Mobile: 99866682
e-mail: info@heirloominteriors.com
website: www.heirloominteriors.com

Parquet Flooring

Wooden Apertures According to CE Standards

Certified Firedoors
Exova Warringtonfire
Certificate No.
WF 186793

# ERĠAJNA GĦAMILNIEHA!

CHARLIE GRECH




L-istaġun 2019 – 2020 mill-ewwel wera li Nadur Youngsters kienu ser ikunu ma' ta' quddiem fil-ġlieda għar-rebħ tal-unuri. Fl-aħħar ħarġa konna ħallejna lill-Youngsters (bi tmien logħbiet – tmien rebħiet) fl-ewwel post tal-klassifika, b'erba' rebħiet minn erba' partiti, fil-kwarti finali tat-tazza GFA kif ukoll fit-tielet *round* Tal-MFA U*Bet FA Trophy.

Intant fl-10 ta' Novembru 2019, fil-*ground* Kerċem, Nadur kif mistenni kisbu rebħa faċli fuq S.K. Victoria Wanderers, partita tal-kwarti finali tan-K.O. tal-Ewwel Diviżjoni. Id-dominanza assoluta ta' Nadur ma ssarfet fl-ebda *goal* fl-ewwel taqsima, imma mbagħad skurjaw 3 *goals* fit-tieni waħda permezz ta' Predrag Pedja Djordjevic fis-47 minuta, Hugo Santa Rosa Cruz fl-84 minuta u Marcelo Junior Barbosa fid-89 minuta ssiġilla r-rebħa. Fis-semi finali Nadur iltaqgħu kontra Xagħra United.

L-impenn kontra Għajnsielem fil-kampjonat intlagħab ukoll fil-*ground* ta' Kerċem, partita li ntlagħbet f'kundizzjonijiet tat-temp diffiċli, f'xita kontinwa. Għajnsielem kellhom il-*player* Jhon Arboleda Valencia imkeċċi fit-tieni minuta, meta ta daqqa ta' minkeb lid-difensur Luke Tabone. B'Nadur kontinwament fuq l-attakk, fid-39 minuta wasal l-ewwel *goal* meta Predrag Pedja Djordjevic ħataf *clearance* ħażina u spara fix-xibka. Mal-ftuħ tat-tieni taqsima, eżatt fis-47 minuta kien Marcelo Junior Barbosa li wara *cross* tajjeb ta' Stefan Cassar, sab ir-rokna tax-xibka biex aċċerta r-rebħa u 3 punti minn dan il-konfront.

Fl-1 ta' Diċembru 2019, waslet il-partita tant mistennija, dik tat-tielet *round* tal-U*Bet FA Trophy kontra t-*team* tal-Premier Division tal-MFA, Birkirkara fil-ground Nazzjonali Ta' Qali. Din kienet l-ewwel darba li Nadur Youngsters lagħbu f'dan l-istadium. Għalkemm d-differenza bejn it-timijiet kienet ovvja, Nadur ma qagħdux lura, fejn kellhom ukoll xi okkażjonijiet ta' *score*. Birkirkara kienu aktar perikolużi, speċjalment fit-tieni taqsima, imma d-difiża, immexxija tajjeb ferm mill-*goalkeeper* Steve Sultana, żammet sod tul il-partita kważi kollha, għax meta kulħadd kien qed jistenna l-ħin barrani, minuta mit-tmiem Federico Falcone kiseb il-*goal* li elimina lil Nadur. Għalkemm diżappuntati, l-Youngsters ħarġu mill-ground b'rashom mgħollija wara wirja verament tajba.

Ġimgħa wara, fit-8 ta' Diċembru komplejna bil-kampjonat Għawdxi fil-Gozo Stadium, meta lagħabna kontra Kerċem Ajax. Il-Youngsters sabuha aktar diffiċli milli kien maħsub. Fl-ewwel taqsima Nadur kellhom *penalty* li ngħata minn Barbosa però kien salvat tajjeb ferm mill-*goalkeeper* Dizdarevic, biex ma rajna ebda *goal* sal-intervall. Nadur ħarġu aktar offensivi għat-tieni taqsima, fejn skurjaw tlett darbiet mingħajr risposta, biex komplew bis-sensiela ta' rebħ fil-kampjonat. Il-*goals* waslu mill-*Captain* Shaun Attard fil-55 minuta, wara li kien żmarkat minn Barbosa. Sitt minuti wara, Hugo Santa Roza Cruz sab ir-rokna tax-xibka b'azzjoni personali. Minuta mit-tmiem Marcelo Junior Barbosa għalaq il-partita b'goal sabiħ wara azzjoni bejnu u Hugo Santa Roza Cruz. Issa kien imiss il-konfront

dirett kontra Xewkija, konfront li kien mistenni wkoll mid-dilettanti tal-*football* Għawdxi.

Il-Ħadd 15 ta' Diċembru, fil-Gozo Stadium armat u b'folla sabiħa ferm, assistejna għal partita bejn iż-żewġ timijiet fl-ewwel u t-tieni post fil-klassifika, Nadur Youngsters u Xewkija Tigers, it-tnejn bla telfa fil-kampjonat. Kienet partita missielta u kumbattuta ħafna bir-riżultat jibqa' inċert sat-tmiem. Nadur kienu xi ftit aħjar fl-ewwel taqsima, imma d-difiża tat-Tigers żammet sod u ftit tat ċans lill-attakkanti Nadurin ikunu perikolużi, u meta kienu sabu lill-*goalkeeper* Grima ferm attent. Fuq in-naħa l-oħra, Steve Pisani fil-lasti Nadurin, ftit li xejn kien impenjat serjament. Żewġ minuti fit-tieni taqsima, Nadur kisbu *free kick* barra l-kaxxa, f'pożizzjoni angolata li minnu wasal il-*goal* li ddeċieda l-partita. Inkariga minn dan il-*free kick* Marcelo Junior Barbosa li ħasad għal kollox lid-difiża ta' Xewkija bil-ballun jispiċċa fir-rokna tax-xibka. Bit-Tigers jippruvaw, bi ftit konvinzjoni, biex jiksbu d-draw, Nadur komplew jikkontrollaw u anke kienu perikolużi fl-attakki tagħhom. L-aħħar suffara tar-referee, sabet lil Nadur fil-vantaġġ u b'din is-seba' rebħa konsekuttiva fil-kampjonat fetħu vantaġġ ta' ħames punti fuq l-istess Xewkija, fi tmiem l-ewwel *round*. Bix-xieraq kien il-ferħ tal-partitarji numerużi tal-Youngsters.

It-tieni round tal-kampjonat tal-ewwel Diviżjoni, fit-12 ta' Jannar 2020, Nadur fetħu b'rebħa u *double* fuq S. K. Victoria Wanderers. Donnu li Nadur kienu qed ibatu sabiex isibu x-xibka fl-ewwel taqsima fil-partiti tagħhom, u din kienet l-istess storja. Nadur jamministraw il-partita bla ma jsibu l-*goal*. Kien fit-52 minuta li Marcelo Junior Barbosa, wara pass tajjeb ta' Chris Camilleri, kompla fix-xibka biex fetaħ l-iskor. Fis-60 minuta, il-Wanderers ingħataw *penalty* għal *hands* fil-kaxxa ta' Luke Tabone u mill-ħdax il-metru Njongo Doding Priso kiseb id-*draw* momentarju għar-Rabtin. Reazzjoni qawwija w immedjata min-naħa tal-Youngsters u 3 minuti wara, xutt minn *free kick* ta' Chris Camilleri tkompla fix-xibka tiegħu stess minn Igor Misan għal *own goal*. Minuta wara, il-*Captain* ta' Nadur, Shaun Attard, spara xutt qawwi minn tarf il-kaxxa li għeleb għal kollox lil Giacomo Ratto fil-lasti tar-Rabtin. Minn hawn il quddiem, il-*goalkeepe*r tal-Wanderers kien strumentali sabiex l-iskor baqa' 3-1 favur Nadur meta wettaq saves tajba fuq Johan Castano u Daniel Farrugia.

Fis-26 ta' Jannar, iltqajna ma' Xagħra United fit-tieni partita mit-tieni *round* tal-kampjonat. Il-United ftit offrew oppożizzjoni u b'erba' *goals* f'kull taqsima, Nadur kisbu rebħa ta' 8-1, għal *double* fuq Xagħra. Kien Marcelo Junior Barbosa li fit-8 minuta fetaħ l-iskor meta għadda bejn 3 difensuri u spara xutt fil-baxx għar-rokna tax-xibka. Minuta wara Johan Castano laqat il-lasta minn pożizzjoni ideali. Il-*goalkeeper* ta' Xagħra kien kontinwament fl-azzjoni u wettaq numru ta' *saves* tajbin. U min jitlef iċ-*chances* iħallas qares. Hekk ġara fil-31 minuta meta Joshua Buttigieg, approfitta min-nuqqas ta' ftehim bejn, id-difensuri tal-Youngsters, u kiseb id-*draw.* Minn hawn il quddiem Nadur ma ħarsux lura u 4 minuti wara, Shaun Attard ħasad għal kollox lill-*goalkeeper* ta' Xagħra b'xutt angolat sabiex reġa' fetaħ vantaġġ ta' 2-1 għal Nadur. Żewġ *goals* fi spazzju ta' minuta minn Chris Camilleri (38 minuta) u Marcelo Junior Barbosa fid-39 minuta għamlu l-iskor 4-1 favur Nadur. Il-Youngsters komplew jiddominaw u jiskurjaw fit-tieni taqsima. Huma sabu x-xibka 4 darbiet minn Elkin Orlando Serrano Valero fil-50 minuta (l-ewwel *goal* tiegħu ma' Nadur), Johan Alberto Castano fis-67 minuta, Hugo Santa Rosa Cruz fis-70 minuta (dan kien l-1500 *goal* li Nadur Youngsters skurjaw fil-kampjonati) u l-aħħar *goal* minn Shaun Attard fl-74 minuta.

Il-partita kontra Għarb Rangers fil-31 ta' Jannar kienet passiġġata u *double* ieħor għal Nadur, partita mingħajr storja, (li kienet l-10 rebħa fil-kampjonati għal Nadur Youngsters kontra Għarb Rangers). Il-Youngsters niżlu għal din il-partita b'xi *players* regolari nieqsa, u xorta kienu tajba biżżejjed biex jiksbu t-tlett punti u l-għaxar rebħa konsekuttiva fil-kampjonat. Rebħa ta' 5-0 bil-*goals* jaslu minn Luke Tabone fil-5 minuta (dan kien il-75 *goal* li Nadur skurjaw kontra Għarb fil-kompetizzjonijiet kollha), tnejn minn Johan Alberto Castano fid-39 u fil-55 minuta, Marcelo Junior Barbosa fil-71 minuta u Hugo Santa Rosa Cruz fis-77 minuta.

Partita li ġibdet folla numeruża fil-Gozo Stadium kienet dik tad-9 ta' Frar, bejn Nadur Youngsters u Victoria Hotspurs. Hawn ir-Rabtin temmew il-mixja pożittiva tal-Youngsters fil-kampjonat meta għelbuhom 2-0, b'goal f'kull taqsima minn Elton Alexandre da Silva, fit-13 u fit-52 minuta. Għalkemm Nadur kellhom aktar pussess tal-ballun, huma naqsu milli jkunu perikoluzi u ta' dan pattew qares għax il-Hotspurs approfittaw mill ftit opportunitajiet li kellhom biex rebħu l-logħba. Din kienet l-ewwel partita minn erbgħa li Nadur kellhom jilgħabu f'għaxart'ijiem.

Fit-12 ta' Frar, Nadur lagħbu kontra Xagħra United f'partita mis-semi finali tal-Kompetizzjoni K.O. tal-GFA. Kif mistenni l-Youngsters rebħu din il-partita faċilment 3-0. Il-*goals* ta'



Nadur waslu minn Hugo Fernando Pirez, tnejn, fit-3 minuta tal-ħin mogħti żejjed fl-ewwel taqsima (l-ewwel *goal* tiegħu ma' Nadur), u fit-53 minuta u minn Hugo Santa Rosa Cruz fit-48 minuta (dan kien l-2200 *goal* li Nadur skurjaw fil-kompetizzjonijiet kollha). Issa Nadur kienu qed jistennew biex jaraw min kienu ser ikunu l-avversarji tagħhom fil-Final wara li jiltaqgħu Għarb Rangers u Victoria Hotspurs fis-semi finali l-oħra.

Il-Kampjonat tkompla fis-16 ta' Frar meta Nadur dehru li nsew it-telfa kontra l-Hotspurs u b'wirja tajba kisbu double u ġabu fix-xejn lil Għajnsielem b'rebħa komda ta' 4-1. Għajnsielem kienu fil-partita fl-ewwel taqsima imma meta Johan Alberto Castano fetaħ l-iskor fit-28 minuta, Nadur ħadu l-kontroll biex żiedu tliet *goals* oħra fit-tieni taqsima, minn Stefan Cassar fit-52 minuta, Shaun Attard fis-67 minuta u minn Brandon Said fil-75 minuta. Brandon Said skorja dan il-*goal* sekondi wara li daħal bħala sostitut bl-ewwel ballun li mess. Għajnsielem skurjaw il-*goal* tal-bandiera eżatt fid-90 minuta.

It-Tnax-il rebħa fil-kampjonat waslet bid-*double* li Nadur kisbu fuq Kerċem Ajax fid-19 ta' Frar. Din kienet ir-raba' partita f'għaxart'ijiem. Għalkemm Nadur kienu superjuri tul il-partita kollha, sabuha diffiċli ferm aktar minn mistenni biex jiskurjaw. Huma rebħu din il-logħba 2-0, b'*goals* minn Emerson Marcelina fis-36 minuta (l-ewwel *goal* tiegħu għal *Club*) u Marcelo Junior Barbosa minuta fil-ħin miżjud fit-tieni taqsima. B'din ir-rebħa Nadur żammew il-5 punti vantaġġ fuq Xewkija Tigers fil-klassifika.

F'Għawdex, id-dilettanti tal-*football*, kienu jitkellmu fuq l-1 ta' Marzu, meta kellhom jiltaqgħu Nadur Youngsters kontra Xewkija, partita li kellha tagħlaq it-tieni *round*. Il-Gozo Stadium kien armat għall-okkażjoni miż-żewġ settijiet ta' partitarji u b'folla kbira tassisti għal dan il-konfront. Hawn assistejna għal partita li żgur ser tibqa' tissemma' għal diversi raġunijiet, fosthom kif Nadur iddominaw kompletament, skurjaw 5 goals fl-ewwel 43 minuta u taw wirja ta' *football* eċċezzjonali. Kull min kien il-*ground* baqa' ma jistax jemmen dak li kien qed jara. Team wieħed biss fil-ground, tattikament u fiżikament superjuri. Mhux ta' b'xejn li wara l-logħba, Nadur iċċelebraw kif jafu huma (bil-kbir) kemm fil-*ground* kif ukoll, sa tard, fir-raħal. Intant, Nadur ħarġu ferm aggressivi u sfurzaw lit-Tigers lura jiddefendu kif jistgħu. Johan Alberto Castano fetaħ l-iskor fis-sittax-il minuta, u lanqas kienu għadhom taffew iċ-ċelebrazzjonijiet tal-*goal* meta minuta wara Marcelo Junior Barbosa għamilhom 2-0. Hawn żdied bil-kbir is-support min-naħa ta' Nadur waqt li faċċata dehru jikkwitaw xi ftit. Chris Camilleri, fit-28 minuta għamilhom 3-0, biex Barbosa żied ieħor fis-36 minuta u Castano għalaq il-*quintina* fit-43 minuta. Nadur tant kienu superjuri f'din il-partita li saħansitra rrendew it-tieni taqsima f'sessjoni ta' *training.*

Fit-8 ta' Marzu beda it-tielet *round* bil-Youngsters jiksbu rebħa komda ta' 3-0 kontra S. K. Victoria Wanderers bil-*goals* jaslu minn Marcelo Junior Barbosa fl-10 u fit-30 minuta u bl-ewwel *goal* ta' Daniel Farrugia għal Nadur fis-60 minuta. Wara din il-logħba, Nadur fetħu vantaġġ komdu f'ras il-klassifika, bi 8 punti vantaġġ.

Hawn tfaċċat l-imxija tal-Covid-19 li waqqfet, fost ħafna affarijiet oħra, il-*football* f'pajjiżna. Wara ħafna diskussjonijiet ġie deċiż, u jien ngħid bix-xieraq, li Nadur Youngsters jiġu ddikjarati **CHAMPIONS** għat-tnax-il darba fl-istorja. Kumment sabiħ li smajt kien "lanqas il-Covid-19 ma waqqafna". Billi kien hemm restrizzjonijiet ma stajniex niċċelebraw dan is-suċċess u għalhekk kienu f'posthom iċ-ċelebrazzjonijiet li saru wara r-rebħa kontra Xewkija. Kien deċiż ukoll li l-kompetizzjonijiet tat-tazzi ma jitkomplewx u lanqas issir *relegation* dan l-istaġun, filwaqt li kienu promossi l-ewwel żewġ timijiet mit-tieni diviżjoni. Issa rridu nistennew u naraw kif ser jiżvolġi l-kampjonat ta' staġun ieħor. L-awgurji tiegħi: Nobdu l-istruzzjonijiet li qed jingħataw ħalli "Inkomplu fejn ħallejna".

Minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19 ma saritx il-laqgħa Ġenerali Annwali bil-kumitat jibqa' kompost kif kien fl-aħħar staġun. Saret bidla fil-presidenza, fejn Joseph Portelli ċeda postu lil ibnu Tristen fit-tmexxija tal-Club. Nawgurawlu.

Nawgura l-festi ta' Milied ħieni u qaddis flimkien ma' sena Ġdida mimlija hena, kuntentizza u suċċessi lill-familja tal-Youngsters u l-kumplament tal-poplu Naduri kollu.



# Esperjenza ta' Xogħol Volontarju
## LI MA NISTA' NINSA QATT

DARINKA MARIE GRECH

Ix-xogħol volontarju minn dejjem kien jattirani. Jagħtini sens qawwi ta' motivazzjoni u llum nista' ngħid li sar parti integrali minn ħajti. Ilni 13-il sena naħdem fil-volontarjat mal-NGO Sależjana 'Salesian Pastoral Youth Service' (SPYS). Barra milli ħdimt fuq diversi proġetti lokalment, kelli erba' proġetti barra minn Malta, tlieta fl-Indja u wieħed fil-Kenja, fejn kont involuta l-aktar mat-tfal u żgħażagħ. Esperjenzi bħal dawn kienu ta' sodisfazzjon kbir għalija u tinduna li dejjem hemm xi ħaġa ġdida x'titgħallem, għax meta tkun tgħix f'komunità barranija tkun tista' taqsam l-esperjenza mal-oħrajn u b'hekk titgħallem aktar int.







Fi Frar 2020, kont Davangere, l-Indja mal-komunità Sależjana. Kienet esperjenza li ma nista' ninsa qatt! Ħafna mumenti sbieħ u ta' ferħ: organizzajna attivitajiet tal-karnival għat-tfal, kont ta' għajnuna f'sessjonijiet ta' tagħlim tal-lingwa Ingliża u fl-accounts għal studenti aktar maturi, għint fil-crafts u organizzajt logħob, imma l-akbar sodisfazzjon kien li kont preżenti qalb it-tfal u ż-żgħażagħ fil-ħin tal-iskola u l-ħin tal-logħob!



Sfortunatament minħabba l-Covid-19, is-sitt xhur esperjenza li kelli nagħmel intemmet wara biss xahar u nofs. Peress li ma stajtx nirritorna Malta, spiċċajt qattajt xahar ieħor mal-komunità Sależjana f'Bangalore minħabba l-lockdown. Imma anke minn dan ħarġet esperjenza tajba ħafna għalija billi temmejt l-esperjenza tiegħi fl-Indja b'ġimgħa f'hostel tas-Sależjani għall-bniet f'Bangalore. Matul din il-ġimgħa kelli l-possibbiltà li nqatta' ħafna ħin nilagħbu u nagħmlu crafts ma' tfal bniet u żgħażagħ. Kollox ma' kollox inħoss li din l-aħħar esperjenza tiegħi kienet esperjenza tajba ħafna, għax barra li stajt ngħin mill-ftit li naf lil ħaddieħor, stajt ngħix u nesperjenza l-kultura tal-pajjiż. Nittama li jerġa' jkolli opportunità nagħmel esperjenza oħra bħal din.

**Andria**
**Cafetteria & Bar**




Pjazza
San Pietru
u
San Pawl,
Nadur.



# MIR-REĠISTRI PARROKKJALI

MAGĦMUDIJIET, IMWIET U ŻWIĠIJIET LI SARU FIL-PARROĊĊA TAN-NADUR MATUL IS-SENA 2019

## MAGĦMUDIJIET

| Data | Isem it-Tarbija | Il-Missier | l-Omm |
|---|---|---|---|
| Jannar | | | |
| 5 | Amos Joseph* | Amar Cheniti | Jamina Chalal |
| 13 | Zane | | Josefa Sultana |
| Frar | | | |
| 3 | Davlin | Mario Cassar | Jody Michelle Borg |
| 10 | Jake John | Lorry Portelli | Caroline Theuma |
| April | | | |
| 20 | Claire | Matthew F. Azzopardi | Chantelle M. Portelli |
| 20 | Mireille Anne | Mario Mercieca | Sarah Said |
| Mejju | | | |
| 1 | Harry | Paul James Mizzi | Rowena Theuma |
| 12 | Jordan | Jeffrey Formosa | Maryse Anne Cauchi |
| 9 | Evgeni* | Todar Roshmanov | Elisaveta Apostolava |
| Ġunju | | | |
| 9 | Eric | Marlon Spiteri | Michelle Vella |
| 16 | Lucija | Stefan Vassallo | Nadine Said |
| Lulju | | | |
| 13 | Alissa | Mark Cutajar | Tanatcha Budda |
| 21 | Julia | Paul Galea | Larissa Anne Abela |
| 27 | Noami | Steve Cordina | Corrine Marie Farrugia |
| Awwissu | | | |
| 7 | Benjamin | Stuart Quinn | Lorraine Saliba |
| 26 | Greyson Lee | Shaun Attard | Stacey Hili |
| Settembru | | | |
| 15 | Jordan | Joseph Muscat | Mary Anne Portelli |
| 28 | Michael | John Portelli | Diane Angie Galea |
| 29 | Paula | Martin Azzopardi | Diane Bonello |
| Ottubru | | | |
| 27 | Mateo | Uvgeni Roshmanov | Jordanka Roshmonava |
| Novembru | | | |
| 3 | Jaxon | Shawn Micallef | Sarah Xuereb |
| 9 | Sophia Jane | Mario Xuereb | Jessica Portelli |
| 23 | Arianne | Kenneth Portelli | Angie Marie Portelli |
| Diċembru | | | |
| | Barak Alessandro** | Fabrizio G. Tarricone | Ernesta Stephan Mpunza |
| 22 | Salome** | Fabrizio G. Tarricone | Ernesta Stephan Mpunza |
| 29 | Jack | Gary Hili | Michaela Sciberras |

*Adult

** Tfal taħt it-12-il sena

# ŻWIĠIJIET

| Data | Għarus | Għarusa |
|---|---|---|
| Mejju 31 | Franco Buttigieg (Xewkija) | Christine-Marie Muscat |
| Ġunju 15 | Darren Vella (Żebbuġ) | Janet Azzopardi |
| Lulju 20 | Nathaniel Grima | Leeann Falzon |
| Awwissu 3 | Joseph Buhagiar (Xagħra) | Sarah Buttigieg |
| Settembru 7 | Anthony Xerri (Qala) | Michelle Camilleri |

# IMWIET

*Difna biss

| Data | Isem | Età |
|---|---|---|
| Jannar | | |
| 1 | Georgia Azzopardi | 86 |
| 2 | Maria Carmela Said | 92 |
| 7 | Ġanna Buttigieg | 82 |
| 14 | Joseph Sultana | 98 |
| 21 | Emanuel Curmi | 71 |
| 22 | Rose Anne Sultana | 72 |
| 31 | Rita Muscat | 89 |
| Frar | | |
| 1 | Joseph Cini | 76 |
| 6 | Francis Cremona | 75 |
| 16 | Theresa Gatt* | 96 |
| Marzu | | |
| 2 | Peter Paul Portelli | 66 |
| 17 | Roża Farrugia | 81 |
| 20 | Alfred Portelli | 74 |
| 24 | Carmela Muscat | 84 |
| 27 | Antonia Formosa | 82 |
| 27 | Maria Buttigieg | 84 |
| 30 | Angela Bajada | 87 |
| 31 | Eugenia Camilleri | 79 |
| April | | |
| 8 | Margerita Portelli | 94 |
| 20 | Carmelo Muscat | 72 |
| 24 | Coronato Camilleri* | 84 |
| Mejju | | |
| 3 | Marija Camilleri | 79 |
| 13 | Frances Camilleri | 72 |
| 31 | Ġużepp Muscat | 83 |
| Ġunju | | |
| 2 | Nicholas Buttigieg* | 80 |
| 10 | Anthony Said | 60 |
| 12 | Carmela Borg | 83 |
| Lulju | | |
| 10 | Carmena Azzopardi | 84 |
| 21 | Anthony J. Sammut* | 86 |
| 24 | Kan. Kantur Ġużepp Muscat | 98 |
| 27 | Rita Camilleri | 83 |
| 27 | Joseph Falzon | 74 |
| Awwissu | | |
| 7 | Marija Vella | 82 |
| 12 | Salvu Camilleri | 71 |
| 16 | Pawla Parlar | 90 |
| 19 | Geoffrey Jenkinson | 67 |
| Settembru | | |
| 2 | Pawla Camilleri | 89 |
| Ottubru | | |
| 4 | Ġanni Muscat | 89 |
| Novembru | | |
| 13 | Pawla Cauchi | 82 |
| 13 | Carmela Muscat | 68 |
| 13 | Rita Camilleri | 90 |
| 18 | Joseph Buttigieg | 76 |
| 23 | Angelo Grech | 69 |
| Diċembru | | |
| 7 | Joseph Grima | 88 |
| 14 | Salvina (Vina) Rees | 74 |



IĊ-ĊIMA

ROOF GARDEN RESTAURANT

*Ikel mill-aqwa, atmosfera familjari u prezzijiet li jlaħħaq magħhom kulħadd*

St. Simon Street,
Xlendi - Gozo - Malta.
www.starwebmalta.com/cima.htm

Tel: 21558407
Fax: 21556737
Mob: 99558407
99877510

FAMILY NEEDS

Boutique

Pjazza Arċ Martin Camilleri

Household goods

*Nadette Muscat*

BERNANDY SUPERMARKET

**Your Shop - Your Choice**

**Pjazza Dan Martin Camilleri - Nadur - Gozo**

**Tel: 2156 5546**

*M & J Garage*

**Qortin Street, Nadur, Gozo. Tel: 2156 2771, Fax: 2156 4997**
**Mob: 9945 9772 / 9947 9590.**

*for Professional Painting, Colour Matching,*
*Panel Beating, Rust Reapir & Baking Spray*

**Car Rental**



Garden of Eden

Health and Beauty Salon

GUINOT
INSTITUT • PARIS

Eden M Galea
ITEC Diploma (U.K.) Specialised beauty therapist
"Garden of Eden", Hida Street, Nadur, Gozo Tel: 2155 8170 Mob: 7955 8170

# IS-SAGRAMENTI TAT-TQARBIN U TAL-KONFERMAZZJONI FIL-BAŻILIKA TAN-NADUR FIS-SENA 2020

## GRIŻMA TAL-ISQOF
### 14 TA' LULJU 2020





Il-gruppi ta' greżimandi li rċevew is-sagrament tal-konfermazzjoni fl-2020. Jidhru magħhom l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, Mons. Jimmy Xerri, Arċipriet tal-Parroċċa tan-Nadur, u l-Kan. Dun Salv Pace.

**KANDIDATI BNIET:** Attard Ritaenne; Buttigieg Elena; Camilleri Asia Rain; Camilleri Evie Joy; Camilleri Maria; Debono Amy; Debono Ilaria; Grech Ivana; Meilak Dorothea; Mifsud Brooke; Mifsud Maria Francesca; Said Leah; Said Rose; Stellini Elisa; Vella Ilenia Marie.

**KANDIDATI SUBIEN:** Attard Jason; Axiaq Neil; Azzopardi John Paul; Borg Keiran; Bugeja Carlos; Bugeja Lucas; Emeh Henry; Emeh Anthony; Farrugia Peter Paul; Galea Benjamin; Meilak Clyde; Muscat Nicol Angelo; Portelli Daniel; Said Jean-Claude; Said Owen; Saliba Kyle; Vassallo Gary; Vella Daniel Joe; Xuereb Carlos.

## L-EWWEL TQARBINA
### 2 U 9 TA' AWWISSU 2020





Il-grupp ta' studenti li rċevew l-Ewwel Tqarbina fis-sena 2020. Jidhru magħhom Mons. Jimmy Xerri, Arċipriet tal-Parroċċa tan-Nadur, flimkien ma' saċerdoti oħra u l-katekisti tagħhom

**BNIET:** Aquilina Katelyn; Attard Lea; Attard Mireille; Azzopardi Amy; Borg Ally; Buttigieg Ella; Buttigieg Faith; Camilleri Krista; Camilleri Quinn; Camilleri Valentina; Dingli Julia Marie; Degouveia Alissia; Emeh Marie; Farrugia Giana; Formosa Maia; Grech Alana; Muscat Kayla; Portelli Caitlin Marie; Portelli Krista; Said Michaela; Saliba Shirley; Tarricone Vittoria Salome; Vassallo Elisa; Xerri Chanel.

**SUBIEN:** Attard Nelson Paul; Camilleri Gerrard; Emeh Charlie; Falzon Manuel; Grima Cayden; Meilak Adam; Mifsud Blake; Mizzi George; Muscat Braydon; Muscat Gabriel; Sultana Jean; Sammut Jake; Tabone Wayne; Tarricone Alessandro Baraka; Theuma Mikiel; Zammit Kristian.

# APPREZZAMENT

## IL-KANONKU TEŻORIER ANTON MEJLAQ

28/11/1930 – 23/04/2020

Qisu lbieraħ meta wieħed u ħamsin sena ilu, eżattament nhar il-wieħed u tletin ta' Mejju 1969, il-Kan. Dun Anton Mejlaq assista miegħi fl-Ordinazzjoni Saċerdotali li flimkien ma' tlieta oħra ġejt ordnat saċerdot minn Mons. Isqof Nikol Cauchi, Amministratur Apostoliku, fil-Knisja Parrokkjali, Arċipretali, Matriċi, Kolleġġjata u Bażilika ta' San Pietru u San Pawl, in-Nadur.
Qisu lbieraħ meta Dun Anton fl-okkażjoni tal-Ewwel Quddiesa Solenni li saret fis-17 t'Awwissu tal-istess sena niseġ l-Paninġierku, kif ukoll fl-okkażjoni tal-Ħamsa u Għoxrin Sena mill-Ordinazzjoni tiegħi.
Dun Anton, kif konna ngħajtulu, kien saċerdot iddedikat għall-ministeru saċerdotali fl-għalqa tal-Mulej. Kien saċerdot assidwu għall-funzjonijiet liturġiċi li kienu jsiru fil-Parroċċa. Kien saċerdot imfittex ħafna għall-qrar. Bħala Kanoniku tal-Kolleġġjata kien dejjem puntwali għall-Kor. Kien Predikatur magħruf u serva għal diversi snin bħala Ċerimonier tal-Kapitlu, viċi-parroku għal diveri snin, kif ukoll Assistent Ekkleżjastiku tal-Azzjoni Kattolika tal-Parroċċa. Niftakar ukoll li għal diversi snin, flimkien ma saċerdoti oħra, kien imur iqarar fil-Parroċċa tal-Mellieħa f'ċerti okkażjonijiet bħalma huma: il-Festa ta' San Ġużepp u anke fi żmien ir-Randan speċjalment fil-Festa tad-Duluri.

Dun Anton kien saċerdot umli, eżemplari u fuq kollox kien patrijott Naduri li flimkien ma ħuh, il-mejjet il-Kan. Dekan Dun Pawl, kienu żewġ saċerdoti li għamlu unur lill-Parroċċa tagħna li tant kienu jħobbu, kif ukoll lis-saċerdozju Għawdxi.

Għażiż, jekk Alla jrid għad niltaqgħu u nieħdu sehem fil-Liturġija tas-Sema.



Ir-Rev. Kan. Anton Mejlak nhar jum il-festa ad unur San Pietru u San Pawl 2018. Waħda mill-aħħar funzjonijiet li attenda għalihom fil-parroċċa.

**Mons. Penitenzier Dun Salv Pace**

---

Kull bniedem għandu din l-istorja: twelid, ħajja ta' ftit żmien, u mewt. Hekk hija l-ħajja ta' kull maħluq taħt is-sema. Hekk kienet ukoll il-ħajja tal-Kan. Anton Meilak – twelid, ħajja u mewt.

Profil tal-ħajja ta' Dun Anton: Twieled fit-28 ta' Novembru 1930; ġie ordnat saċerdot fil-15 ta' April tas-sena 1956. Huwa serva fil-parroċċa bħala viċi-parroku mis-sena 1957 sas-sena 1963; kien ukoll assistent tal-Azzjoni Kattolika fin-Nadur mis-sena 1957 sas-sena 2000. Serva wkoll bħala ċerimonier tal-Kapitlu mill-1956 sas-sena 1961. Sar Kanoniku tal-Kolleġġjata fit-23 ta' Lulju 1961 u Vigarju Parrokkjali mill-1 ta' Ottubru 1988 sal-24 ta' Diċembru 2006. Kien ukoll Teologu tal-Kapitlu fl-24 ta' Gunju 2015 u Teżorier fit-30 ta' Dicembru 2017.

Konna nafu li saħħet Dun Anton, kif komunament konna nsibuh, kienet iddajfet; l-età u l-mard kienu ta' piż għall-ħajja tiegħu. Iżda l-aħbar tal-mewt li Dun Anton kien ħalliena, ħasdet lill-parroċċa tan-Nadur fejn twieled

u għex. Dun Anton, li kien rikoverat fid-Dar tal-Kleru f'Malta għal dawn l-aħħar sentejn, ġie msejjaħ f'dar il-Missier fis-sema nhar it-23 ta' April 2020 fl-età ta' 89 sena. Kien għalaq 64 sena saċerdot.

Is-saċerdot huwa rigal ta' Alla lill-bnedmin. Dun Anton minn ċkunitu kellu ħajra biex isir saċerdot. Hija grazzja kbira għall-dik il-familja li minnha Ġesù jsejjaħ lil xi ħadd biex isegwih mill-qrib fit-triq tas-saċerdozju. U hija grazzja akbar meta f'dik il-familja flok saċerdot wieħed, jiġu msejħa tnejn mill-ulied. Il-familja Meilak kienet mżejna b'saċerdot ieħor ikbar minn Dun Anton, li kien il-Kan. Dekan Dun Pawl; barra minn hekk Alla sejjaħ ukoll għall-ħajja reliġjuża lil oħthom Sr Luigina bħala soru Franġiskana. Tliet rigali ta' Alla mhux biss lil dik il-familja, iżda fuq kollox lill-poplu ta' Alla.

Il-ħajja ta' Dun Anton kienet ikkaratterizzata mid-dedikazzjoni tiegħu għall-ħajja saċerdotali. Kien saċerdot eżemplari, u mżejjen b'umiltà u b'qalb kbira. Għal dawk li kienu dmirijiet tiegħu ta' Kononiku hu kien dejjem assidwu u fil-ħin, u kien innutat għas-serjetà tiegħu waqt il-funzjonijiet. Sakemm kien għadu jiflaħ kien jieħu sehem fil-purċissjonijiet tal-Parroċċa.

Huwa dejjem qeda' d-dmirijiet tiegħu ta' saċerdot. Kien iddedikat biex iwassal il-Kelma ta' Alla kull darba li kien mistieden biex jagħmel dan. Ta' kull nhar ta' Ħadd kien iwassal l-omelija li hu kien dejjem iħejji b'reqqa kbira.

Kien iddedikat għall-konfessjunarju: kellu l-jiem li fihom kien jinżel iqarar dejjem fl-istess konfessjunarju. Il-Jum tal-Ewwel Ġimgħa tax-xahar kien jum li fih kien idum ħafna iqarar. Kienu ħafna dawk li kienu jżommu lil Dun Anton bħala l-konfessur tagħhom. Barra dan kien iqarar u jqarben lil diversi xjuħ, morda fid-dar tagħhom.

Dun Anton kellu karattru li jiġbdek. Kien ħabib ma' kulħadd. Kien jaqdi lil kulħadd. Huwa serva fil-parroċċa bħal viċi parroku mis-sena 1957 sas-sena 1963, żmien li fih il-viċi parroċi kienu jassistu għal ħinijiet twal u anke jassistu mall-moribondi matul il-lejl. Huwa serva wkoll bħala Vigarju Parrokkjal fl-istess parroċċa. Ta dan kollu, jiena li kont l-Arċipriet tal-Parroċċa tan-Nadur, f'isem il-poplu kollu nixtieq nirringrazzjah.

Minħabba l-projbizzjonijiet ta' bħalissa minħabba l-imxija tal-Covid-19, ma setax isir il-funeral b'quddiesa fil-Knisja. Iżda kellha tifsira kbira l-imġieba ta' dawk li waqt li Dun Anton kien qed jiġi trasportat minn Malta lejn iċ-ċimiterju, ħarġu fit-triq quddiem djarhom u fuq il-galleriji jistennew l-wasla tiegħu u nfexxew b'ċapċipa kbira li biha esprimew l-imħabba, ir-ringrazzjament u r-rispett tagħhom lejh. Kienet okkażjoni li siltet d-dmugħ. Tant qeda' u ħabrek għal-liturġija fil-Knisja u issa anqas hu ma seta' jidħol fil-Knisja. Kienu diversi wkoll dawk li kienu qed jistennewh ħdejn iċ-ċimiterju biex jagħtuh l-aħħar tislima f'dan il-post tal-aħħar mistrieħ.

Mons. Isqof Mario Grech mexxa l-aħħar talb fiċ-ċimiterju b'suffraġju ta' ruħu.

Issa li l-Kan. Dun Anton Meilak ħalliena, ejjew niftakru li hu, bħal kull maħluq, kellu wkoll d-difetti tiegħu u għalhekk ta' dak kollu li kien għalina, ejjew niftakru fih fit-talb tagħna.

Arċ. Emeritu
Mons. Salv Muscat

## KWOTAZZJONIJIET TAL-QADDEJ TA' ALLA
### *Dun Mikiel Attard dwar il-Milied*

Milied inxandruh mal-oħrajn: taf lil xi ħadd ma jiġix knisja, itlob għalih, għamillu xi pjaċir, niġbduh lejn Ġesù. B'hekk illejla f'nofs il-lejl jew jekk niġu l-knisja f'xi ħin ieħor ikollna l-grazzja li Ġesù jitwieled fina.
(24/12/1978: mill-omelija ta' Lejliet il-Milied)

X'ġara fl-ewwel Milied: Alla li ma jidhirx deher f'tarbija; Alla li ma għandux żmien beda storja tiegħu u daħal f'tagħna; Alla li jinsab kullimkien, deher f'post u qagħad fostna.
(25/12/1978: mill-omelija ta' Jum il-Milied)

Milied: Kemm tħossha l-preżenza ta' Ġesù fostna: dan jagħti sens fil-ħajja u min iħoss dan jifraħ.
(25/12/1978: mill-omelija ta' Jum il-Milied)

# IĊ-ĊENTRU PARROKKJALI U L-FORMAZZJONI MATUL IŻ-ŻMIEN

Intervisti ma' Mons. Kan Salvu Muscat, il-Kan. Ġużepp Grech u s-Sur Martin Sultana. Għall-kitba ta' dan l-artiklu nixtieq nirringrazzja lill-W.R. Arċipriet Mons. Jimmy Xerri.

Meta fis-70ijiet il-Filosofu Franċiż Michel Foucault kien qed jistudja s-sistema tal-Panopticon li kien ħareġ biha filosofu ieħor, l-Ingliż Jeremy Bentham fis-seklu sbatax, huwa kien tassew impressjonat, hekk li din saret bażika fil-ħsieb tiegħu. Il-Panopticon kienet sistema ta' arkitettura, użata speċjalment fl-iddisinjar ta' ħabsijiet u sptarijiet fejn ikollok struttura li tkun għolja u mqiegħda f'nofs il-bqija tal-kumpless jew binja. Imbagħad il-bqija tal-binja ddur magħha. Din kienet sistema fejn min kien ikun fin-nofs, kien ikollu vista ċara tal-binja kollha u allura seta' jżomm kontroll ta' dak kollu li qed jiġri. Din is-sistema matul iż-żminijiet saret ukoll użata metaforikament għall-entitajiet bħall-Istat jew il-Knisja li huma mhux biss fiżikament u spazjalment fiċ-ċentru, imma wkoll metaforikament, soċjalment, kulturalment u psikoloġikament fiċ-ċentru u l-qalba tal-komunità jew popolazzjoni.

Jekk wieħed iħares lejn l-istorja jista' forsi jilmaħ din l-istruttura mhux f'Malta biss, imma f'ħafna postijiet madwar id-dinja, fejn l-istat u l-knisja (reliġjonijiet diversi) żammew il-post ċentrali tagħhom soċjali, morali, etiku u politiku fuq in-nies. Anke t-tfassil urban jagħti lemħa ta' dan, bil-bini tal-istat u tal-Knisja jiddomina ċ-ċentri tal-irħula, mhux biss ġeografikament, iżda wkoll spazjalment u arkitettonikament, għax tendenzjalment huwa aktar rikk, usa' u għola. Bil-knisja tiddomina lir-raħal, il-poplu kien ikollu punt ta' referenza lejn fejn jitfa' ħarstu meta jrid jieħu deċiżjonijiet – minn dawk l-aktar rudimentali bħal pereżempju x'tip ta' diskors wieħed jgħid, x'jiekol f'liema ġranet, għal dawk aktar fundamentali bħall-għażla tal-istat tal-ħajja jew f'każijiet morali gravi. Biex ngħidu hekk, il-knisja kienet tipprova tgħallem lill-poplu dak li huwa reliġjuż, etiku u morali u żżomm għajnejha fuqhom biex jgħixu ta' ċittadini u nsara tajbin. F'dan is-sens, il-popolin matul is-sekli kienu mdawrin mal-knisja li kienet tiggwidahom fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

F'dan l-isfond soċjo-kulturali jista' jiġi nkwadrat it-tagħlim tal-katekiżmu li l-knisja offriet matul is-sekli u li kien parti miż-żerriegħa tas-sistemi edukattivi li żviluppaw aktar tard, anke dawk sekulari. Iżda l-Knisja għandha wkoll ir-responsabilità tagħha li tgħallem u li ġejja mill-mandat ta' Kristu nnifsu: 'Morru mela għallmu l-ġnus kollha u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu; u għallmuhom iħarsu kull ma ordnajtilkom. U, ara, jien magħkom sa l-aħħar tad-dinja.' (Mt 28, 19-20)

Daniel Meilak BA(Hons), MA (Melit.)

# Storja

Jekk nitfgħu ħarsitna lejn l-istorja tal-parroċċa tan-Nadur, insibu żvilupp interessanti f'dan ir-rigward. Sa mit-twaqqif tagħha, il-kappillan, bħal kull kappillan ieħor kellu d-dmir li jgħallem il-Katekiżmu. Din kienet missjoni importanti u mandatorja u li kienet ġeneralment tittieħed bis-serjetà. Bla skejjel u bla tagħlim, il-poplu ried ikollu sors fejn ikun dixxiplinat u edukat moralment u reliġjożament. Il-knisja kellha l-poter u d-dmir li tagħmel dan mhux biss fuq l-insara, imma fuq il-popolazzjoni kollha tal-gżejjer u allura tal-parroċċa, għaliex it-termini 'insara' u 'popolazzjoni' mhux dejjem kien hemm distinzjoni ċara u netta bejniethom. Xi waqtiet u għal xi wħud kienu waħda tfisser l-oħra. Fil-Viżti Pastorali li kienu jsiru kull tant snin mill-Isqfijiet ta' Malta, il-kappillan kien ikun mistoqsi jekk hux qed jaqdi dmiru f'dan ir-rigward.

U dan sa mill-bidu. Hekk insibu li meta l-Vigarju Ġenerali żar il-parroċċa f'isem l-Isqof Davide Cocco Palmieri fl-1698 (għaxar snin biss wara t-twaqqif tal-parroċċa) quddiemu resaq Dun Bernardo Haber, l-ewwel kappillan tal-parroċċa, u dan fissirlu li minbarra li jispjega l-Vanġelu fil-quddiesa, kien jgħallem ukoll il-katekiżmu lit-tfal u dan kien isir il-Ħadd qabel il-quddiesa.

Il-kappillan Dun Giovanni Andrea Falson fl-1721 ġietu idea aktar ambizzjuża. Minbarra li jgħallem il-Katekiżmu xtaq ukoll jgħallem suġġetti akkademiċi lil xi tfajjel li jkun promettenti. Din kienet idea verament novella f'parroċċa rurali bħalma kien in-Nadur (għax fl-ibliet kellek diġà inizzjattivi għaddejjin tal-inqas sa mill-Medju Evu). Fil-fatt kien talab permess lill-Pro-Vigarju Kapitulari ta' Malta biex jagħmel dan. Il-permess ingħata fl-1722 u kien beda t-tagħlim.



Il-Kappillan Rev Dr Francesco Sapiano li fi żmienu t-Tagħlim tal-Katekiżmu ġie organizzat aħjar

Lejn l-aħħar tas-seklu tmintax, fi żmien il-kappillan Dun Francesco Sapiano, kappillan mill-aktar għaref u li kellu dottorat, il-parroċċa kienet kibret ġmielha. Il-Katekiżmu kien qed jiġi mgħallem is-sena kollha, anke fis-sajf, u x-xogħol ġie ddelegat: Dun Francesco Hili kellu f'idejh it-tagħlim tal-bniet u Dun Giovanni Maria Aquilina dak tas-subien. Dun Giovanni Attard li kien Viċendarju tal-knisja ta' Santa Marija tal-Qala kien obbligat jgħallem il-katekiżmu lin-nies tal-inħawi. Meta dan naqas milli jagħmlu fl-1791 laqqat ċanfira kif imiss mill-Isqof Vincenzo Labini li kien żar il-parroċċa f'dik is-sena. L-Isqof heddu li se jissospendih milli jqaddes jekk ma jaqdix dmiru u jgħallem il-katekiżmu kif suppost. Fi kliem ieħor, mat-tagħlim tal-katekiżmu ma kontx tiċċajta!



L-Arċipriet Kan Dr Martino Camilleri (1910-1921) li fi żmienu nfetaħ il-MUSEUM fin-Nadur u f'Għawdex

Għalkemm kienet fetħet skola primarja fin-Nadur fl-1842, l-ewwel waħda f'Għawdex 'l barra mir-Rabat, it-tagħlim tal-Katekiżmu baqa' jsir mill-parroċċa. Nafu li l-Arċipriet il-Kan. Martino Camilleri kien ilaqqa' t-tfal għall-Katekiżmu fil-bidu tas-seklu għoxrin. Dan kien qed isir fost il-ġimgħa u anke l-Ħadd. Ġew żminijiet fejn Dun Martin kien qed jintebaħ li wara l-Ewwel Tqarbina n-numru ta' dawk li jattendu kien jonqos u mhux kulħadd kien jagħmel l-almu tiegħu biex imur għat-tagħlim. L-Arċipriet Camilleri kien sever ħafna. Kien jheddidhom li jżommilhom il-bullettin tat-tqarbin fi żmien il-Għid, li dawk iż-żminijiet kienet ħaġa serja ħafna. L-Isqof ta' Għawdex Giovanni Maria Camilleri OSA ma qabilx miegħu u wissieh li aktar ma juża theddid, aktar l-effett tiegħu jista' jkun bil-kuntrarju. M'hemmx dubju li dan kien frott iż-żelu li kellu l-Arċipriet Camilleri. Tant hu minnu dan li fl-1913 kien waqqaf il-Kongregazzjoni tad-Duttrina Nisranija.

Din hija interessanti ħafna u għadu ma sarx studju tajjeb dwarha. Hemm indikazzjonijiet li Camilleri seta' kien ispirat minn San Ġorġ Preca li kien għadu kemm waqqaf il-MUSEUM fl-1907 u li fin-Nadur kellu eku bikri. Jiena stess sibt pitazz datat ftit tas-snin wara li fuq il-qoxra tiegħu hemm miktub l-ittri 'MUSEUM' u ġo fih hemm it-talb li kien jingħad, ir-regoli u min kien jattendi. Huwa ferm probabbli li dan il-pitazz kien jappartjeni l-attivitajiet ta' din il-Kongregazzjoni u mhux lill-MUSEUM, iżda minħabba li t-tnejn li huma kienu jixxiebhu ħafna, tal-ewwel aktarx tispira ruħha minn tat-tieni, allura ġie użat l-istess isem. Jien stess niftakar ukoll anzjani bħalma kien id-Dekan Kan. Anton Buttigieg li kien jirrakkonta kif meta kien ċkejken kien jattendi laqgħat tal-MUSEUM (meta skont l-informazzjoni li għandna l-MUSEUM kien għadu mhux imwaqqaf fi tfulitu). Aktarx hija referenza għal din il-Kongregazzjoni li setgħet kienet qed tissejjaħ MUSEUM.

It-twaqqif ta' diversi għaqdiet fis-seklu għoxrin għen ħafna fit-tagħlim. Insemmu b'mod speċjali s-Soċjetà tal-MUSEUM li fetħet l-ewwel qasam tagħha f'Għawdex proprju fin-Nadur fl-1915 (dak tal-bniet) u fl-1947 (dak tas-subien). Il-MUSEUM kien u għadu determinattiv fit-tagħlim tal-Katekiżmu nisrani fil-parroċċa u għal deċennji sħaħ refa' l-piż tat-tagħlim lill-parroċċa. Ma' dan hemm għaqdiet oħrajn bħall-Azzjoni Kattolika u l-Leġjun ta' Marija.

## L-Oratorju



L-Arċipriet Kan. Giovanni Camilleri (1881-1910) li bena l-Oratorju

Niġu issa għall-post. Il-Kan. Giovanni Camilleri, l-ewwel Arċipriet tan-Nadur, kien iddeċieda li jibni oratorju ddedikat lil Ġesù Nazzarenu ħdejn il-knisja fuq in-naħa ta' nofsinhar fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin. L-Oratorju nbena fuq art tal-Knisja li fuqha fis-sekli ta' qabel kien hemm ukoll id-dar tal-kappillan. Wisq probabbli li dawn l-artijiet kienu tħallew lill-Knisja personalment mill-kappillan Dun Giovanni Andrea Falson fl-1743. Il-ħsieb ta' Camilleri kien li t-tfal ikollhom post fejn jitgħallmu d-duttrina. Sar kwadru tan-Nazzarenu li tpitter minn Giuseppe Calì li llum jinsab fis-sagristija tat-Tramuntana tal-Bażilika. Kellu wkoll qanpiena ċkejkna li llum tinsab fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata f'Ta' Kenuna. Fuq in-naħa ta' wara kien hemm kamra li tinfed fi Triq il-Kappillan u oħra fuqha li kont titla' għaliha b'taraġ. Fl-aħjar żmien tiegħu ġo fih kienu jsiru teatrini u attivitajiet oħra mill-Azzjoni Kattolika. L-użu tiegħu kien sar divers matul is-snin. Madwar l-1960 Dun Martin Sultana beda jlaqqa' grupp ta' żgħażagħ li bdew jagħmlu mal-moviment Żgħażagħ Ħaddiema Nsara wara taħdidiet li kien hemm ma' Dun Tumas Curmi li kien responsabbli fuq livell djoċesan. Kien inxtara wkoll sett tat-televiżjoni, u dan kien wieħed minn tal-bidu li kien jeżisti fin-Nadur. Kien hemm ukoll il-billiards, table soccer u table tennis li kien ħadimha Pawlu Curmi tal-Ġirbi. Il-Kan. Frans Camilleri kien iħallas il-kont tad-dawl għax hu kien il-prokuratur tal-post. Din l-informazzjoni ħadtha minn intervista lil Martin Sultana li għadu mimli bil-għomor.

Wara Sultana, daħal Dun Ġużepp Grech. Dan kien fl-1963. Kien jieħu ħsieb il-ġuvintur li kienu jiltaqgħu kuljum filgħaxija bejn is-7.30pm u l-10.00pm. Kif qalli Martin Sultana, iċ-ċavetta kienet tkun għand Wiġi Sultana tal-Bozz. L-Erbgħa kienet issir laqgħa ta' formazzjoni. Din il-laqgħa baqgħet issir l-Erbgħa anke meta beda ċ-Ċentru Parrokkjali wara l-1975. Dawn il-laqgħat kienu jsegwu skema li kienet komuni għall-fergħat taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara kollha. Dawk iż-żminijiet ma kienx aċċettat li ġuvintur u xebbiet jiltaqgħu flimkien għal-laqgħat. Għalhekk il-laqgħat tax-xebbiet kien jieħu ħsiebhom Dun Pawl Meilak u kienu jsiru darba fil-ġimgħa filgħodu. Ġie li dawn il-laqgħat tmexxew minn Dun Joe Fsadni li kien il-Kapillan Nazzjonali taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara. F'intervista li saritlu riċentament, il-Kan. Ġużepp Grech elenka li kienu jsiru

ħafna attivitajiet fosthom: Mejda tal-Appostli li kien jieħu ħsiebha Charlie Xuereb, dawra madwar Għawdex jew Kemmuna fis-sajf. Kien hemm ukoll daqsxejn ta' bar fejn kienu jinbiegħu soft drinks u l-qliegħ kien imur għall-ħtiġijiet tal-Oratorju. Kienu jsiru wkoll reċti u ġie li anke kienet tinkera s-sala tal-Iskola Primarja tan-Nadur għal dan il-għan. Fost in-nies li kienu midħla sew tal-Oratorju kien hemm Joe Buttigieg li kien imur kuljum u jibqa' hemm sa ma' jagħlaq l-Oratorju. Buttigieg dam jagħmel din il-ħidma sa meta żżewweġ fl-1971.

## Iċ-Ċentru Parrokkjali

Kien iż-żmien ta' wara l-Konċilju Vatikan II meta l-Knisja Universali kienet impenjat ruħha għal tiġdid fis-seklu għoxrin. Ċerti metodi u stili bdew jiġġeddu, mhux biss fiżikament, imma anke f'dak li għandu x'jaqsam ma' kif il-Knisja trid tersaq lejn il-bniedem modern. Anke fin-Nadur beda jinħass dan it-tibdil. Fil-Bażilika kien ġie mneħħi l-artal maġġur li kien ġie kkonsagrat flimkien mal-knisja fl-1867 u l-presbiterju ġie alterat biex ikun jista' jakkomoda artal aktar fl-istil konċiljari u li fuqu kellha titqiegħed it-tribuna Bażilikali. Meta staqsejt lill-Mons. Salvu Muscat li għal żmien twil kien Arċipriet tan-Nadur (1982-2010) qalli li l-motiv wara l-bini taċ-Ċentru l-ġdid kien il-bżonn – il-bżonn li jkun hemm post ċentralizzat għall-ħajja pastorali fid-diversi dimensjonijiet tagħha.


L-Arċipriet Mons Kan Mikiel Portelli (1951-1982) li fi żmienu nbena ċ-Ċentru

L-Arċipriet Mons Mikiel Portelli, minbarra dan kollu, impenja ruħu fit-tiġdid tal-katekeżi u l-pastorali. Kien għalhekk li bdew isiru tħejjijiet ħalli jinbena Ċentru Parrokkjali li jieħu post l-Oratorju. Interessanti li din ma kinitx idea ġdida għal kollox. Fis-16 ta' Ġunju 1933 il-Kapitlu Kolleġġjali kien iddeċieda li jibni Ċentru Parrokkjali. Iżda minħabba li l-parroċċa kienet mgħobbija b'żewġ proġetti: dak taċ-Ċimiterju f'Ta' Kenuna u l-paviment tal-irħam għall-knisja Kolleġġjata, dan baqa' qatt ma sar. It-Tieni Gwerra Dinjija mbagħad kompliet xejnet din il-ħolma.

Lura għal żmien l-Arċipriet Portelli. Li tibni Ċentru Parrokkjali kien ifisser li jinħatt l-istess Oratorju li ma tantx kien ilu mibni. Ġie mneħħi xi armar li kien hemm merfugħ ġo fih u ttieħed f'garaxx li l-parroċċa xtrat apposta fi triq Ta' Said. L-Oratorju beda jinħatt fit-22 ta' Settembru 1975. L-ispiża totali għall-bini taċ-Ċentru Parrokkjali kienet stmata li twassal għal Lm30,000.

Malajr il-parroċċa bdiet kampanja ta' ġbir ta' fondi għal dan il-proġett li kien tant meħtieġ. Kien hemm min għen billi anke offra x-xogħol manwali tiegħu. Uħud minn dawn kienu l-ġuvintur stess, madwar 70 minnhom, li kienu jattendu l-oratorju. Kien il-proġett ewlieni tal-parroċċa li fuqu kienet tintefa' l-attenzjoni prinċipali. Ix-xogħol tal-bini nbeda fl-1975 u kompla sejjer fl-1976. Sa dan iż-żmien kienet inbniet parti mill-binja li kienet tinkludi l-Uffiċċju Parrokkjali u biċċa miċ-Ċentru. Fid-19 ta' Frar 1977 ġiet imbierka l-ewwel parti taċ-Ċentru minn Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex.

Il-ħtieġa ta' Uffiċċju Parrokkjali kienet kbira wkoll. Sa dan iż-żmien, l-Uffiċċju Parrokkjali ma kienx jeżisti u l-Arċipriet kien iżomm ir-reġistri u jara n-nies fid-dar privata tiegħu stess fi Triq Xandriku. Għalhekk meta tlestiet din il-parti, bdew jinġabru r-reġistri, dokumenti u affarijiet oħra kemm mid-dar tal-Arċipriet, kif ukoll minn dawk responsabbli ta' diversi għaqdiet fin-Nadur. Dawn inġabru kollha fl-Uffiċċju Parrokkjali u sar ħafna xogħol fl-organizzazzjoni tagħhom minn Joe Muscat li għadu sal-lum jindokra kull karta u dokument li jinsab fl-Arkivju tal-parroċċa.

Strumentali mhux biss waqt il-bini tal-post fiżiku, imma wkoll tal-attività taċ-Ċentru Parrokkjali kien is-saċerdot żagħżugħ Dun Karm Portelli, li flimkien ma' diversi persuni oħra involuti bħal Miriam Portelli, ħolqu gruppi ta' żgħażagħ li jiffrekwentaw dan il-post li mbagħad ġie msemmi għall-Papa Ġwanni Pawlu II. Minn dan il-bidu 'l quddiem, ħafna kienu dawk li ffrekwentaw dan il-post. Prinċipali kienu l-laqgħat ta' formazzjoni, attivitajiet



Il-Kan. Karm Portelli li mexxa ċ-Ċentru Parrokkjali għal ħafna snin.

ta' fund raising u s-sehem taż-żgħażagħ fil-ħafna attivitajiet tal-parroċċa. Ma rridux ninsew l-aspett karitattiv tal-grupp li jiltaqa' fiċ-Ċentru Parrokkjali. Minbarra l-volontarjat li kien isir fosthom il-mawriet fil-Perù ħdejn Dun Raymond Portelli, kienu jinġabru ħafna flus li jingħataw karità kemm lil għaqdiet lokali, u kemm dawk li jintbagħtu lill-missjonijiet madwar id-dinja. Mal-flus kienu jintbagħtu *containers* b'affarijiet meħtieġa għall-missjonijiet tat-tielet dinja. Minbarra dan kollu, iċ-Ċentru kien iservi ta' lok fejn jistgħu jiltaqgħu ż-żgħażagħ u dan kien jgħin biex ibiegħdhom minn vizzji. Kienu jittellgħu serati, jorganizzaw hikes, laqgħat, car wash, jgħinu fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li tagħha Dun Karm qatta' żmien twil bħala prokuratur u jagħtu daqqa t'id fejn kien meħtieġ. Jekk wieħed jiftaħ ir-rivista Luminaria matul is-snin malajr jilmaħ il-ħidma sfiqa taċ-Ċentru Parrokkjali għaliex kull ħarġa kien u għadu jkollha paġna ddedikata lil din il-pastorali.

Il-ħidma ta' Dun Karm Portelli u l-grupp li għenu ħalliet ħafna frott warajha, fosthom għadd ta' vokazzjonijiet kemm dawk tal-familja u kemm dawk reliġjużi bħalma hi dik ta' Sr Lux Marie li kienet involuta bis-sħiħ fiċ-Ċentru Parrokkjali. Minn dakinhar 'il quddiem l-affarijiet inbidlu mhux ftit. Kienu diversi saċerdoti u persuni oħra li kellhom f'idejhom it-tmexxija taċ-Ċentru Parrokkjali wara Dun Karm u hawn nista' nsemmihom kronoloġikament: Dun Mikiel Xuereb, Daniel Meilak, Dun Joseph Curmi u finalment Dun Mark Bonello. Kienu żminijiet ta' bidla, iżda l-essenzjal baqa' hemm: dik li l-adolexxenti u ż-żgħażagħ ikollhom post san ta' formazzjoni u divertiment. Illum, 45 sena wara l-Bini taċ-Ċentru, l-attività ta' ġo fih għadha għaddejja, u aġġornat ruħha għaż-żminijiet u l-ħtiġijiet tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tal-lum, b'Team Leaders li jgħinu lid-Direttur taċ-Ċentru fl-operat.



Wieħed mill-gruppi ta' żgħażagħ li kienu jiffrekwentaw iċ-Ċentru b'mod regolari fiż-żmien li kien immexxi mill-Kan. Dun Karm Portelli.

## Konklużjoni: Ċentru Ġdid

Tant hu minnu dan, li xi ftit tas-snin ilu bdiet tinħass il-ħtieġa li l-bini taċ-Ċentru eżistenti, kif ukoll l-Uffiċċju Parrokkjali, ma kinux għadhom attrezzati biżżejjed li jilqgħu l-ħtiġijiet tal-lum. Wara li l-parroċċa kienet ħadmet fuq proġett maġġuri tal-bini ta' ċimiterju ġdid, imbagħad dawret ħarsitha fuq l-Uffiċċju u ċ-Ċentru Parrokkjali – żewġ postijiet fil-qalba tal-operat pastorali u amministrattiv tal-parroċċa. Kien qed jinħass il-bżonn li dan il-lok jiġi aġġornat u rinovat. Minn dakinhar 'il quddiem hija storja riċenti u żgur li ħafna minnkom il-qarrejja segwejtu l-progress minn tagħrif li kienet qed twassal il-parroċċa fuq id-diversi portali tal-media tagħha. Dan il-proġett jibqa' bla skop jekk ma jkunx mimli b'persuni li minnu jikbru moralment, soċjalment, kulturalment u spiritwalment u allura, minkejja li l-parroċċa għamlet sagrifiċċji kbar, speċjalment finanzjarji, sabiex dan il-proġett jitwettaq, issa l-isfida prinċipali hija li jinżamm ħaj u attiv għalina u għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna bħala dak li verament hu: Ċentru tal-Parroċċa!




Pjanta taċ-Ċentru l-antik



Pjanta taċ-Ċentru l-ġdid



Iċ-Ċentru l-ġdid kif jidher illum





# IT-TKOMPLIJA TAL-BINI TAĊ-ĊENTRU




Dehra tal-bejt waqt li kien għaddej ix-xogħol fuq il-proġett il-ġdid taċ-Ċentru

Żgur li din ilha l-ħolma ta' diversi saċerdoti u lajċi li minn dejjem kellhom għal qalbhom il-bini taċ-Ċentru parrokkjali; bini li minn żmien għal żmien dejjem, b'xi mod jew ieħor, laqa' ġo fih numru ta' żgħażagħ li kienu jqattgħu l-ħin tagħhom flimkien filwaqt li jiġu ffurmati minn tant saċerdoti u lajċi.

Mhux darba jew tnejn sibt ruħi nitkellem ma' xi ħadd li jibda jirrakkontali l-memorji tiegħu fiċ-Ċentru u kemm kien żmien sabiħ għalih u għal sħabu. Dan jixdhuh ukoll id-diversi albums tar-ritratti li ġieli qadt nifli sabiex nieħu idea ta' dak li kienu jagħmlu ta' qabilna.

U għalhekk illum jiena ninqeda b'dawn il-kelmtejn biex nirringrazzja lil Alla talli b'diversi kumbinazzjonijiet ried ipoġġini hawn fil-mument opportun sabiex inkun parti minn dan il-proġett, proġett tant għal qalbi, u li nemmen li għadu jrid jagħti ħafna u ħafna frott fis-snin li ġejjin, bil-għajnuna ta' Alla.

Meta wasalt hawn diġà kien hawn it-triq imwittija minn ta' qabli: permessi, pjanti, u pjanijiet. Għalhekk kien imiss li issa nxammru l-kmiem u nibdew inwettqu kemm min-naħa tagħna billi nimmaterjalizzaw il-pjanijiet u kemm min-naħa tal-benefatturi li dejjem emmnu fil-proġetti tal-parroċċa tagħna u ssapportjawna.

L-isfidi ma kenux żgħar. Ngħiduha kif inhi, mhux dejjem issib min jgħinek u xi drabi x-xogħol stess jittanta, però bil-għajnuna ta' Alla u tant ħaddiema ta' rieda tajba, illum qegħdin ingawdu l-frott.

Meta nħares lura niftakar fil-ġurnata meta rajt lill-bennejja jħottu l-ħajt tal-għalqa ta' maġenb iċ-Ċentru li illum saret sala tal-laqgħat u games room. Dakinhar rajt l-ewwel darba l-inġenji deħlin u beda t-tħaffir għall-basement, il-post taħt l-art li kellu jilqagħna għal sentejn sħaħ sakemm minn Ġunju li għadda tlajna fin-naħa ta' fuq.

Niftakar ukoll diversi mumenti meta bdejna naraw il-faċċata taċ-Ċentru tieħu dehra oħra u aktar xierqa skont il-pjanti tal-Perit Scerri. Niftakar meta poġġejna l-aħħar sett planki fuq il-bejt il-kbir li min jaf kemm għad irid jilqa' żgħażagħ biex nitolbu, nitgħallmu u niffesteġġjaw flimkien. Niftakar meta beda jitwaħħal l-ewwel madum u jsir il-kisi tal-ħitan u minn sit tal-bini beda jsir dar, pass wara pass. Niftakar meta tellajna l-bandiera fil-festa tal-2019 b'sinjal ta' allegrija u ferħ għal pass ieħor fil-bini taċ-Ċentru. Niftakar meta fi żmien il-Covid intfajna bi ħġarna biex ma naħlux iż-żmien u naħdmu qatiegħ ħalli meta jerġa jiftaħ, iż-żgħażagħ tagħna jkunu jistgħu jgawdu dan il-post mgħammar bl-aperturi, dwal u ħtiġijiet essenzjali. Niftakar meta fil-festa li għaddiet Radju Luminaria xandar għall-ewwel darba mill-istudios il-ġodda. U niftakar l-ewwel BBQ fuq il-bejt taċ-Ċentru fi żmien il-festa flimkien mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna, fejn inawgurajna l-bejt b'laqgħa mill-isbaħ wara xhur mifruda minħabba l-pandemija.

U issa diġà qegħdin ingawdu l-frott ta' dak li ħdimna għalih minkejja li l-proġett għadu ma wasalx fi tmiemu. Iżda issa, ħafna aktar minn qabel qegħdin inħarsu 'il quddiem b'tama qawwija, li dak li bdejna ma ndumux ma ntemmuh.

# IL-JUM TAL-FTUĦ U T-TBERIK



L-E.T. Mons. Isqof Anton Teuma waqt l-inawgurazzjoni taċ-Ċentru Pastorali Papa Ġwanni Pawlu II, fl-ewwel jiem ta' wara l-ħatra tiegħu bħala Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex

Wara tant ħidma, kien xieraq li nirringrazzjaw lill-Mulej permezz tal-Ewkaristija fil-Bażilika tagħna u li mbagħad isir il-ftuħ u t-tberik taċ-Ċentru Pastorali kollu. Mons. Isqof Anton Teuma mexxa l-Ewkaristija u mbagħad wassal ukoll kelmtejn lil diversi mistiedna distinti preżenti waqt il-ftuħ, li bil-preżenza tagħhom ħeġġuna biex inkomplu nistinkaw fuq dan il-proġett. Din is-serata speċjali saret nhar is-Sibt, 3 ta' Ottubru 2020 u kienet l-ewwel inawgurazzjoni ta' Ċentru Pastorali li mexxa l-E.T. Mons Anton Teuma fl-ewwel ftit jiem minn meta ġie kkonsagrat bħala l-Isqof il-ġdid ta' Għawdex. Kienet serata sabiħa, li minkejja li xtaqt li kont imdawwar b'aktar adolexxenti u żgħażagħ, iżda minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija ma stajniex inkunu ħafna persuni, xorta waħda ħassejt ċertu ferħ u kuntentizza għax kont naf li dan għadu biss il-bidu tal-ġid li għad irid joħroġ minn dan il-post.



Minħabba l-fatt li ma stajniex nistiednu lil kulħadd għall-ftuħ taċ-Ċentru, iċ-Ċentru ġie miftuħ għall-pubbliku kollu fil-weekend tal-24 u l-25 ta' Ottubru stess. Kienu bosta persuni li ġew iżuruh fosthom ħafna ġenituri ta' tfal li għada, pitgħada uliedhom għad igawdu minn dan il-post għażiż.

# PASTORALI



Waħda mill-ftit attivitajiet li saru fiċ-Ċentru l-ġdid fiż-żmien li ntreħew id-direttivi marbutha mal-imxija tal-Covid-19

Il-bini huwa importanti, iżda x'inhu l-bini mingħajr in-nies ġo fih? X'kienet il-Knisja tagħna fi żmien il-bidu tal-Covid meta kienet magħluqa u konna niċċelebraw l-Ewkaristija bil-bibien magħluqa? Kienet qisha mużew tal-arti: mill-isbaħ, imma nieqsa mill-ħajja; nieqsa min-nies. Hekk ukoll iċ-Ċentru. Għajb għalina jekk naħlu saħħitna fuq il-bini ta' barra u mbagħad ninsew lil dawk li jridu jżejnuh bil-preżenza tagħhom minn ġewwa.

Dawn l-aħħar snin il-pastorali mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ għaddiet minn diversi sfidi minħabba l-proġett tal-bini. Ma kienx faċli li l-ħajja taċ-Ċentru tkompli għaddejja meta fis-sular ta' taħtek jew ta' fuqek hemm għaddej ix-xogħol ta' kostruzzjoni. L-attenzjoni biex ma nieħdux riskji u kulħadd ikun safe, dejjem kienet tkun tberren ġo moħħna. Fl-istess ħin qatt ma ridna nitfgħu l-pastorali fit-tieni post wara l-bini taċ-Ċentru għax kif ġa għedna, ċentru mingħajr in-nies huwa qabar vojt.

Sfida oħra kienet din tal-pandemija. Bħal ħafna postijiet oħra ċ-Ċentru wkoll kellu jagħlaq għall-pastorali u nafu li l-adolexxenti batew mingħajr dan il-post li fih kienu jiltaqgħu mat-"tieni familja" tagħhom. Anke issa li għaddejjin minn żmien partikulari; minkejja li fix-xhur tas-sajf u tal-bidu tal-iskola komplejna bil-formazzjoni u bil-laqgħat, xorta waħda ninsabu b'futur inċert u li minħabba fih ftit tista' tippjana.

Però minkejja kollox, aħna nixtieqNu li jibqgħu jkunu l-valuri li jmexxuna fil-ħidma tagħna mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ, sabiex niltaqgħu ma' xiex niltaqgħu tul il-mixja tagħna, nibqgħu dejjem nippruvaw inressquhom lejn Ġesù b'kull mod possibbli: sew jekk bil-laqgħat formattivi, mumenti ta' talb, bl-Ewkaristija jew b'direzzjoni spiritwali, kif ukoll b'diversi mumenti oħra ta' ferħ u divertiment san li jibni l-karattru ta' kull persuna u jżommhom bogħod mid-dnub u qrib ta' Alla.

U dan nixtieqNu nkomplu nagħmluh billi niffurmaw liż-żgħażagħ stess sabiex ikunu huma li minn issa jibdew jagħtu minn dak li rċivew lil sħabhom stess, fiċ-Ċentru, u kull fejn isibu ruħhom. B'hekk il-pastorali taċ-Ċentru ma tibqax ġewwa l-erba' ħitan ta' dan il-bini l-ġdid imma tkompli tagħmel il-ġid u tilħaq lil tant oħrajn.



L-għotja tal-mandat lill-animaturi fil-bidu tas-sena Pastorali 2020.



Dehra attwali tal-Kappella u waħda mis-swali ...
u disinji ta' kif qed naspiraw li jkunu fi ftit żmien ieħor ... jekk Alla jrid.



Grazzi lill-benefatturi li dejjem kienu u għadhom ta' għajnuna b'risq iż-żgħażagħ tagħna

# RADJU LUMINARIA: 25 SENA TA' SERVIZZ

Daniel Meilak BA (Hons), MA (Melit.)
B'intervisti ma' Mons Salv Muscat u s-Sur Peter Paul Buttigieg

## Ix-Xandir f'Malta

Sa mill-1935 ix-xandir f'Malta kien immexxi mill-Broadcast Relay Service (Malta) li ġiet imwaqqfa f'dik is-sena stess u kienet ixxandar minn lok fil-belt Valletta. Fl-1955 din biddlet isimha għal Rediffusion (Malta) u fl-1957 inbena l-bini msejjaħ Rediffusion House biex ikun il-kwartier prinċipali tax-xandir. Dan il-lok ġie inawgurat mill-Gvernatur ta' Malta Sir Robert Laycock nhar it-23 ta' Jannar 1958 u kien iddisinjat mill-Perit Carmelo Falzon. Din hija l-istess binja fi Gwardamanġa fejn illum hemm il-PBS. L-art innifisha hija proprjetà tas-Sorijiet Ursolini li huma krewlhom b'ċens ta' £206 għal mitt sena li bdew nhar it-28 ta' Diċembru 1954. L-ewwel xandira minn dan il-bini seħħet nhar it-30 ta' Diċembru 1957. Ftit tas-snin wara fl-1961 twaqqfet The Maltese Broadcasting Authority biex tirregola x-xandir f'Malta. Xandir Malta ġiet imwaqqfa fl-1975 li kienet sena importanti ħafna fix-xandir f'Malta. Huwa stmat li sas-sena 1973 nofs id-djar f'Malta kellhom sett tar-radju. Dan jindika kemm ix-xandir beda jkollu importanza. Sal-1975 kien dokumentat li l-istazzjon tar-radju Malti kellu mal-282,000 semmiegħ – il-maġġoranza assoluta tal-popolazzjoni. L-istazzjon ta' Television Malta kien imwaqqaf fl-1962 u minn hemm bdew anke t-trażmissjonijiet tat-televiżjoni. Għal xi żmien bejn l-1975-1976 Malta kellha anke stazzjon tar-radju li jxandar bit-Taljan u dan kien jismu *Radio Malta Tre*.

Fl-1991 Xandir Malta saret magħrufa bħala Public Broadcasting Services, kif għadha magħrufa sal-lum. Fis-snin 90 u fil-millenju l-ġdid twaqqfu ħafna aktar stazzjonijiet, kemm tar-radju u kemm tat-televiżjoni, fosthom dawk politiċi, reliġjużi, komunitarji u anke indipendenti filwaqt li komplew isiru avvanzi kbar, fosthom fis-sistema HD tat-televiżjoni u d-Digital Radio. Dan kollu kompla jgħolli l-kwalità tas-servizz lill-klijenti.

## Radju Luminaria matul is-snin

Kif semmejt fil-parti ta' qabel, anke l-Knisja f'Malta u Għawdex bdiet tara kif twassal il-messaġġ tagħha permezz tax-xandiriet moderni. Dan kienet qed tagħmlu l-Knisja Kattolika mill-Vatikan stess, tal-inqas sa minn żmien Papa Piju XI li kien bniedem li jħobb it-teknoloġija u x-Xjenza. Fil-fatt kien hu li waqqaf ir-Radju Vatikan fl-1931 u kien hu l-ewwel Papa li qatt ittrażmetta fuq ir-radju.



12 ta' Frar 1931 - il-ftuħ ta' Radju Vatikan. Jidher Papa Piju XI

L-ekwivalenti ta' Piju XI fin-Nadur f'dan ir-rigward kien l-Arċipriet Mons. Salv Muscat li ġo fih kellu ġibda lejn it-teknoloġija moderna u dejjem ipprova jagħraf kif juża l-aktar mezzi moderni biex il-parroċċa tikkomunika mal-bniedem. Ibda biex, diġà kellu snin ta' esperjenza

fil-ministeru saċerdotali tiegħu fil-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, speċjalment meta kien editur tal-Ħajja f'Għawdex bejn is-snin 1967-1969. L-Isqof Mons Nikol Ġ. Cauchi li kien Amministratur Appostoliku għal Għawdex kien ħatru wkoll segretarju tal-Kummissjoni Djoċesana għall-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali. Kien ukoll fi żmien meta kellu f'idejh it-tmun tal-parroċċa tan-Nadur li nbdiet ir-rivista Luminaria.



Kien fl-Imnarja tal-1995, 25 sena ilu, meta l-parroċċa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur Għawdex waqqfet l-ewwel stazzjon komunitarju f'Għawdex bil-ħidma u l-viżjoni tal-Arċipriet Mons. Salv Muscat. Bidu umli, b'kiri ta' apparat biex jiġu mxandrin is-servizzi marbuta mal-festa titulari li kien jiswa madwar LM5, f'kamra li kienet tintuża bħala Awla Kapitulari. Iżda kien bidu li żviluppa f'missjoni tant meħtieġa. Dakinhar kien tela' l-Isqof ta' Għawdex Mons Nikola Cauchi flimkien mal-Arċipriet Muscat fl-Awla sabiex l-Eċċellenza Tiegħu jgħaddi l-messaġġ lis-semmiegħa kollha.

Mons Salv Muscat - Fundatur ta' Radju Luminaria - mal-Kan Brian Meilak - l-ewwel Direttur tar-Radju Luminaria - f'jum il-pussess tiegħu bħala Kappillan ta' Kerċem. Jidher ukoll Mons Salv Pace

Is-snin 90 raw żvilupp kostanti fir-Radju Luminaria. Wara ftit l-apparat ma baqgħax jinġab biss għall-festa, iżda bdew isiru trażmissjonijiet ukoll fl-Avvent/Milied u fir-Randan/Ġimgħa Mqaddsa. Għal xi żmien imbagħad l-apparat kien beda jitpoġġa fiċ-Ċentru Parrokkjali u x-xandiriet kienu jsiru minn hemm. Għadni niftakar ċar ta' tifel li kont kelli programm dwar l-Agrikultura u s-Sajd flimkien ma' Joseph Meilaq u Jean Paul Portelli, illum Kunsillier fil-Kunsill Lokali tan-Nadur. Kienet xi ħaġa kbira għalina li konna għadna żgħar li nkunu qed ninstemgħu fuq ir-radju bi programm tagħna.

U dan kien wieħed mis-sigrieti għalfejn Radju Luminarja rnexxa – għax fih ingħataw wisa' adolexxenti u żgħażagħ li mbagħad trawmu fih u llum huma kontributuri regolari tiegħu. Irrid hawnhekk insemmi lil Paul Portelli, wieħed minn

dawk involuti f'dan il-qasam li forsi nazzarda ngħid b'nofs ċajta li tgħallem iħaddem l-apparat tax-xandir qabel tgħallem jaqra u jikteb. Tkun fik. Illum Paul qed jagħti servizz impekkabbli, professjonali u bla ebda daqq ta' trombi fil-qasam tal-media tal-parroċċa, kif se nispjega dalwaqt.

Iżda bejn dan kollu kien hemm ukoll l-irwol ta' qassis żagħżugħ min-Nadur li ntefa' b'ruħu u ġismu sabiex iżomm tim tajjeb ta' persuni li b'mod volontarju jagħtu s-servizz tagħhom fir-radju, mhux biss bi programmi u kontenut, imma wkoll mill-aspett tekniku u finanzjarju bil-ġbir tar-reklami. Qed nirreferi għal Dun Brian Mejlak, illum Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata tan-Nadur u Kappillan tal-Parroċċa tal-Madonna tas-Sokkors u San Gigor il-Kbir f'Ta' Kerċem. Dun Brian kien ilaħħaq kemm mar-radju, li kien fih rabta kontinwa peress li t-trażmissjonijiet bdew isiru matul is-sena kollha, u kemm mal-Abbatini u l-grupp tal-Vokazzjonijiet tal-parroċċa, li daqshekk ieħor kienu jridu attenzjoni.

Minn hawn nirringrazzjawh lil Dun Brian tas-servizz kollu li ta f'dawn l-oqsma. Jien wieħed minn dawk li nista' nitkellem fl-ewwel persuna biex nixhed id-dedikazzjoni tiegħu. Dun Brian ħadem bis-sħiħ biex Radju Luminaria jkollu studios moderni u attrezzati għal xandir ta' kwalità. Permezz ta' ħafna għotjiet ġenerużi mis-semmiegħa u l-parruċċani, il-parroċċa fetħet studios ġodda fuq il-Bażilika tan-Nadur, il-post fejn qabel kien jintuża mill-Abbatini. Dan sar fl-2002. Hemmhekk infetħu studios moderni, b'*waiting area* komda u b'dak kollu li kien meħtieġ. Jekk wieħed iħares lejn il-lapidi li hemm mal-ħajt hekk kif titla' mill-garigor li jagħti għall-istudios, jista' jilmaħ tant u tant ismijiet ta' nies, ħafna minnhom min-Nadur, u diversi minnhom li llum m'għadhomx magħna li taw somom ġenerużi għax emmnu f'dan il-mezz effikaċi. Tajjeb li dawn il-lapidi ma jintremewx, imma jinżammu bħala monument dejjiemi għal dawn in-nies, anke issa li nfetħu studios ġodda.

Minħabba li t-tim li kien hemm kien wieħed ħabrieki ħafna, ir-Radju beda joffri ftit minn kollox li jolqot il-bżonnijiet ta' kulħadd. Il-programm tas-Sibt filgħodu li kien jippreżenta Dun Brian innifsu għamel isem mill-ewwel. Fin-Nadur kont tinnota ambjent aktar kwiet fit-toroq waqt li jkun għaddej il-programm. Forsi qed nesaġera xi ftit. Imma żgur li kien ikun hemm ħafna: tfal, adulti u anzjani mwaħħlin mar-radju jisimgħu b'attenzjoni, speċjalment meta jaslu l-kompetizzjonijiet li kienu jiġbdu għadd ta' telefonati għalihom, kif ukoll id-dediki. Meta ta' abbati li kont, kont inkun għaddej mit-toroq bir-rota, sejjer lejn il-knisja għal xi laqgħa, jew xi xogħol, mit-twieqi kont tisma' leħen Dun Brian, minn daqqiet serju jagħmel ir-riflessjoni spiritwali fil-bidu tal-programm, minn xi waqtiet ikanta Ċeklem Ċeklem Karozzin kollu allegrija.

Programmi oħra kienu jolqtu ħafna interessi. Kellek il-qari tar-rumanzi li għadu jsir sal-lum, programmi dwar il-ħajjiet tal-qaddisin, programmi edukattivi, programmi reliġjużi u programmi ta' storja dwar in-Nadur ta' dari u llum. Minbarra dan, ix-xandir ta' servizzi mill-knisja baqa' fundamentali. Nazzarda ngħid li għall-anzjani, il-morda, dawk li jduru bihom u l-emigranti, għalihom Radju Luminaria kien u għadu l-aktar mezz b'saħħtu li jżomm ir-rabta tagħhom mal-parroċċa. Kemm persuni smajthom jgħidu matul is-snin li għaddew li Radju Luminaria għenhom itaffu s-solitudni tagħhom, meta forsi wara tant snin ta' ħidma, kellhom jingħalqu fi djarhom jew fl-isptar bla ma jkunu apprezzati biżżejjed. Jekk xejn, Radju Luminaria jista' jkun arma li tiġġieled il-ferita tas-solitudni li kulma jmur qed tkompli tikkankra, trejjaħ u tikber fis-soċjetà li qed ngħixu fiha llum.

Mas-snin inqalgħu intoppi bħalma jiġri f'kull ħaġa oħra. M'hemm xejn ward u żahar. Forsi l-ispejjeż biex iżżomm radju għaddej is-sena kollha kienu kbar, imma ma qatgħux qalb il-parroċċa. Imma niftakar ċar żewġ mumenti li fihom ir-radju kien involut fi kwistjonijiet parrokkjali. Ma nkunx qed nikxef sigrieti jekk insemmi n-nuqqas ta' qbil dwar jekk kellux isir il-proġett tal-lift u l-pont li jgħaqqad lid-Dar l-Imnarja mal-istudios. Jew meta l-awtoritajiet Ekkleżjastiċi ddeċidew li Dun Brian kellu jagħti servizz f'parroċċa oħra. Huma parti mill-istorja u hawn mhux il-mument li nidħlu fihom fid-dettall. Imma jekk xejn, dawn il-kwistjonijiet urew kemm Radju Luminaria kien iżomm post ċentrali fil-qalb tan-Nadurin.

Użajt ‘kien’. Għadu? Biex jibqa’ jżomm iċ-ċentralità u r-rilevanza tiegħu, Radju Luminaria ma setax jibqa’ ffossilizzat. Matul is-snin sar immodernizzar mhux biss fl-infrastruttura, imma anke fl-ideat u l-mezzi. Ibda biex, sar investiment f’apparat sabiex isiru xandiriet minn barra l-knisja. Dan għen biex jiġu trażmessi attivitajiet ta’ barra, fosthom dawk ta’ matul il-festa, iżda mhux biss. Meta staqsejt lil Peter Paul Buttigieg dwar x’inhuma l-mumenti speċjali tar-radju semmieli t-trażmissjoni tan-Nadur Song Festival u l-Kunċert tas-Soċjetà Filarmonika Mnarja li kienu minn tal-bidu li bdew jixxandru live permezz tal-apparat li nxtara li jista’ jxandar attivitajiet ta’ barra mill-istudios. Sar ukoll investiment sabiex ir-Radju jittrażmetti online, u allura jintlaħaq minn madwar id-dinja kollha. Aktar tard ġie mwettaq il-kunċett ta’ *streaming* bil-*video* u dan marbut anke mal-mezzi tal-medja soċjali, li ħafna nies, fosthom il-ġenerazzjonijiet iż-żgħar, jistgħu jintlaħqu bih. Dan sar permezz taċ-*channel* Mnarjalive.

## Fejn jinsab ir-Radju llum .. u fil-ġejjieni?

Wara l-Kan. Brian Mejlak ir-radju tmexxa għal xi żmien minn Emily Muscat li wkoll tat ħafna mill-ħin u l-enerġija tagħha għal dan is-servizz għaliex emmnet fih. Għal dawn l-aħħar snin, l-istazzjon kien u għadu afdat f’idejn il-Kan. Loretu Tabone, li flimkien ma’ Paul Portelli li huwa l-espert fil-lat tekniku u ta’ *media* u għadd ta’ persuni oħrajn, qed imexxu dan l-organu essenzjali fi ħdan il-parroċċa. Din is-sena fl-okkażjoni tal-25 sena mill-ftuħ oriġinali ta’ Radju Luminaria u fil-mument li fih il-parroċċa daħlet għal proġett kbir taċ-Ċentru Parrokkjali, saru studios ġodda u attrezzati ferm għax-xandir fid-dinja tal-lum, kemm bis-smigħ, kif ukoll b’mod viżwali. Dan sewa lill-parroċċa eluf kbar ta’ ewro, iżda jien ċert li meta n-nies jaraw l-investiment, huma jkomplu jsostnu u jikkontribwixxu. Li jista’ jħassibna llum huwa r-riżors uman, li minkejja li fit-teorija għadu hemm, fil-prattika naqas u dan mhux biss fir-radju, imma f’oqsma oħrajn. Il-bniedem fid-dinja tal-lum qed jiġri ġirja sfrenata biex ilaħħaq mal-ħajja b’tant impenji. Forsi l-prijoritajiet inbidlu wkoll. Imma jibqa’ l-fatt li jekk irridu, bħala parroċċa kapaċi nfornu r-riżorsi kemm finanzjarji u kemm umani biex inżommu dan il-mezz ħaj u attwali. Ġo fih hemm potenzjal li jekk nagħrfuh, nistgħu nagħmlu ħafna ġid u differenza fil-ħajja tan-nies fih. Li hemm bżonn hija r-rieda u li nkunu għajnejna miftuħa għal dak li għandu bżonn jisma’ u jara l-bniedem tal-lum, filwaqt li nkunu proattivi, flok reattivi u naħdmu dejjem għall-quddiem. Dak li żergħu ta’ qabilna, li llum għad fadal minnhom li ghandhom ċerta età, ma narmuhx għax dak sar b’ħafna sforz u ħidma, imma naġġornawh bħalma qed nagħmlu b’Radju Luminaria. Jekk xejn, ix-xhur li għaddew meta faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19 u kulħadd kellu jinqata’ għalih waħdu fid-dar, urew biċ-ċar kemm il-*media* hija importanti f’ħajjitna. Ejjew ma nħallux l-affarijiet jgħejjew, jaqgħu fi stat ta’ apatija, imma nkunu aħna stess, kull wieħed u waħda minna li nqajmuhom u nużawhom għall-ġid komuni.



Lil dawk li jistgħu joffru ftit ħin fil-ġimgħa, imqar nofs siegħa, li forsi ħafna minna ‘jaħluha’ fuq affarijiet li mhux bżonnjużi, imma minflok jagħtuha għas-servizz tar-Radju u l-*media* tal-parroċċa, nistedinkom tkellmu lill-Arċipriet, lill-Kan. Loretu Tabone jew lil Paul Portelli. Is-sodisfazzjon huwa kbir.

Għall-kitba ta’ dan l-artiklu nixtieq nirringrazzja lill-W.R. Arċipriet Mons. Jimmy Xerri, Mons. Salv Muscat, u Peter Paul Buttigieg.

# L-ewwel snin ta' Radju Luminaria

Jekk niftakar tajjeb kien fis-sajf 2001 li l-Arċipriet Muscat kien talabni biex nibda ngħin fl-istazzjon tar-Radju Luminaria. Dak iż-żmien konna nxandru mill-istess post fejn kienu l-istudios ftit tax-xhur ilu (fuq il-knisja). Però, il-post ma kienx addattat għal dan il-għan u konna nieqsa ukoll minn diversi affarijiet bażiċi għal stazzjon tar-radju.

Però, ħdimna u stinkajna kemm flaħna bil-mezzi limitati li kellna. U n-nies bdiet tapprezza ħafna l-isforzi li konna qed nagħmlu. U bdew deħlin diversi donazzjonijiet. Mill-ewwel ħsibna biex bil-ġenerożità tan-Nadurin nibnu studios ġodda attrezzati b'dak kollu li kien neċessarju.

Allura f'xi perijodu lejn tmiem is-sena 2001, l-apparat kollu ġie meħud f'kamra fiċ-ċentru parrokkjali biex ikun jista' isir ix-xogħol strutturali meħtieġ. Sar ħafna xogħol u l-istudios il-ġodda ġew mgħammra bl-arja kundizzjonata u b'apparat ġdid u modern. L-inawgurazzjoni tal-istudios il-ġodda saret mill-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, wara l-Pontifikal Solenni ta' Jum il-Festa tas-sena 2002 u ġew imbierka mill-Arċipriet Mons. Salv Muscat. Kien jum sabiħ fl-istorja ta' dan l-istazzjon tagħna.

Minn dakinhar sa Diċembru 2007 bnejna tim dedikat ħafna. Kellna programmi ta' kull xorta u l-poplu Naduri kien bi ħġaru jsegwi u jissapportja lill-istazzjon. Il-ħolma li kien għad fadal kienet li jiġi installat lift għall-istazzjon. Il-garigor li jwassal għal dan il-post kien wieħed diffiċli ħafna (speċjalment għall-anzjani jew persuni b'diżabilità). Sibna diversi intoppi però kien hemm ir-rieda li naslu. Hija ħasra li l-pjanijiet ma rnexxewx għax f'dawn l-istudios kien hemm tant sagrifiċċji moħbija li saru minn diversi persuni.

Meta fil-bidu ta' Jannar 2008 bdejt inservi bħala Kappillan fil-parroċċa ta' Kerċem, kelli kontra qalbi nħalli l-istazzjon tar-radju tagħna. Għal seba' snin kien sar parti sabiħa mill-ġurnata tiegħi. Irrid nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lil tant voluntiera li għenu b'kull mezz u fuq kollox lil tant benefatturi li għenu kif setgħu biex Radju Luminaria jkun l-istazzjon tant segwit min-Nadurin.

**Kan. Brian Mejlak**










# Radju Luminaria - 25 sena LIVE

Ir-radju komunitarju tal-parroċċa tan-Nadur, Radju Luminaria, beda jxandar fl-1995 fuq inizjattiva li kien ħa l-Arċipriet ta' dak iż-żmien Mons. Salv Muscat bil-kollaborazzjoni tal-ewwel direttur tiegħu Dun Brian Mejlak. Wieħed mir-ritratti tal-bidu juri li kien hemm xi 40 persuna involuti bħala preżentaturi u kollaboraturi oħrajn. Ix-xandir kien isir mill-Awla Kapitolari fil-Bażilika u mbagħad beda fi studios ġodda mibnijin apposta f'Ġunju 2002. Dawn huma l-istudios ta' fuq is-sagrestija li qdewna tajjeb ħafna sa ftit xhur ilu. Issa l-proġett tal-bini ġdid taċ-Ċentru Parrokkjali ħaseb ukoll biex ikun jinkludi studios ġodda għar-radju tagħna. Dan juri wkoll li dan il-proġett li beda ħamsa u għoxrin sena ilu għad għandu skop illum u għandu wkoll valur għall-futur.

Jiena ġejt inkarigat mill-koordinazzjoni tax-xogħol marbut max-xandir ta' dan ir-radju għall-bidu tal-2014. Bħalissa qegħdin madwar 35 persuna li l-maġġoranza tagħhom huma min-Nadur stess imma hemm oħrajn minn barra l-parroċċa. Uħud jagħmlu programm kull ġimgħa u hemm oħrajn li jagħmlu iżjed minn programm wieħed. Xi programmi jaslulna bit-telefon minn Malta u oħrajn jaslulna rrekordjati mill-Awstralja.
L-istazzjon ta' Radju Luminaria hu miftuħ 24 siegħa kuljum. Il-programmi live kellna nwaqqfuhom minħabba li ma stajniex nużaw l-istudios fil-pandemija. Normalment il-programmi joħorġu matul il-ġurnata u ssir ripetizzjoni tagħhom billejl u b'hekk il-programmi jkunu jistgħu jinstemgħu minn dawk li huma msefrin fl-Awstralja, l-Istati Uniti u l-Kanada u pajjiżi oħra. Allura meta aħna nkunu reqdin huma jkuni jsegwu l-istazzjon. Ħafna huma dawk li jiktbulna jew jibgħatu messaġġi dwar kemm japprezzaw dan il-mezz ta' komunikazzjoni li jżommhom magħqudin mall-parroċċa speċjalment fil-jiem tal-festa għad unur San Pietru u San Pawl, San Koronatu u festi oħra liturġiċi.

Iżda barra din il-komunikazzjoni mal-emigranti hemm ukoll il-fatt li r-radju jirrappreżenta l-uniku mezz ta' kuntatt mall-parroċċa għal bosta nies anzjani jew morda li mhux possibbli għalihom li jitilgħu l-knisja jew jattendu attivitajiet oħra fil-lokalità. Dan minbarra s-sitwazzjoni li nqalgħet dan l-aħħar bil-knejjes magħluqin minħabba l-imxija tal-Corona Virus. Ħafna kkummentaw li s-servizz ta' Radju Luminaria fiż-żmien tal-imxija meta kellna l-knisja magħluqa kien servizz imprezzabbli. Il-membri tal-parroċċa setgħu jassistu minn ġewwa djarhom stess għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddies darbtejn kuljum u tliet darbiet nhar ta' Ħadd. U mhux quddies biss: anke l-Eżerċizzi tar-Randan saru bi knisja magħluqa iżda kien possibbli għal kulħadd li jsegwi mid-dar permezz ta' xandir fuq ir-radju u anke live streaming u facebook.

Nixtieq ngħid li dejjem nippruvaw nagħmlu mill-aħjar li nistgħu biex dan is-servizz inwassluh bl-aħjar mod possibbli u niskużaw ruħna meta mhux kollox imur kif suppost. U jekk xi ħadd li qed jaqra dan il-messaġġ jew familjari jistgħu joffru xi servizz jgħidilna. Għandna ħafna bżonn ta' preżentaturi ġodda. It-taraġ fl-istudios il-ġodda issa mhux problema u nittamaw li 'l quddiem ikollna l-lift ukoll. Sewwa tkunu tafu wkoll li faċli ħafna, ngħallmukom kif tagħmlu l-programmi mid-dar stess. U għal dawk li forsi jistgħu jgħinuna mod ieħor napprezzaw kwalunkwe offerta. Ir-radju jiddependi kompletament mid-donazzjonijiet fil-parroċċa. Dan l-aħħar ir-reklami wkoll naqsu u fil-pandemija waqfu għal kollox. Min jixtieq jgħin jista' jħalli donazzjoni fl-Uffiċċju Parrokkjali, jew miegħi (jew xi saċerdot ieħor). Tistgħu wkoll tagħmlu donazzjoni bit-telephone 5061 7900 għal donazzjoni ta' €4.66 u 5061 9254 għal donazzjoni ta' €11.65. Filwaqt li nsellem b'mod speċjali wkoll lill-emigranti nixtieq ngħid kemm napprezzaw l-għajnuna finanzjarja li xi wħud minnkom jagħtuna kemm meta tkunu Malta u anke permezz tal-familjari tagħkom. Nirringrazzjakom ilkoll. U l-Bambin ibierek lilkom u lil benefatturi kollha.

Naturalment kontribut ewlieni huwa dak li jagħtu b'mod regolari l-kollaboraturi li permezz tagħhom nistgħu nibqgħu nwasslu x-xandiriet tagħna. Ħafna ilhom is-snin jagħtu s-servizz tagħhom, u dejjem fehmu l-importanza li l-programmi jaslu fil-familji tal-parroċċa, kemm dawk qrib kif ukoll dawk 'l bogħod. Uħud minnhom issa tgħallmu jirrekordjaw il-programm tagħhom mid-dar, biex anke f'dawn iż-żminijiet ta' lockdown il-programmi ma jieqfux. Nittamaw li ma ndumux ma neħilsu minn din il-mewġa li għaddejjin minnha u dawk li kellhom jieqfu jkunu jistgħu jerġgħu jiġu lura fl-istudios il-ġodda. Filwaqt li nirringrazzjahom minn qalbi nittama li l-istudios il-ġodda jkunu wkoll mezz biex aktar nies jitħajru jingħaqdu magħna f'din il-ħidma pastorali u kulturali permezz tat-trażmissjonijiet diretti fuq ir-radju komunitarju tal-parroċċa tan-Nadur Radju Luminaria 106.9 MHz FM.

**Dun Loreto Tabone**

# Ħarsa Storika lejn il-Milied u kif jiġi Ċċelebrat

*Kitba u riċerka minn Korrispondent.*

"Ninni la tibkix iżjed,

Ninni Ġesù Bambin

Ħallih għalina l-biki

Għax aħna l-midinbin."

Din hija l-ewwel strofa mill-innu li jġib l-isem ta' "Il-Benniena ta' Ġesù Bambin" jew aħjar kif inhija magħrufa minn kulħadd bħala "Ninni la tibkix iżjed". Ħarġet mill-pinna tal-poeta missjunarju Malti, il-Patri Ġiżwita Indrì Schembri (1805-1875), u saret il-għanja tant popolari fil-gżejjer Maltin kull meta jaslu l-jiem sbieħ tal-Milied. Din il-għanja ġiet ippubblikata fi ktejjeb fis-sena 1864 fl-Alġerija fejn kien jaħdem bħala missjunarju. Hawn Malta, l-għanja ġiet ippubblikata għall-ewwel darba fis-sena 1910 iżda għadna sal-lum ma nafux min ikkompona l-mużika tal-widna tagħha.

Kellu jkun saċerdot ieħor Malti, din id-darba f'pajjiżu stess, Dun Ġorġ Preca (1880-1962) illum Qaddis, fejn ta spinta 'l fuq lill-festa tal-Milied, il-festa tal-Bambin Ġesù. Ilkoll smajna b'dan is-saċerdot ħabrieki, eżemplari u qaddis, benefattur kbir ta' dawn il-gżejjer, fejn fost l-opri kbar li ħallielna, hemm appuntu l-purċissjoni tal-Milied.

## Il-Milied

Iżda qabel ma nirrakkontaw il-bidu tal-purċissjoni tal-Milied f'Malta u fin-Nadur, naraw ftit kif oriġinat din il-festa solenni li llum qiegħda tiġi ċċelebrata kważi mad-dinja kollha, min b'mod reliġjuż u min b'mod festiv.

Ma nafux eżatt id-data tat-twelid ta' Ġesù, iżda skont xi studjużi bibliċi jgħidu li kien fir-Rebbiegħa, fil-bidu tax-xahar ta' April. L-ewwel darba li jissemma' li l-Knisja ċċelebrat it-Twelid tal-Messija kien madwar is-sena 337 ġewwa Ruma fi żmien il-Papa Ġulju I (337-352). Fil-pajjiżi tal-Lvant kien jiġi ċċelebrat fis-6 ta' Jannar u fil-Punent fil-25 ta' Diċembru. Iżda sa nofs is-seklu ħamsa, ġiet magħżula l-ġurnata tal-25 ta' Diċembru u bdiet tiġi ċċelebrata kullimkien l-istess barra fil-Lvant, li għadhom iżommu d-data l-oħra. Filwaqt li fid-data tas-6 ta' Jannar jiċċelebraw l-Epifanija, il-wasla tal-Maġi.

Ikun hemm min jistaqsi, għaliex ġiet magħżula l-25 ta' Diċembru meta fil-fatt ħadd ma jaf eżatt id-data tat-twelid? Dan kollu ġara għaliex meta l-knisja ta' Kristu kienet qiegħda tikber u tinfirex ma' diversi pajjiżi, mil-Lvant Imbiegħed, il-Persja tal-qedem, beda' jinfirex il-kult lejn l-alla Mitra. Dan l-alla falz kien jiġi mxebbah max-xemx u kien popolari mal-armata imperjali. Għalhekk lil Mitra kienu jsejħulu bħala "*Sol Invictus*" ix-Xemx qatt Mirbuħa. Kien l-Imperatur Awrelju (270-275) li fis-sena 275 beda jiċċelebra din il-festa fil-25 ta' Diċembru, f'jum it-twelid ta' dan alla Mitra, għaliex skont din ir-religjon, ix-xemx titwieled f'dak il-jum, fejn ix-xemx tkun l-aktar qrib lejn id-dinja.

Il-leġġenda tgħid li Mitra twieled minn ġebla u meta r-riħ kien qiegħed isawru ġew ir-ragħajja umli li ġabulu r-rigali u bdew jadurawh. Leġġenda kurjuża li tixxiebah mar-rakkonti li nsibu fil-Vanġelu li nkitbu ferm qabel dan. Kienu jsiru festi kbar mhux biss f'Ruma iżda mal-Imperu Ruman kollu. Meta l-Knisja rċeviet il-libertà fis-sena 325 mill-Imperatur Kostantinu I (324-337), din il-festa pagana baqgħet tiġi ċċelebrata sa ħafna snin wara. Meta l-kapijiet tal-Knisja raw dan, ħasbu biex jibdlu din il-festa pagana f'festa religjuża. Raw li l-veru xemx li ddawwal il-qlub kien Ġesù Kristu li l-profeta Malakija kien diġà ħabbru bħala **Xemx tal-Ġustizzja**. (Kap. 4, v. 2).

Mal-medda taż-żmien il-kult ta' Mitra ntesa għal kollox filwaqt li r-reliġjon nisranija bdiet aktar tiffjorixxi u hekk ukoll il-festa tal-Milied. Naraw li l-Imperatur Ġustinjanu (527-565), fis-sena 529, ħareġ editt biex f'din il-ġurnata qaddisa ma jsirx xogħol u b'hekk għamilha festa publika kif għadha sal-lum kwazi mad-dinja kollha.

## L-ewwel dimostrazzjoni bil-Bambin f'Malta

Ilkoll nafu li fil-quddies ta' nofsillejl, qabel ma tibda l-quddiesa, għadha ssir purċissjoni żgħira bis-saċerdoti u l-abbatini li fiha Ġesù Bambin jiġi meħud minn fuq l-altar tal-ġenb u jitqiegħed f'post prominenti ħdejn l-altar maġġur fejn jarah kulħadd. Iżda din kienet biss purċissjoni żgħira.

Fis-sena 1223 San Franġisk ta' Assisi (1182-1226) ħassu ispirat biex jiċċelebra Milied speċjali billi ħoloq l-ewwel presepju fil-għar ta' Greccio fl-Italja, Hekk ukoll ried jagħmel Dun Ġorġ biex ikabbar id-devozzjoni lejn il-***Verbum Dei Caro Factum Est*** **- L-Iben ta' Alla Sar Bniedem**. Kien fin-novena tal-Milied, Diċembru 1920, meta fil-Qasam tal-Ħamrun qal lill-membri bil-ħsieb li kellu li jibda jorganizza l-purċissjoni b'Ġesù Bambin. Dawk preżenti kollhom entużjażmu, qablu mal-idea tal-fundatur, iżda għal dik is-sena kien tard wisq biex jorganizzaw purċissjoni kif jixraq. Iżda raw kif għamlu biex għal dak il-Milied jagħmlu mill-

aħjar li jistgħu. U hekk sar. Għaliex nhar il-25 ta' Diċembru 1920 Malta rat għall-ewwel darba l-purċissjoni bil-Bambin Ġesù mat-toroq tar-raħal.

Minn dak iż-żmien sal-lum, din il-purċissjoni kibret u nfirxet ma' kull rokna ta' Malta u Għawdex fejn kulħadd ikun qiegħed jistennieha minn sena għall-oħra. Bosta oqsma komplew iżejnu din il-purċissjoni b'bandalori artistiċi bis-sentenza li tidher tixgħel bix-xemgħa minn ġewwa, jew jilbsu xi persunaġġi bibliċi u bis-sehem tal-banda tal-lokal.

Kienet ix-xewqa ta' Dun Ġorġ li f'dawn il-jiem sbieħ tal-Milied, is-Soċji tiegħu jagħtu rigali sbieħ lil kull tifel li jattendi l-Qasam, li kellu jinkludi b'xi mod ix-xbieha ta' Ġesù Bambin. B'hekk ried li kull familja jkollha x-xbieha tal-Bambin fid-dar tagħha. Kien ukoll Dun Ġorġ, l-ewwel fost l-oħrajn, li meta ra li bdiet dieħla fostna d-drawwa li fit-twieqi f'dawn il-jiem jinxtegħlu s-siġar tal-Milied, ordna Bambin kbir, ordna maxtura tal-qasab u rmaha wara t-tieqa biex juri u jfakkar lil kulħadd li l-Milied kienet qabel kollox festa reliġjuża, festa tat-tarbija Ġesù Bambin. B'hekk xterdet id-drawwa ma' Malta u Għawdex li fil-jiem għeżież tal-Milied, fit-twieqi tiġi esposta l-figura tat-tarbija ta' Betlem fost tiżjin u bozoz żgħar imlewna.



## L-ewwel purċissjoni f'Għawdex

Il-Museum f'Għawdex infetaħ nhar is-16 ta' Settembru 1915 bil-fergħa tal-bniet fin-Nadur, bl-ewwel Superjura Pawla Grech (1891-1979), u Rakela Camilleri (1889-1977) bħala superjura għall-oqsma ta' Għawdex, it-tnejn min-Nadur. Għalkemm f'Għawdex il-Museum kien ilu jeżisti, l-oqsma femminili ma kinux jistgħu jorganizzaw din id-dimostrazzjoni li kienet prerogattiva tal-oqsma maskili.

Kellhom jgħaddu madwar tletin sena biex bdew jinfetħu l-oqsma tal-irġiel. Dan sar meta faqqgħet il-gwerra (1939-1945) u fostna ġew żewġ soċji Musewmini, Manweli Bianco (1907- 1996) u Willie Buhagiar (1909-1999). L-ewwel Qasam kien ir-Rabat u nfetaħ fit-23 ta' April 1941. Meta beda jissoda, saret l-ewwel purċissjoni bil-Bambin dik is-sena. Ftit ftit bdew jiftħu oqsma oħra, il-Qala (1943), ix-Xewkija (1944) u n-Nadur li għalkemm formalment twaqqaf fis-sena 1947, kien diġà beda jiltaqa' sa mis-sena 1945. Għalhekk naraw li meta fis-snin tal-gwerra f'Malta l-purċissjoni ma baqgħetx issir, f'Għawdex kompliet din it-tradizzjoni. Illum qiegħda ssir ukoll f'diversi pajjiżi fejn hemm il-membri tas-Soċjetà, fl-Awstralja, fl-Albanija, l-Ingilterra, it-Tanzanija, il-Perù, il-Kenja u s-Sudan.

## L-ewwel purċissjoni fin-Nadur

Fis-sena 1946 il-Milied kien ħabat fil-ġurnata tal-Erbgħa. Fil-Qasam tas-subien tan-Nadur bl-ewwel Superjur Salvu Buttigieg (1919-1985) ma nsibu l-ebda dokumentazzjoni dwar din l-attività. Iżda fid-djarji privati tal-Kan. Dun Ġwann Marija Portelli (1896-1967) ħallielna miktub hekk: **"Il-Ħadd, 29 ta' Diċembru 1946. In-Nadur saret il-purċissjoni tal-Bambin mit-tfal tal-Museum. Ipprietka wieħed mix-Xewkija."** L-ewwel purċissjoni li saret kienet primittiva wisq iżda għonja bil-konkorrenza tat-tfal. Jekk kellhom benniena din kienet ġiet mislufa minn Qasam ieħor, x'aktarx mill-Qasam tax-Xewkija. Għal xi snin din il-benniena baqgħet tiġi mislufa minn Qasam għal ieħor, sakemm il-Qasam tan-Nadur xtara waħda qadima mingħand Qasam ieħor f'Malta.

## Benniena

F'Lulju 1968 ġie ssuġġerit li ssir benniena ġdida u sabiħa. Din ġiet imħabbra fil-fuljett tal-benefatturi ta' Awwissu 1968 u ġiet mitluba s-somma ta' £25. Fil-fatt l-ispejjeż tal-benniena ġew imħallsa minn erba' membri tal-Museum li kienu emigranti fil-Kanada. Dawn kienu Marċell Said, Karmnu Vella, Toni Buttigieg min-Nadur u Pawlu Buttigieg mill-Qala, li bejniethom ħarġu s-somma mitluba.

Ix-xogħol tal-benniena daħal għalih Ġużeppi (Żużu) Mercieca (1904-1986). Matul is-sena 1969, Żużu ħadem fuq li ħadem biex ilesti fil-ħin il-benniena l-ġdida. Din saret fuq id-disinn tiegħu stess, u ġiet maħduma mill-injam tal-kewba. Fl-irkejjen għamel erba' važuni bl-istess materjal imżejna b'ward artifiċjali. Soċja tal-Museum u benefattriċi kbira tal-Qasam tas-subien, Marija Portelli (1898-1995), ħallset għal Bambin kbir maħdum fi Spanja. Dan sewa Lm20.

Dawn għadhom jitgawdew sal-lum mis-soċji u l-membri tal-Museum li komplew b'din it-tradizzjoni li tferraħ lit-tfal li jieħdu sehem u tant oħrajn li jipparteċipaw, speċjalment l-anzjani u l-familji li joħorġu jaraw il-purċissjoni xħin tkun għaddejja mit-triq tagħhom.

# IT-TLIET MIĠJIET TA' KRISTU

## Angelo Xuereb

Iż-żmien tal-Avvent u l-Milied huwa żmien qawwi fil-Liturġija tal-Knisja li għandu jibdilna spiritwalment.

F'dan iż-żmien għandna npoġġu quddiem għajnejna mhux biss it-twelid tiegħu fid-dinja iżda ż-żewġ miġjiet l-oħra tiegħu. Dawn huma meta jiġi jiltaqa' magħna f'mewtna biex jeħodna għand il-Missier jekk immutu fil-grazzja ta' Alla u fl-aħħar taż-żmenijiet jiġi biex jiġġudika l-ħajjin u l-mejtin.

## 1) L-ewwel miġja

L-ewwel miġja ta' Kristu seħħet permezz tal-Inkarnazzjoni. Din il-kelma li ġejja mil-Latin tfisser li Ġesù ħa natura umana bħal tagħna barra d-dnub. L-Inkarnazzjoni seħħet hekk. Alla bagħat lill-anġlu Gabriel għand Marija f'Nażaret sabiex iwasslilha l-bxara ta' Alla li Sidna Ġesù Kristu kellu jitnissel f'ġufha. Iżda kien hemm bżonn li hija tagħti l-"Iva" tagħha. U malli hija tat il-kunsens tagħha l-Ispirtu s-Santu nissel lil Sidna Ġesù f'ġufha li għal disa' xhur serva bħala l-ewwel tabernaklu.

Imbagħad Marija wellditu fil-għar ta' Betlem. Din kienet l-ewwel miġja ta' Ġesù. Huwa ġie fostna umli, fqir u sa mill-bidu ta' ħajtu fuq din l-art beda jaqsam it-tbatijiet ta' din il-ħajja.

Għalkemm ġie fostna umli u fqir ma jfissirx li kien bniedem straordinarju biss kif jgħidu xi kittieba iżda huwa t-tieni persuna tat-Trinità qaddisa magħmul bniedem. Għalhekk huwa kien jiekol, jixrob, jorqod, jimxi, jgħejja u jbati. Fil-Vanġelu nsibu li huwa wkoll irrabja mal-bejjiegħa tat-tempju u beka fuq Ġerusalemm.

Dan huwa s-sinifikat tal-Milied: "U l-Verb [Ġesù] sar bniedem u għammar fostna" (Ġw 1,14). Ġesù mhux biss salvana iżda wkoll qasam magħna l-esperjenza tagħna l-bnedmin. Tant sar bħalna l-bnedmin li saħansitra esperjenza l-mewt ukoll. L-awtur tal-Ittra lil-Lhud jgħidilna: "Għax aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna, imma għandna wieħed li kien imġarrab bħalna f'kollox minbarra d-dnub" (4,15).

## 2) It-tieni miġja

It-tieni miġja ta' Kristu hija meta aħna niltaqgħu miegħu f'mewtna. Meta kien fid-dinja huwa pprietka s-saltna ta' Alla u waqqaf il-Knisja sabiex tkompli l-missjoni tiegħu. Il-predikazzjoni tiegħu kienet tikkonsisti li nkunu foqra fl-ispirtu, naħfru lil min għamlilna d-deni, inkunu umli, nitolbu u fuq kollox nemmnu fih li huwa l-Iben ta' Alla. Huwa wriena wkoll l-ħniena bla tarf ta' Alla permezz tal-parabboli tal-iben il-ħali, u r-ragħaj li lest iħalli d-disgħa u disgħin nagħġa biex isib dik il-waħda li ntilfet. Huwa stess qal: "It-tabib ma jeħtiġuħx dawk li huma b'saħħithom iżda l-morda. Mhux il-ġusti ġejt insejjaħ, iżda l-midinbin" (Mk 2,17).

Il-messaġġ ta' Ġesù kien wieħed ta' ħniena u sejħa għall-bidla tal-qalb billi nħobbu l-proxxmu tagħna. Għallem li ser niġu ġġudikati fuq l-opri tal-ħniena. Iżda fl-istess ħin wissiena fuq id-diżgrazzja li tista' tiġrilna meta huwa jiġi u ma jsibniex imħejjijin għal-laqgħa miegħu.

Veru li kulħadd jibża' mill-mewt għax din tifridna minn din id-dinja li qegħdin ngħixu fiha. Iżda meta dan il-ħsieb jitfaċċa quddiem għajnejna għandna niftakru li jekk għexna "bi Kristu, fi Kristu u ma' Kristu" il-mewt ma tkunx il-qerda tagħna iżda laqgħa miegħu. San Ġorġ Preca jesprimi din ir-realtà b'dan il-mod: "Nitolbuh bil-ħerqa li f'mewtna, l-ewwel darba li narawh, ma jkun qatt li narawh b'qilla iżda ħlewwa u konfort. Oh, siegħa feliċi li fiha naraw il-Wiċċ tant mixtieq li jifforma l-għaxqa tal-Qaddisin!"

## 3) It-tielet jew l-aħħar miġja

It-tielet miġja ta' Kristu hija meta huwa jerġa' jiġi fil-glorja biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin. Ta' min isemmi li l-Apokalissi, li huwa l-aħħar ktieb tal-Iskrittura, jagħlaq bil-kelmiet: "Min jagħti xhieda ta' dawn il-ħwejjeġ jgħid: 'Iva, jien dalwaqt ġej!' Hekk ikun. Ejja, Mulej Ġesù!"(22,20). L-istennija ta' Kristu kienet qawwija fl-ewwel snin tal-Knisja tant li l-insara tat-Tessalonika ma ridux jaħdmu għax kienu jaħsbu li l-miġja ta' Kristu hija fil-qrib. Fl-ewwel żmien wara li skopra lil Kristu, San Pawl ukoll kien jaħseb li din il-miġja hija imminenti.

Iż-żmien li qegħdin ngħixu fih huwa wieħed ta' stennija kif ngħidu fil-quddiesa wara l-konsagrazzjoni: "Inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej, inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek, nistennewk sa ma tiġi fil-glorja" jew "Kull darba li nieklu dal-ħobż u nixorbu dal-kalċi, inħabbru l-mewt tiegħek, Mulej, sa ma tiġi." L-Ewkaristija hija l-ikel tan-nisrani li mhux biss tmantnih spiritwalment iżda hija rahan ukoll għall-qawmien mill-imwiet.

It-tielet miġja ta' Kristu ser isseħħ fil-glorja u hija r-rebħa definittiva tiegħu. Huwa feda lill-bnedmin ta' kull żmien u kull bniedem sa mill-bidu tad-dinja seta' jgħix tajjeb jew ħażin. Alla jrid is-salvazzjoni ta' kulħadd iżda jrid li aħna nagħmlu l-parti tagħna. Fl-istorja tad-dinja u tal-Knisja nsibu persuni li ħaduha kontra t-tajjeb u Kristu. Ħafna ħaduha kontrih apertament billi ppersegwitaw lill-insara. Dan ġara sa mill-bidu tal-Knisja u għadu jiġri llum.

Ġesù fit-tielet miġja ser jiġi glorjuż u rebbieħ fuq il-ħażen li kien hawn fid-dinja. It-tajbin għandhom biex jifirħu għax jaraw l-umiljazzjoni tal-ħżiena u lil Kristu li huma ttamaw fih joħroġ rebbieħ filwaqt li jqumu b'ġisem glorjuż.

# Presepju bi sfond Għawdxi
## *għall-Wiri f'Washington DC*

Jean Paul Portelli

Nota Editorjali

Il-parteċipazzjoni f'kompetizzjoni mnedija aktar kmieni din is-sena mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, permezz tad-Direttorat tal-Kultura, wasslet biex Jean Paul Portelli, presepista min-Nadur, jirbaħ wieħed mill-ewwel għaxar postijiet f'din il-kompetizzjoni. Dan ifisser li allura l-presepju tiegħu ser ikun esebit fil-mużew ta' fama internazzjonali, il-Museum of the Bible ġewwa Washington DC, bejn Novembru 2020 u Jannar 2021. L-arranġamenti li saru bejn l-istess Ministeru u dan il-mużew prestiġġjuż ġewwa l-Istati Uniti jinkludu wkoll il-possibbiltà li l-presepju li jiġi ġġudikat l-ewwel f'din il-kompetizzjoni jkollu l-unur li jibqa' esebit għal dejjem ġewwa l-istess mużew. Barra dan, ma' kull presepju mill-għaxra li ġew magħżula biex jittellgħu ġewwa Washington, ser ikun jista' jitla' wkoll il-presepista li għamlu. B'hekk din it-tradizzjoni artistika li trawmet f'Malta u Għawdex matul iż-żmien qed tkun irrikonoxxuta u esposta anke f'pajjiżi oħrajn.

Bir-raġun Jean Paul jinsab ferm kuntent li l-presepju li huwa bena fuq sfond Għawdxi intagħżel fost l-ewwel għaxra u b'hekk tah l-opportunità li permezz tal-arti tiegħu jirrappreżenta u jesponi wkoll lil gżira ta' Għawdex. Dan il-presepista żagħżugħ Naduri spjegalna l-idea u l-isfond li bihom bena dak li sejjaħ Nativitá Għawdxija.

Din ix-xena tan-Nativitá skont it-tradizzjoni Għawdxija trid tagħti x'jifhem li l-avveniment tat-twelid ta' Ġesù tarbija seħħ fil-parti bikrija tas-seklu għoxrin jew ftit qabel ġewwa Għawdex. Għalhekk il-karattri li janimaw il-presepju jridu jagħtu l-idea ta' kif kienu jilbsu u jġibu ruħhom in-nies fil-bidu tas-seklu għoxrin f'Għawdex. Barra minn hekk, skont it-tradizzjoni tal-presepju Malti, l-uċuħ ta' dawn il-figuri ma kenux ikunu mnaqqxa b'ċertu dettall minħabba li kienu jsiru b'mod sempliċi. L-għan prinċipali kien li juru l-ilbies u l-karattru ta' dak iż-żmien filwaqt li jkunu wkoll jistgħu jinbiegħu bi prezzijiet li jintlaħqu mill-popolin. Illum dawn il-pasturi tradizzjonali huma mfittxija ħafna u jiswew ferm aktar, minħabba li hu rari ħafna li wieħed isibhom.

Għalhekk fil-presepju ta' Jean Paul wieħed isib ċerti karatteristiċi li huma meqjusa bħala rekwiżiti marbuta mal-istil ta' nativitá tradizzjonali Għawdxija. Fost dawn insibu:

- Ir-raġel rieqed jirrappreżenta lin-nies li ma jemmnux f'Ġesù
- Il-kantanti folkloristiċi Maltin ikantaw ħdejn il-ħwienet tax-xorb u d-djar
- Is-sajjied
- Il-kaċċaturi
- In-nassaba
- Ir-raġel li jitla' fil-grotta biex jara lil Ġesù tarbija (ix-xabbatur)
- Ir-raġel li jneħħi l-kappell fil-preżenza ta' Ġesù
- Il-mara li tneħħi n-nagħaġ mill-maxtura
- Ir-ragħajja
- In-nagħaġ
- Il-kaktus tal-bajtar tax-xewk jirrappreżenta l-pjanti Maltin
- Ir-raġel li jġorr l-ilma
- Ir-raġel li jagħmel ix-xbieki tas-sajd għas-sajjieda
- Il-mara li taħdem il-bizzilla Maltija
- Hemm raġel ta' karnaġġjon skur ħdejn in-nativitá. Dan ir-raġel hu preżenti fin-nativitá Għawdxija għax jirrappreżenta l-fatt li Ġesù ġie biex jgħin u jsalva lin-nies kollha
- Il-mara liebsa l-għonnella li tirrappreżenta l-ilbies modest li kien komuni fost in-nisa Maltin u Għawdxin fil-passat.

Għazilt li ninkludi figuri oħra fix-xena tan-nativitá. Dawn jinkludu:

- Il-purċissjoni ta' San Ġorġ Preca. Dan għaliex huwa kien dak li beda t-tradizzjoni tal-purċissjoni ta' lejlet il-Milied f'Malta li tinvolvi l-ġarr tal-istatwa ta' Ġesù tarbija madwar it-toroq Maltin u issa hija tradizzjoni tal-Milied komuni ħafna f'Malta u Għawdex.

- L-iktar importanti għandna lil San Ġużepp u l-Verġni Marija u Ġesù fuq in-naħa tax-xellug imlibbsa lbies li kien jintlibes f'Malta u Għawdex fl-ewwel parti tas-seklu 20.

## Il-Bini tan-Nativitá tradizzjonali Maltija:

Karatteristika ewlenija fl-isfond tax-xena tan-nativitá tinsab fid-djar bl-arkitettura tradizzjonali Maltija bħall-galleriji u l-bibien. Dawn huma kollha mżejna għall-Milied u l-aħħar dar fuq in-naħa tal-lemin tax-xena tat-twelid għandha xena zgħira tal-Milied fit-tieqa kif hija tradizzjoni li jsir f'Malta u Għawdex f'dawn il-jiem tas-sena.



## It-tieqa tad-Dwejra

Attrazzjoni partikolari fin-nofs tax-xena hija l-arkata li tirrappreżenta t-tieqa tad-Dwejra li tant kienet u għadha sinonima ma' Għawdex. It-tieqa hija magħmula minn bettiegħa tal-inbid biex turi wkoll li l-produzzjoni tal-inbid hija parti mill-kultura Għawdxija anke fuq livell lokali. Tirrappreżenta wkoll l-ewwel miraklu li għamel Ġesù meta kien biddel l-ilma f'inbid fit-tieġ ta' Kana.

Minn din it-tieqa wieħed jista' jagħti titwila lejn il-belt li tinkludi postijiet importanti f'Għawdex. Dan huwa konformi ma' rekwiżit ieħor bażiku fil-bini ta' xena tradizzjonali fejn il-belt tingħata dehra tipika tal-post li qed tirrappreżenta – f'dan il-każ Għawdex.

Għalhekk mit-tieqa wieħed jista' jara:

• Is-santwarju Nazzjonali Ta' Pinu – minn fejn il-verġni Marija kellmet lil Karmi Grima fl-1883.

• It-tempji preistoriċi tal-Ġgantija – wirt storiku uniku li ilu wieqaf aktar minn 5000 sena. Fil-kuntest tan-nativitā dawn it-tempji jirrappreżentaw il-metafora ta' kif it-twemmin pagan inbidel bit-twemmin reliġjuż reali meta twieled Ġesù.

• L-għarix mibni bil-ġebla Maltija - kamra li l-bdiewa kienu u għadhom jużaw biex jaħżnu l-għodda fl-egħlieqi tagħhom.

• Il-wied huwa bbażat fuq il-wied tal-Lunzjata li huwa parti importanti mill-kampanja Għawdxija. Il-kappella tal-Lunzjata tirrappreżenta t-tħabbira tal-verġni Marija. Wieħed jista' jara wkoll l-anġlu li hu replika tal-istatwa tal-anġlu tal-knejjes.

• Tidher ukoll il-kappella ta' Santa Marta. Il-kappella tinsab quddiem ċimiterju msejjaħ Tal-Infetti fejn ġew midfuna nies li mietu bil-kolera f'wieħed miż-żminijiet koroh tal-istorja.

## Ir-raħal

Imbagħad naraw ukoll ir-raħal tipiku Malti tal-bidu tas-seklu 20 li jinkludi: l-Istazzjon tal-Ferrovija li m'għadux jeżisti f'Malta tal-lum, l-istalel, il-ħaddied, il-knejjes, id-djar tradizzjonali, il-forn u l-barrakki tas-sajjieda.

## Ix-xelter tal-gwerra

Fuq in-naħa tax-xellug tax-xena tan-nativitā wieħed jista' jara xelter ta' żmien it-tieni gwerra dinjija. Dan kien żmien sinifikanti fl-istorja ta' Malta fejn il-Maltin u l-Għawdxin batew u sofrew anke bil-ġuħ. Il-pożizzjoni strateġika ta' Malta wasslet biex tkun ibbumbardjata aktar mill-Ġermanja jew mill-Gran Brittanja. Il-poplu Malti żamm it-tama u l-fidi fil-verġni Marija, San Ġużepp u f'Ġesù.

## L-istalla

L-istalla fejn twieled Ġesù hija rrappreżentata mill-Għajn tal-Ħasselin kif kienet tidher fis-seklu sittax fir-raħal żgħir tal-Fontana fejn in-nisa kienu jinġabru biex jaħslu l-ħwejjeġ. Jidhru dettalji bħal xelters u arkati u s-sistema tal-irrigazzjoni antika ħafna magħmula minn kanali fil-ġebel li fihom kien inixxi kontinwament l-ilma li ġej minn nixxiegħa li tinsab f'parti tal-wied.

## Materjali użati fil-bini tan-Nativitā Għawdxija

Din ix-xena tan-nativitā hija magħmula minn taħlita ta' styrofoam li jespandi, ragħwa, ġibs u serratura flimkien mall-bettiegħa tal-inbid għat-tieqa tad-Dwejra. Wara li ġiet magħmula l-forma tax-xena mbagħad ingħatat l-kulur bl-użu ta' żebgħa bbażata fuq l-ilma.

Meta wieħed jara din ix-xena tradizzjonali tan-Nativitā, wieħed imur lura għal dak li kienu Malta u Għawdex fil-passat waqt li jieħu wkoll idea ta' kif kien jigi ċċelebrat il-Milied f'dawk iż-żminijiet. Iffokajt ukoll fuq l-aspett ta' uniformitā. Din il-karatteristika kienet nieqsa ħafna fil-popolaritā matul iż-żmien u issa hija rari ħafna li wieħed isibha f'xeni bħal dawn. Fuq kollox permezz ta' dan ix-xogħol artistiku irnexxieli nilħaq żewġ skopijiet fundamentali: dak li nesponi parti mill-kultura Għawdxija filwaqt li niffoka wkoll fuq l-iktar parti importanti tal-Milied li hija t-twelid ta' Sidna Ġesù.



***(Nota: Minkejja s-sitwazzjoni prevalenti minħabba l-imxija tal-Covid-19, Jean Paul xorta rnexxielu jattendi għall-ftuħ tal-esebizzjoni li ġiet inawgurata nhar il-15 ta' Novembru 2020 ġewwa Washington DC).***

# Restawr Importanti tal-Kwadru tal-Kappella ta’ Kemmuna

## Mons. Ġużepp Attard, Rettur tal-Kappella

Il-kwadru uniku li hemm fil-Kappella ta’ Kemmuna jġib it-titlu *‘Ir-Ritorn tal-Familja Mqaddsa lura lejn Nazzaret mill-Eġittu’*. Għalina l-Kattoliċi dil-ġrajja hija aktar magħrufa bħala l-‘Ħarba tal-Familja Mqaddsa ta’ Nazzaret lejn l-Eġittu’, filwaqt li l-Ortodossi u l-Biżantini għandhom devozzjoni partikolari għar-‘Ritorn tal-Familja Mqaddsa mill-Eġittu lejn Nazzaret’. Din l-influwenza Biżantina tidher anki fl-istil tal- arkitettura tal-Kappella ta’ Kemmuna.

Fil-bidu, din il-knisja kienet iddedikata lit-Tlugħ fis-Sema ta’ Sidtna Marija u kien għalhekk li din il-kappella xi wħud kienu jsejħulha l-knisja ta’ Santa Marija, u għadha tissejjaħ hekk sal-lum. Il-bajja li hemm biswitha tissejjaħ ukoll il-bajja ta’ Santa Marija. Fil-1716 ġiet iddedikata mill-Isqof Cannaves lir-Ritorn tas-Sagra Familja f’Nazzaret mill-Eġittu, kif xtaqu r-residenti tal-gżira.

It-titular huwa biċċa xogħol mill-isbaħ li juri lis-Sagra Familja fir-ritorn tagħha lejn Nazzaret mill-Eġittu. Fil-kwadru tidher il-Verġni Mbierka tidderieġi lit-tfajjel Ġesù minn idu, waqt li San Ġużepp jidher wara, maġenb il-ħmara li qed tiġi miġbuda minn anġlu. Naraw ukoll anġli oħrajn li jidhru li qed josservaw kollox, u żewġt itfal iħarsu mistagħġba. Dan huwa xogħol mill-isbaħ, li sa xi żmien ilu kien attribwit lill-pittur Senglean Francesco Zahra jew inkella lil xi ħadd mill-iskola tiegħu.

Dan il-kwadru kien ġie rrestawrat fl-1928 mill-kavallier Vincenzo Bonello. Iżda mir-restawr li sar matul din is-sena 2020, skont l-istoriku tal-arti Sandro Debono, dan ix-xogħol huwa tas-seklu 18. Hu mnebbaħ minn inċiżjoni ta’ kwadru importanti li kien tpitter minn Giovanni Battista Paggi għall-Knisja ta’ Santa Maria degli Angeli f’Genova, l-Italja. “B’xi mod din l-inċiżjoni waslet f’idejn il-pittur li pitter il-kwadru għall-kappella ta’ Kemmuna. Kollox jindika li hu Carlo Zimech. Kien qassis. Kien marbut ħafna man-Nadur. Fil-fatt telaq minn Ħaż-Żebbuġ u mar in-Nadur u hemmhekk pitter bosta xogħlijiet għall-Knisja tan-Nadur. Dan kien fiż-żmien madwar l-1750. Nafu b’xogħlijiet li huma ffirmati minnu li jinsabu kemm Ħal Għaxaq kif ukoll postijiet oħrajn u permezz tagħhom stajna naslu għal attribuzzjoni ftit iktar iffukata fuq l-awtur ta’ dan il-kwadru.”

Mill-bidu tal-ħatra tiegħi bħala Rettur ta’ din il-kappella rajt il-bżonn tar-restawr ta’ dan il-kwadru, u wara ftit żmien irnexxieli nsib sponsor - Bank of Valletta plc u hekk seta’ jsir dan ix-xogħol. Ir-restawr ġie afdat lill-PrevArti Ltd. - Art Conservation & Restoration. Skont ir-restawratur Pierre Bugeja, dan il-kwadru kien fi stat ħażin, apparti dak li hu estetiku kien jidher skur bil-verniċ u min-nofs ’l isfel kellu diversi ħsarat. Kien hemm iż-żebgħa qegħda tinqala’, kien hemm partijiet oħra fejn inqalgħet u kien jidher li kien hemm intervent massiv fuq dan il-kwadru. Pierre Bugeja qal li fil-passat intuża materjal bħal *hard metal* li hu materjal prattikament irriversibbli u hu għalhekk li x-xogħol ta’ restawr li sar issa kien wieħed estensiv.

### Riflessjoni kateketika qasira quddiem dan il-kwadru

Il-figuri li jidhru f’din il-pittura huma Ġesù, Marija, San Ġużepp, l-anġlu u xi tfal li kollha għandhom rwol importanti f’dan l-episodju fil-ħajja tal-Familja ta’ Nazzaret.

Ġesù qiegħed imexxi kważi kollox Hu, għax qiegħed fl-ewwel post, però hemm Marija qiegħda żżomm lil Ġesù mill-polz. Dan is-simboliżmu tal-qabda mill-polz ifisser li Alla jaqbadna minn idejna biex iressaqna lejn il-milja tal-abbundanza tal-grazzja. Din l-abbundanza tal-grazzja narawha fil-figura simbolika tar-rummiena li qiegħda f’idejn Ġesù. Is-soltu huwa Ġesù li jaqbad mill-polz lil dawk li fejjaq, li ħeles mill-ħażen jew mill-mewt.

Did-darba hi Marija li qiegħda taqbad il-polz ta’ Ġesù biex turi li hi għandha f’idejha t-trobbija, tipproteġi u tmexxi lil binha u kważi kważi tikkmandah kif għamlet fit-tieġ ta’ Kana. Marija hija fiċ-ċentru tal-kwadru għaliex l-attenzjoni kollha hija fuqha. Hi l-Madonna li tgħallimna li fil-mixja tagħna fil-ħajja, jekk inkunu “maħkumin” minn idejha, nimxu dejjem fit-triq it-tajba.



Dettal mill-kwadru

L-anġlu jidher qed ikellem lil San Ġużepp u jgħidlu jirritorna lejn Nazzaret minħabba li Erodi kien miet, u allura kien importanti li t-tfulija u t-trobbija ta’ Ġesù, li f’dan il-kwadru jidher ta’ madwar 8 snin, tkun f’Nazzaret biex hekk isseħħ l-Iskrittura *“Ikun jissejjaħ Nazri”*. San Ġużepp bit-tbissima, jidher qed iġorr fuq spallejh ħorġa tal-ikel għax kien hu li jrid jaħseb għall-manteniment tal-familja waqt li l-ħmara din id-darba hija f’idejn l-angli u mhux f’idejn San Ġużepp.

Fir-rokna t’isfel fuq ix-xellug jidhru żewġt itfal (kważi jirrappreżentaw lilna!) josservaw u jikkontemplaw din il-mixja ta’ din il-familja, li wara l-esperjenza tal-emigrazzjoni fl-Eġittu qed jirritornaw f’pajjiżhom, Nazzaret.

Ritratt sħiħ tal-kwadru rrestawrat jidher fuq il-qoxra ta' wara ta' din il-pubblikazzjoni

# Francis Sultana Designs and Interiors

Mark Azzopardi

Ftit tax-xhur ilu Francis Sultana, li niesu huma min-Nadur, ippubblika ktieb bl-isem ta' ***Francis Sultana: Design and Interiors*** biex ifakkar ukoll l-10 anniversarju minn meta fetaħ l-Istudju tiegħu f'Londra, fir-Renju Unit.

Dan il-ktieb huwa ġabra tax-xogħlijiet tiegħu matul dawn l-aħħar snin minn meta beda jaħdem bħala Direttur ġewwa David Gill Galleries f'Londra. Huwa jistqarr, *"Dan il-ktieb jirrakkonta parti minn ħajti, lenti mill-qrib tax-xogħlijiet tiegħi. Ħsibt li jkun ferm interessanti li l-qarrejja setgħu jaraw id-djar li ħdimt fihom, u jsegwi minn fejn kien il-punt tat-tluq tiegħi, u kif l-influwenzi Maltin li tnisslu fiha ittraduċew ruħhom fix-xogħol tiegħi."*

Il-proġetti ta' Sultana jiffokkaw l-aktar dwar ix-xogħol tiegħu ġewwa Malta u Londra. Jiġu mgħarbla minn grupp ta' esperti, kittieba u galleristi li jgħoddu wkoll bħala ħbieb ta' Sultana fosthom l-ex editur tal-British Vogue, Bronwy Cosgrave, b'kontribuzzjonijiet ukoll mill-ex CEO tas-Serpentine Galleries, Yana Peel.

Il-ktieb jagħti ħarsa dettaljata lejn erba' proġetti li kienu afdati f'idejn Francis Sultana. Dawn huma żewġ abitazzjonijiet ġewwa Malta u tnejn oħra ġewwa Londra. Permezz ta' artikli interessanti u illustrazzjonijet mill-isbaħ, Francis jagħtina deskrizzjoni artistika fuq id-dar li fiha qatta' żgħożitu, dik ta' Triq San Ġakbu ġewwa n-Nadur fejn iddisinja l-kmamar kollha ta' din id-dar. It-Tieni kapitlu jittratta Palazzo De Torres, dar ġewwa l-Belt Valletta mibni mill-Kavallier De Torres fis-seklu 16. Hawn Sultana mhux biss ħa ħsieb ir-restawr intensiv li sar f'din id-dar, wara li kienet tħalliet fi stat ta kważi abbandun għal ħafna snin, imma ħoloq ukoll bilanċ mill-isbaħ bejn l-għamara kontemporanja u l-ambjent barokk ta' din id-dar.

Żewġ kapitli oħra jitkellmu fuq żewġ appartamenti li Francis iddisinja ġewwa The Albany, f'Piccadilly, Londra. Dan il-bini ta' importanza storika inbena fis-seklu 18 minn Sir William Chambers, ġie mibdul f'għadd ta' appartamenti maż-żmien, u fihom għexu għal xi żmien nies ta' fama kbira bħal *Lord Byron* (poeta), *William Gladstone* u *Edward Heath* (Prim Ministri Ingliżi) u *Norman Foster* (arkitett ta' fama internazzjonali). Hawnhekk Francis, li joqgħod f'wieħed minn dawn l-appartamenti ħoloq ukoll kollezzjoni ta' għamara ġdida bl-isem ta' Marie-Francois, b'dedika lil ommu Maria li mietet ftit tas-snin ilu.

Il-ktieb jittratta wkoll kollaborazzjonijiet li Francis Sultana għandu ma' artisti oħrajn fosthom Demo Grillo u Mattia Bonetti. Ta' min jgħid li fil-Qasam tal-Museum tan-Nadur nistgħu napprezzaw waħda mix-xogħlijiet ta' Demo Grillo, f'ritratt pittura bix-xbieha tal-Madonna tad-Duluri, li Francis Sultana kien irregala lill-istess Qasam.

Il-Ktieb ***Francis Sultana – Designs and Interiors*** għandu 256 paġna, huwa stampat kollu bil-kulur, bi preżentazzjoni mill-isbaħ u jista' jinxtara online jew mill-bookshop tal MUŻA ġewwa l-Belt Valletta.





# STATUS ANIMARUM 1894
## (it-tielet parti)

### Il-Laqmijiet li kien hawn in-Nadur fl-1894
Introduzzjoni minn Daniel Mejlak

Il-laqam huwa forma ta' identifikazzjoni li bih komunità tirreferi għal individwu, komunità, jew inkella sezzjoni mill-istess komunità. Ma teżistix ċertezza dwar meta bdew jintużaw laqmijiet fid-dinja, iżda probabbli sa mill-bidu tal-eżistenza tal-bniedem innifsu, li għex f'komunitajiet primittivi. Nafu li matul l-istorja kien hemm anke persuni ta' poter li baqgħu magħrufa bil-laqam u dan skont xi kwalità personali bħal Rikkardu l-'Qalb ta' Ljun' *(Richard the Lion Heart)* li kien re tal-Ingilterra, minħabba xi karatteristika fiżika bħall-Imperatur Karlu l-Fartas tal-Imperu Karolingu, jew minħabba xi azzjoni li jkun għamel bħar-re Ferdinandu taż-Żewġ Sqallijiet li kien imlaqqam ir-Re Bomba minħabba li minkejja li l-Belt ta' Messina kienet ċediet, xorta waħda baqa' sejjer għaliha, ibbumbardjaha u qatel ħafna nies. Anke gruppi ta' nies ġew imlaqqma matul l-istorja, bħal pereżempju l-Gwerer tal-Ward *(War of the Roses)* fl-Ingilterra bejn żewġ friegħi mid-Dar ta' Plantagenet, meta fazzjoni mlaqqma tal-Warda l-Ħamra ġġieldet kontra dik tal-Warda l-Bajda. Dan kien minħabba l-armi rispettivi tagħhom li kienu juru dawn iż-żewġ wardiet. Anke f'Malta, komunitajiet li jgħixu f'postijiet differenti kellhom laqmijiet, hekk pereżempju ta' Ħ'Attard imlaqqmin is-Saraċini. Ġeneralment iżda, sabiex laqam irabbi l-għeruq, irid ikollu konoxxenza u użu minn grupp ta' nies, kemm jekk hu laqam li jintuża biss ġo familja, kemm jekk jintuża f'raħal, u kemm jekk jintuża f'nazzjon.

Laqam mela huwa sostituzzjoni għall-isem veru ta' persuna, jew grupp ta' nies. Fin-Nadur, il-laqmijiet li niltaqgħu magħhom fl-istatus animarum tal-1894 jagħtu informazzjoni siewja lilna li nistudjawhom illum, speċjalment meta ċerti laqmijiet għadhom jintużaw sal-ġurnata tal-lum. Għalhekk issib laqmijiet li huma personali, li aktarx bdew minn persuna waħda, li iżda mbagħad setgħu ġew trasferiti fuq il-bqija tal-familja, bid-dixxendenza kollha tagħha. Il-laqmijiet 'Tas-Sinjur', 'Tal-Ispettur', 'Il-Kok', - li mbagħad wara ġie 'Tal-kok' huma kollha eżempji bħal dawn. F'dan il-każ huma laqmijiet li juru okkupazzjoni jew status.

Iżda hemm oħrajn ta' dan it-tip li bdew minn xi kwalità fiżika distintiva, difett jew diżabilità ta' individwu, pereżempju 'Tat-Trux', 'Tas-Sufi' jew 'Taz-Zopp'. M'hemmx għalfejn dan kollu narawh mil-lenti tal-lum, meta mhux aċċettat fis-soċjetà tagħna min jidentifika, jew jiżżufjetta b'dawn l-affarijiet. Irridu nħarsu lejhom bil-lenti ta' aktar minn mitt sena ilu, meta kellek ismijiet bħal Ġużepp, jew Salvu, jew Mikiel li bħalhom kien hawn ħafna, allura bilfors li dak li jkun kellu jiġi identifikat b'xi ħaġa! Interessanti kif laqmijiet li aktar minn mitt sena ilu kienu marbuta strettament ma' persuna, minħabba li aktarx din l-istess persuna kienet għadha ħajja, illum il-ġurnata nbidel biex ingħata lill-familja sħiħa: dak li fl-istatus animarum kien 'In-Nakku', illum il-ġurnata huwa magħruf bħala 'Tan-Nakku'. L-istess laqmijiet bħal 'In-Namri' li llum huwa 'Tan-Namri' u 'In-Najsi' li llum huwa 'Tan-Najsi' jew 'Is-Sultan' li llum huwa 'Tas-Sultan'. Dan jindika li dawn il-laqmijiet setgħu tfaċċaw f'dawn iż-żminijiet u ma jmorrux daqshekk lura bħal laqmijiet oħra tal-istess tip li aktar minn mitt sena ilu kienu diġà akkwistaw Ta' qabilhom, bħal 'Tax-Xirmi', jew 'Tal-Magun'.

Laqmijiet oħra tfaċċaw minħabba post partikulari jew derivattiv tiegħu li individwu jew grupp kellhom rabta miegħu, jekk mhux ukoll oriġinaw minnu, bħal 'Il-Mellieħi', 'Il-Mosti', kif ukoll 'Tal-Ingliż', 'Tat-Taljan' jew 'Tal-Isqalli'. Imbagħad hemm laqmijiet li jiġu derivati minn kunjomijiet li iżda ma jkunux komuni. Inutli toħroġ laqam bil-kunjom Portelli ngħidu aħna, għaliex kellek ħafna nies b'dak il-kunjom. Iżda laqmijiet bħal 'Ta' Cascun', 'Ta' Caruana,' 'Ta' Sacco', jew 'Ta' Teuma' huma eżempji ta' dan minħabba n-nuqqas ta' okkurrenza tagħhom fin-Nadur.

Għandek ukoll laqmijiet li ġejjin minn ismijiet personali, li mbagħad jibqgħu marbuta ma' familja sħiħa dixxendentali bħal 'Ta' Tumas', 'Ta' Marċell' jew 'Ta' Damjan'. Laqmijiet oħrajn juru l-istat rurali li fih kienu jgħixu n-nies, għalhekk laqmijiet bħal 'Tal-Fenek,' 'Tas-serduka' 'It-Tiġieġa', 'tal-Baqra', 'Tal-Basla', 'Taż-żarmuġ', 'Tal-Kelba', 'Tal-Mogħża', 'Tal-għoġol,' 'Tal-Moħriet' u oħrajn.

Dawn huma l-laqmijiet li nsibu miktuba fl-Istatus Animarum tal-Arċipriet Dun Ġwann Camilleri fl-1894. (Il-laqmijiet miktuba kif huma mniżżla f'dan l-Istatus Animarum).

# IL-LAQMIJIET

Ta lispettur
Il compar
Illola
Ta damian
Ta cfirta
Tal fagu
Is-sifiun
Taz-zimblu
Tan-ntona
Tal-landier
Il micca
Il ghaziela
Ta Susanu
In-nini
Tas-sinctua
Tal girinal
Il fahal
Ta carloz
Ta ghainas
Tas-suter
Tad-dobra
Il kasba
Tal ghatan
Ta uizu
Ix-xenxiul
Ta linglis
Lin-glis
Tal chik
Il ħaiba
Tal branni
Il-ghammizi
Ta cillanza
Ta jiccu
Tal chelba
Lis-kof
Ta laimock
Ta Driemex
Il-beica
Tal Fagu
Tal General
Ta Saisu
Tal cherettun
Tar-roc
Tal gherk
Ta cazuaina
Tar-ratal
Tat-torri
Ta caruana
Tas sinjur
Ta labert
Ta custanz

Ta trux
Tad-domna
Il pampalun
Ta mattiu
Taz zerzura
Tal ħomcir
Tat-taira / It-taira
Ta' ciaciu
Tal mazent
Ta chelul
Id-duttur
Ta Palamita
Il paħ
Ta giammari
Tal fifer
Ta menza
Beuger
Ta drogu
Ta lalariu
Il-locci
Ta zogrok
Tal ħurban
Ta geigia
Taz zarmugia
Ta borom
Ta picleiku
Taz-zebbieħ
Ta corun / curun
Ta proxiu
Ta martella
Tal bniedem
Ta bunel
Ta limcarruna
Ta niot
Ta proxiu
Lar-tellier
Tal bus
Ta slaimar
Id-dido
Ta cacciatura
Ta rasain
Ta deunis
Tal kaddis
Tal meccuk
Tal balliu
Ta bazzu
Ta cillu
In-namri
Ta leh
Ta lonza
Il biccier

Tas-sansun
Tal ħax / Il ħax
Tal meidier
Ta hawiefa
Tal gangi
Ta geremia
Il maħsel
Il bobri
Ta lavocat
Ta frisca
Tal gidi
Ta satun
Farina
Tal ghain
Il Melliehi
Tal-gherk
Haddiet
Tal giusi
Ta marcel
Tal badida
Tal barri
Tas saccu
Ta lizrak
Ta gennaro
Ta calanc
Ta ghiemes
Tal wot
Tal grot
Ta finda
Meciul
Ta martin
Ix-cora
Ta caruana
Ta Cutilda
Il chieca
Ta calancia
In-naisi
Il cax / il cox
Ta cangiu
Ta tuaina
Tal cheilina
Taz-zopp
Tal mans
Tal mghoza
Pastol
Tal mazzarella
Tal baidiet
Il coch
Ta cuxkieri
Ta marcel
Ta tomas

Peric
Il capric
Ta teuma
Ta cini
Ta sufa
Ta giabu
In-nitci
Tal caramella
Tal paina
Tal mitluf
Cascun
Ta xalatia
Il Caspitan
Ta difri
Ta slaif
Ta tletin
Ta peppu
Cepula
Linfanfru
Tal goga
Ta sebeu
Ta sebghu
Labbiat
Tal-iskalli
Tad dicca
Tal mans
Il basli
Ta lingiru
Ta magrex
Ta lizia
Il fregin
Ta laħrax
In-naccu
Ta breinet
Tat-tata
Tal badida
Tal garzel
Tas-sugu
Tal-gheliun
Tal moħriet
Ta maroz
Tar reif
Ta calanc
Ta orsola
It-tigiega
Langent
Ta giamri
Caxoxu
Il picot
Ta lizzia
Tal-milican

Ta gadura
Tan-nigret
Tal ħawt
Il magrex
Ta xiafrin
Ta testa
Tal mitluf
Il lillu
Tal gardel
Tal Cubet
Ta xandru
Ta gianmorun
Tal mastulin
Tal bakka
Ta valentina
Il gebla
Il-liza
Ta gori
Ta nenusa
Ta zokiu
Tal-ħajat
Tax xilex
Il pix
Iz-zibgi
Taz-zonda
Tal mola
Ta meciula
Ta liricox
Tax-xirmi
Ta mastrugian
Ta xriek
Taz-zort
Tal mithna
Ta-dot
Tal purcius
Ta greziu
Ta lischiter
Ta luziu
Tan-nannu
Tal krendi
Ta-tletin
Tad-dui
Ta caizola
Ta meciula
Ta liskalli
Ta mariettu
Tal-lupa
Ta kalza
Tal mim
Ta causu
Tal grieck

Giacchi
Il minigura
Ta calment
Il manicca
Taz-zicli
San Pawl
Ta Martina
Ta gamil
Il lenc / Tal lenc
Il mazzun
Tal magun
Tal embu
Il marzep
Tad-duda
Ta ciappara
Ta ghelluxa
Censini
Ta martella
Curci
Tal leuza
Tal pian
Ta sabiħa
Ta Mairu
Tan-neizu
Il gandlier
Il gharus
Ta nigret
Ta creiuet
Ta laħmar
Ta casaman
Tal-lillu
Tal barri
Ta farfar
Tax-xex
Ta Gesu Maria
Tal baghal
Tal giusi
Tas seisu
Ta savier
Ta lippu
Ic cencialan
Is sink /Tas sink
Il baitna
Ta nata
Tal bokru
Ta ciavet
Ta giusep
Il Mosti/Tal mosti
Tal fenech
Ta Garnaggia
Ta legringhin

Zak il mandra
Iz-zoppa
Tal chiesaħ
Il gadrai
Ta dirgli
Tac-ciapot
Ta santiermu
Ta xurxeu
Ic-combu
Tas-slet
Ta giorbos
Ta auak
Tal kattus
Ta larkiexa
Tal patri
Montanaru
Ta trenta
Tal manglot
Ta lobrox
Tal kofol
Tat-tizu
Ta liscut
Il petuta
Tal bondis
Tal-laccia
Ta petta
Ta popla
Tal-liettri
IIz-zaizot
Tal ghazli
Ta jobrox
Tas-serduca
Ix-xemx
Taz-zirmi
Tal chizzi
Ta garzaina
Ta framazun
Tas-siega
Ic-cianak
Tat-teumi
Tal cursal
Ta rafiel
Tal clula
Id-dacar
Ta Carlu
Ta Geigia
Tal Bakra
Tal parnis
Tal ħaddiet
Tan Napli
Ghixo’
Ta Cangiu
Ta Labax
Tal Beica
Ta Niott
Ta Giammair
Ta gneinu
Ta cola
Ta uigia
Tal guap
Iz-ziu
Tar-ruppat
Ta palpila
Ta brenda
Ta savier
Ta Rafiel
Ta purkazu
Ta hortana
Ta bascal
Ta furfara
Ta barbra
Ta larnic
Ta Zaħra
Tat-tri
Ta Zella
Tal Kakux
Ta Natal
Tan-glicu
Is-sultan
Ta ghainasu
Ta ciula / cjula
Ta zreich
Ta Mira
Ta saccu
Ta ton
Ta godof
Tal forom
Ta rosina
Tal-lep
Tax-xaria
Ta corun
Tal furnar
Ta sufi
Iz-zebbieħ
Ix-xerri
Iz-zoccli
Ta fercuchex
Il baħarru
Ta xandru
Raffiel
Ta canal
Ta labbiat
Tac cira
Ta sultana
Iz-zoz
Ta tletin
Il marspan
Tal girdien
Ta zogrog
Il burkax
Ta giammair
Tal gauija
Il cacot
Ta felic
Ta caruat
Il prim
Ta lizrak
Tal Paina
Ta Sdongari
Ta teuma
Tat-tabib
Ta labax
Ta zeppita
Ta liebes
Il haita
Ta cimmec
Ta maroz
Ta giacbu
Tal ponc
Tal barmil
Il bambin
Ta petta
Is sanglulot
Ta Giannia
Tal ghogiol
Ta ħmeida
Ta pecicia
Tac-ciatta
Ta carcagna
Il becches
Il bobi
Tal-laccia
It-tetus
Is-susu
Kortillic
Tal-leisu
Il piccolin
Ta fatti
Ta luziu
Il maxuat
It-talian
Ghascar
Izzeir
Ta luis
Tal madlieri
Ta greibel
Il leisua
Tal hafif
Xengulin
Ta xituija
Ta carmusa
Ta jiccho
Ta gustino
Tal basla
Ta limzeien
Id-doblun
Ix-xenxiul
Tal hoxni
Tal mizrut
Ta sbaliu
Taz-zarmuc
Ta pixca

JOE MUSCAT



# VJAĠĠ MEMORABBLI *fil-Gwatemala*

Kitba ta' Antonia Sammut

Ġejt mistiedna mmur inżur il-Gwatemala, pajjiż li jinsab fl-Amerika Centrali, fruntiera mal-Honduras, il-Messiku u El Salvador. Konna Maria Attard, Dun Renè Camilleri u jien. Tlaqna fis-6 ta' Frar u ġejna lura fil-25 ta' Frar 2020. Dan il-pajjiż hu magħruf bħala La Tierra di Dios. Fih jgħixu 17-il miljun ruħ. Hu pajjiż muntanjuż, natura mill-isbaħ, mimli foresti fejn is-siġar huma għoljin ħafna. Kullimkien tara felċi li jikbru fil-wita kif ukoll maz-zkuk tas-siġar, mal-ħitan tal-widien. Fjuri ta' kull daqs u kulur, għasafar, friefet sbieħ, u tjur, ħnieżer u żwiemel jiġġerrew fil-beraħ. It-temp f'dak iż-żmien kien bħal tar-rebbiegħa tagħna imma xita tagħmel ta' sikwit speċjalment billejl u din hi r-raġuni li hemm dik il-ħdura kollha. Dan il-pajjiż jipproduċi u jesporta banana, coconut u żejt tal-palma. Billejl għadek tara għalqa mimlija msiebaħ il-lejl, l-art qisha mimlija kwiekeb żgħar inemmnu.

Dak li jolqtok ma' l-ewwel daqqa t'għajn huma l-kuluri li jintużaw fid-djar, fl-ilbies, fil-mezzi tat-trasport. Ħaġa li tiskantak hi l-ħwienet li huma nbarrati bil-ħadid u biex tixtri trid toqgħod barra fit-triq u tal-ħanut inewwillek l-oġġetti minn bejn il-ħadid. Hemm ħafna ħwienet li jgħidulhom Tienda.

Malli wasalna sibna żewġ missjunarji Għawdxin Dun Anton Grech u Dun Mario Curmi jistennewna u tgħidx kemm ferħu bina. Kellna programm sħiħ imfassal għalina. Kemm domna hemm żorna żewġ pajjiżi oħra, il-Honduras u El Salvador, sitt villaġġi, erba' fil-foresta u tnejn fuq il-muntanji. Konna mmorru bil-pick-up u t-toroq kienu jkunu dojoq u jekk ma toqgħodx attent malajr issib ruħek fil-ħondoq. Imma mhux il-villaġġi kollha tista' tilħaqhom bil-pick-up. Darba minnhom imxejna għal-sagħtejn sħaħ fil-foresta, fejn it-triq kienet ħażina, kollha nżul u tlajja' u kemm-il darba kellna naqsmu xmajjar żgħar. L-atmosfera ta' meta wasalna ma tintesa qatt. Xħin qrobna konna smajna d-daqq tal-kitarra, percussion u shakers fil-knisja żgħira u fqira tagħhom. In-nies kienu jistennewna fil-bieb u tgħidx kemm japprezzaw iż-żjara tal-missjunarju. Kienet issir il-quddiesa fejn in-nies jieħdu sehem attiv ħafna billi jdoqqu, ikantaw, jaqraw. Fil-ħin tal-Missierna kollha jaqbdu f'idejn xulxin u fil-mument tal-paċi t-tfal kollha jitilgħu fuq l-altar biex jifirħu bil-missjunarju tagħhom. Minħabba d-distanzi twal il-missjunarju jżur dawn il-villaġġi darba fix-xahar u jħalli l-katekista biex jamministra t-Tqarbin fil-Ħdud. Il-Missjunarju jgħaddi l-avviżi ta' matul ix-xahar u jamministra xi sagrament, bħas-sagrament taż-żwieġ. Aħna konna preżenti għal tieġ fir-raħal u xħin spiċċat il-quddiesa in-nies kollha telgħu bir-rigali: min ġab borma, min banju, min fliskatur.

Il-missjunarju xtara fran tal-briks biex jintużaw mill-familji li jgħixu ġo għarix b'kamra waħda. Dan il-forn inaqqas dak id-duħħan li jimla l-kamra u jifga lil kulħadd u joħloq perikli ta' inċendju. Wieħed mill-abitanti tad-dar ġarr dan il-forn tqil fuq daru matul it-triq kollha.

F'ċerti rħula fejn jgħixu komunitajiet tal-Mayas ir-rappeżentant tar-raħal jinċensa lil kull min jiġi minn barra l-post biex ikeċċi l-ispirti ħżiena. Hawnhekk ukoll jużaw lingwa differenti mill-bqija tal-pajjiż fejn jitkellmu bl-Ispanjol. Allura fil-quddiesa l-qari jsir mill-indiġeni u l-prietka ssir bl-Ispanjol u tiġi tradotta minn membru tal-komunità.







In-nies tar-raħal fejn konna jieħdu sehem sħiħ fl-attivitajiet tal-parroċċa. Il-quddies ikun filgħaxija u l-attendenza tkun tajba ħafna. Darba fix-xahar il-quddiesa 'ssir f'post partikulari, jew fil-ground tal-football, jew għand xi familja li tkun tixtieq li jsir dan. Darba fil-ġimgħa jsiru żjarat għand xi familja fil-bżonn jew fejn ikun hemm il-mard. Meta jmut xi ħadd issir novena fejn jingħad ir-Rużarju għand dik il-familja li tkun tilfet lil xi ħadd għażiż għaliha.

F'din il-paroċċa hemm youth club li jmexxi t-tv fejn jiġu trasmessi l-attivitajiet kollha tal-parroċċa, isiru lezzjonijiet tal-Ingliż, tal-computer u tal-mużika, attivitajiet sportivi bħalma huma l-football u skating.

Meta konna hemm aħna, ġiet inawgurata dar li fiha tilqa' tfajliet ommijiet u oħrajn li għaddejjin minn vjolenza domestika. Din id-dar li ngħatat l-isem ta' 'Casa Izabal' ġiet inawgurata mill-Isqof tal-post Mons Domingo, Dun Anton u Dun Mario, Maria Attard tad-Dar Ġużeppa Debono u Dun Renè flimkien ma' membri tal-Bord li ser ikun imexxi din id-Dar. Dan il-proġett sar bil-kollaborazzjoni ta' Dar Gużeppa Debono li l-missjoni tagħha hi li taħdem favur il-ħajja mill-bidu nett tagħha.

Fil-parroċċa Santo Hermano Pedro fejn konna aħna kienu ġew maqtula l-Beatu Fray Tulio Maruzzo, Patri Franġiskan mill-Italja u l-Beatu Luis Obdulio Arroyo Nevram Navarro. Dawn mietu martri fl-1 ta' Lulju 1981 meta sparawlhom għax qabżu għall-campesinos. Aħna żorna il-post fejn inqatlu u l-mużew fejn jinsabu l-fdalijiet tagħhom. Dawn iż-żewġ martri ser jiġu kanonizzati fi żmien qarib.

Żorna Querigua fejn kienu jgħixu l-Mayas. Dan huwa park kbir fejn hemm tip ta' ġebel kbir li fuqhom hemm minquxin l-istorja ta' dawn il-popli li għad fadal dixxendenti tagħhom li għadhom jgħixu fil-foresti.

Attendejna għaċ-ċerimonja ta' djakonat ta' Josè David fir-raħal ta' San Hose. Kienet ċerimonja sabiħa ħafna li saret taħt it-tined fil-pjazza u li għaliha kien hemm preżenti il-kleru u s-seminaristi kollha tal-post u tal-madwar. Wara konna mistednin għal ikla fis-sala tal-knisja.

L-aktar avveniment li ser niftakru minn din iż-żjara hu meta morna El Savador. Din hi l-art tal-Martri. Hemmhekk rajna fejn mietu u huma midfuna Rutillo Grande Garcia SJ, Manuel Solorzano u Nelson Rutilio Lemus. Dawn taw ħajjithom għal Ġesù. Hekk hemm miktub fil-post fejn ġew maqtula fit-12 ta' Marzu tal-1977.

Ftit wara ġie maqtul b'tir f'qalbu l-isqof Don Oscar Romero waqt li kien qed iqaddes fil-knisja. Dan ġara fl-24 ta' Marzu 1980. Kellna x-xorti mmorru fil-post fejn kien jgħix, fejn rajna l-ħwejjeġ li kien liebes meta sparawlu. Il-qassisin qaddsu quddiesa fuq l-altar fejn miet San Oscar Romero. Dħalna fil-katidral ta' dan l-isqof qaddis u nżilna fil-kripta fejn hu midfun. F'dan il-post qaddis hemm verament atmosfera ta' ġabra u tħoss il-preżenza ta' dan il-qaddis li ta ħajtu għall-poplu tiegħu kif hemm miktub fuq il-ħajt wara l-altar "En este altar Mons Oscar A Romero offrendo su vida a Dios por su pueblo". Din hi silta minn waħda mill-ittri tiegħu "Let there be seen in Latin America the ever brighter face of a church authentically poor, missionary, and paschal, disentangled from all temporal power, and daringly committed to the freedom of the whole person and of all persons".

Morna wkoll l-Università tal-Ġiżwiti fejn ġew maqtula tminn Ġiżwiti u żewġ ħaddiema, il-koka u bintha, fil-kampus tal-Università tagħhom. Ritratti tagħhom maħduma b'sengħa kbira fil-mużajk jinsabu fuq il-ħajt fil-ġnien tal-Università.

Dan kien vjaġġ speċjali fejn rajt b'għajnejja d-dedikazzjoni tal-missjunarji Għawdxin li ħallew lill-familja tagħhom u lil arthom biex jgħixu f'pajjiż differenti għal kollox minn tagħhom u dan għamluh b'imħabba kbira u ġenerożità lejn poplu li tant hu fil-bżonn u li tant juri apprezzament lejhom. Dan il-poplu għandu fidi sħiħa fil-Mulej u għalih Alla huwa kollox u ma jitilfux okkażjoni biex jattendi għall-quddies u attivitajiet reliġjużi oħra.










# TLIET ĊENTINARJI
# MATUL IS-SENA 2020

KITBA TA' JOE MUSCAT

Matul din is-sena ġew imfakkra tliet ċentinarji importanti fil-mixja tal-parroċċa tagħna minn meta ġiet imwaqqfa fit-28 ta' April 1688.

## 300 sena ilu - Sena 1720

L-istoriku Għawdxi, il-Kanonku Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis, fil-Manuskritt tiegħu "Il Gozo Antico - Moderno e Sacro – Profano", jgħidilna li għall-inqas sa mis-sena 1720 in-nies li kienu jmorru n-Nadur għall-Festa ta' San Pietru u San Pawl kienu jpoġġu fi ġnien magħruf bħala "Il-Buskett" jieklu, jiżfnu u jkantaw sakemm jasal il-ħin tat-tiġrija tal-bhejjem li kienet issir wara li jispiċċa l-għasar tal-festa fil-knisja parrokkjali.

Il-Buskett – kelma li tfisser bosk żgħir – huwa ġnien li kien jasal sa ġnien ieħor magħruf bħala Ġnien Musfar fil-qrib ta' Daħlet Qorrot. Xi darba, dawn iż-żewġ ġonna kienu tal-familja Navarra.




300 sena ilu: Pjanta antika li turi l-isem tal-Buskett tan-Nadur miktub bil-Franċiż

In-Nadur, ukoll sa minn mijiet ta' snin, daħħal ħafna elementi ta' ferħ u ta' divertiment għal nhar l-Imnarja. Fil-festa profana tal-Imnarja, in-Nadur ukoll kellu l-ġnien tiegħu fejn ħafna, fl-imgħoddi, kienu jmorru jiddevertu. Il-masġar ċkejken li kien hemm fin-Nadur (l-istess bħal dak ta' Malta) jissejjaħ il-Buskett. Fl-imgħoddi, meta l-Buskett tan-Nadur kien kollu siġar tal-larinġ, lumi, żebbuġ u ħarrub, ħafna kienu jitħajru biex imorru fih ħalli jgħaddu ftit tal-ħin tal-mistrieħ. Dan il-ġnien kien fuq kollox imfittex l-aktar għal nhar l-Imnarja meta kienu jmorru jixxalaw fih mhux biss dawk tan-Nadur imma wkoll nies minn bosta rkejjen oħrajn ta' Għawdex. Sa mizzewġin friski kienu jitilgħu san-Nadur biex jaraw il-festa tal-Imnarja, ix-xalar fil-Buskett u t-tiġrija tal-bhejjem.

Ftit snin wara li n-Nadur sar parroċċa u ftit snin oħra wara li nbniet l-ewwel Knisja Parrokkjali fuq il-għolja ta' Nadur, in-Nadurin nhar l-Imnarja bdew imorru l-Buskett għal xalata



Dehra tal-Buskett illum

ta' ikel, ħelu u xorb u ma kinux ftit dawk li sa minn filgħodu kmieni kienu jinġabru qalb dawk is-siġar u jibdew iħejju biex isajru barra. Ma kinux jonqsu lanqas id-daqqaqa, l-għannejja u ż-żeffiena minn kull rokna ta' Għawdex.

Xħin kien jasal fi tmiemu l-għasar ta' filgħaxija fil-knisja parrokkjali, in-nies kienu jmorru jaraw it-tiġrijiet tal-bhejjem, tal-irġiel u anke tat-tfal li għalihom ġie li kienu preżenti l-Gvernatur u l-Ġurati ta' Għawdex. Bħala premjijiet kienu jingħataw "paljijiet", biċċa drapp li wara ġie li ngħatat lill-knisja għal xi ventartal jew pjaneta. Premjijiet oħra kienu jkunu mkatar. Biex jittaffew xi ftit mill-ispejjeż tal-premjijiet, il-kappillan Ġann Andrea Falson għamel supplika lill-Gran Mastru Manoel De Vilhena biex jagħtih biċċiet ta' art pubblika fl-inħawi ta' Daħlet Qorrot u Riħana, biex id-dħul minnhom imur għall-ispejjeż tal-paljijiet.

Minħabba l-gwerra l-attivitajiet fil-Buskett ma baqgħux isiru u fis-snin ta' wara d-divertiment, xalar, ikel, kant u żfin spiċċaw kif spiċċaw ukoll l-ammont kbir ta' siġar li kien hemm fil-Buskett tan-Nadur.

Fejn illum tispiċċa Triq it-Tiġrija, kantuniera ma' Triq il-Knisja, kien hemm palk tal-ġebel, mibni mill-knisja stess, biex minn fuqu jitqassmu l-paljijiet. It-Triq ċkejkna li tgħaqqad Triq it-Tiġrija ma' Triq il-Knisja fejn dari kien hemm il-Bir tat-Tamborlin, issemmiet "Triq il-Paljijiet" mnejn fil-qrib, l-istess paljijiet kienu jitqassmu wara t-tiġrija ta' nhar l-Imnarja.




Triq il-Paljijiet minn fejn dari kienu jitqassmu l-paljijiet wara t-tiġrija tal-bhejjem

## 200 sena ilu - 1820

Ir-raħal ta' Għajnsielem, li sakemm sar parroċċa fl-1855 kien jagħmel parti mit-territorju parrokkjali tan-Nadur, ma kellux knisja jew kappella li minnha kienet tiswa għall-pastorali f'dik ix-xaqliba.

Il-kappillan Dun Franġisk Sapiano, fi żmien il-parrokat tiegħu kien jinżel ta' kull sena flimkien mal-kleru tal-parroċċa tan-Nadur f'Għajnsielem fil-festa tal-Madonna ta' Loretu, biex quddiem l-istatwa li kienet tpoġġiet ġo niċċa eleganti kien jitkanta l-għasar u ssir prietka. Żewġ persuni minn Għajnsielem, Indrì Xuereb u Franġisk Mercieca, talbu lill-kappillan Sapiano biex jaqlgħalhom l-permess meħtieġ mingħand l-Arċisqof Ferdinandu Mattei biex jibnu knisja f'dawk l-inħawi. L-Arċisqof Mattei laqa' s-supplika tal-kappillan Sapiano u ħareġ digriet biex tkun tista' tinbena l-knisja. Din il-knisja, li nbniet ħdejn in-niċċa tal-Madonna, bdiet tinbena fl-1810 meta b'mod solenni, il-kappillan Sapiano bierek l-art magħżula għall-knisja u qiegħed l-ewwel ġebla. Il-poplu ta' Għajnsielem apprezza ħafna l-ġest tal-kappillan tagħhom u bħala apprezzament offrewlu sallura ħajja li xi ħassiela kienu qabdu minn dik il-għajn li minnu Għajnsielem ħa ismu. Il-kappillan min-naħa tiegħu ħalla pittura tiegħu nnifsu biex ir-raħal ta' Għajnsielem jibqa' jiftakar fir-rabta tiegħu ma' dik l-okkażjoni. Il-kappillan Sapiano miet sentejn wara fl-1812 u x-xogħol tal-bini baqa' għaddej fi żmien il-kappillan li ġie wara.



Ritratt Tal-Knisja l-Qadima ta' Għajnsielem

Wara għaxar snin, din il-knisja ċkejkna kienet lesta u l-kappillan il-ġdid tan-Nadur, Dun Antonin Scasciato, għamel festi kbar biex ibierek din il-knisja li bdiet tintuża għall-pastorali f'dawn l-inħawi.

Il-Kappillan Scasciato kiteb hekk: L-Arċisqof Ferdinandu Mattei, malli waslitlu l-aħbar li l-knisja ta' Għajnsielem kienet lesta, iddelega lil Dun Antonin Scasciato, bħala kappillan tan-Nadur, ħalli jbierek sollennament dik il-knisja l-ġdida. Il-ġurnata magħżula għat-tberik kienet it-Tnejn, il-21 ta' Awwissu 1820. Il-kappillan berikha u qaddes fiha quddiesa kantata. Waranofsinhar tkanta l-għasar. Malli dalam il-knisja dehret tħeġġeġ minn ġewwa u minn barra bid-dawl ta' kwantità kbira ta' fjakkli. Sar ukoll xi logħob tan-nar. Il-Ħadd, 27 ta' Awwissu saret quddiesa solenni bil-mużika u saru żewġ paniġierki, wieħed mill-kappillan Scasciato filgħodu u ieħor filgħaxija minn Patri Ġann Franġisk mill-Gudja, il-gwardjan tal-kunvent tal-Kapuċċini ta' Għawdex.



It-Titular -
Pittura ta' Michele Busuttil

Sadattant, il-pittur Għawdxi Michele Busuttil, li kien joqgħod fi triq wara San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, pinġa kwadru sabiħ tal-Madonna ta' Loretu għal din il-knisja li sewa 200 skud li tħallsu mill-benefattur Indrì Xuereb. Dan il-kwadru kien lest nhar Santa Marija tas-sena 1820. Qabel ma dan il-kwadru ttieħed fil-knisja ta' Għajnsielem ġie meqjum fil-knisja parrokkjali tan-Nadur u quddiemu, lejliet il-festa tat-Twelid tal-Madonna, nhar il-Ħamis, 7 ta' Settembru, tkanta l-ewwel għasar. L-għada, il-Ġimgħa, quddiem l-istess kwadru ġiet iċċelebrata l-festa tat-Twelid ta' Marija. Kien is-Sibt, 9 ta' Settembru meta fil-5.00 ta' filgħodu, il-kleru flimkien mal-fratellanza tar-Rużarju telqu fi proċessjoni lejn il-knisja l-ġdida ta' Għajnsielem b'dak il-kwadru tal-Madonna ta' Loretu. Kif waslu fil-knisja, saret funzjoni reliġjuża quddiem il-kwadru u wara tpoġġa f'postu.

Indrì Xuereb, iben Ġużeppi, twieled in-Nadur fid-9 ta' Mejju 1763, iżżewweġ lil Marija Buttigieg fis-7 ta' Frar 1795, iżda tfal ma kellhomx. Dan Indrì, barra li kien benefattur għall-Knisja ta' Għajnsielem, kien ukoll benefattur kbir tal-knisja tan-Nadur. Minn flusu kien ħallas għall-artal maġġur li kien hemm fil-knisja li illum postu ħadu l-artal mejda. Indrì Xuereb miet ta' 84 sena fis-16 ta' Mejju 1848.

Fl-1855, din il-knisja ċkejkna ta' Għajnsielem saret il-knisja parrokkjali meta dan ir-raħal inqata' mill-parroċċa tan-Nadur u sar parroċċa għalih. Għajnsielem kien l-ewwel parroċċa li nqata' minn waħda minn dawk l-erba' parroċċi li twaqqfu fl-1688.

## 100 sena ilu - 1920

Fil-festa tal-Imnarja tal-1920 ġiet inawgurata l-pittura li tinsab fil-Kappellun tar-Rużarju li turi lil San Pawl fit-tielet Sema, xogħol sotto in-su tal-Prof. Lazzaro Pisani.

F'dan il-kwadru, b'eċċezzjoni tal-kwadri l-oħra kollha li għandhom sfond kaħlani, l-isfond tiegħu huwa safrani, għaliex il-pittur, ispirat minn dak li l-istess San Pawl jiddeskrivi fit-tieni ittra tiegħu lill-Korintin, ried joħloq idea tal-Ġenna. Kien San Pawl stess li f'mument ta' ftaħir f'din l-ittra stqarr: "Jeħtieġ niftaħar? Ma jixraqx niġi għall-viżjonijiet u rivelazzjonijiet tal-Mulej", u jkompli jiddeskrivi: "Naf wieħed nisrani li, erbatax-il sena ilu, jekk fil-ġisem ma nafx, jew barra mill-ġisem ma nafx, Alla jaf, kien maħtuf dan il-bniedem sat-tielet sema".



F'dan il-kwadru ta' San Pawl fil-Ġenna narawh jittajjar fin-nofs, maqtugħ f'estasi, u t-Tliet Persuni tas-Santissima Trinità mdawrin bl-anġli u serafini, kif ukoll numru ta' profeti; Mosè bit-twavel tal-Liġi, Żakkarija liebes ta' saċerdot, flimkien mas-Sultan David bl-arpa f'idejh. Ma jonqosx li l-pittur idaħħal ukoll lill-ewlenin ġenituri tagħna Adam u Eva, li jinsabu fin-naħa t'isfel tal-kwadru. Din il-ġrajja ewlenija fil-ħajja tal-Appostlu Missierna li ġrat lejn is-sena 43-44 wara Kristu, u li għaliha hu stess stqarr bla tlaqliq: "Għajn qatt ma rat, widna qatt ma semgħet, u qalb qatt ma ħasset dak li Alla lesta għal min iħobbu", biddlitlu ħajtu totalment, tant li mhux l-ewwel darba stqarr: "Kemm nixtieq ninħall minn dan il-ġisem tad-dnub u ningħaqad għal dejjem m'Alla". Matul dawn il-100 sena, dan il-kwadru ġie rrestawrat tliet darbiet: fl-1930 minn Wistin Camilleri (1885 – 1979); fl-1981 minn Samwel Bugeja (1920 – 2004); u fl-2019 min-Naduri Paul Muscat għall-kooperattiva ReCoop.

L-erba' kwadri tal-ġnub jidhru fihom anġli li qegħdin iżommu oġġetti marbuta ma' San Pawl; is-sejf tal-martirju, it-tromba, fergħa tar-rand, u fergħa taż-żebbuġa. Fuq kull naħa tat-twieqi hemm impittra sitt Dutturi tal-Knisja: San Tumas t'Aquino; San Beda Venerabbli; San Ġwann Kriżostimu; Cornelo a Lapide; San Dionisio Areopagita u San Anselmu Isqof.



100 sena ilu: Jinkixef il-Kwadru tas-saqaf li juri lil San Pawl fil-ġenna

Dawn il-pitturi tħallsu minn Mikieli Muscat li miet traġikament xahrejn biss qabel ma dawn il-pitturi ġew inawgurati. Kien fl-24 ta' April 1920 meta Mikieli Muscat kien sejjer lejn l-Imġarr bil-bagħal u l-karrettun meta sfratta l-bagħal u ħarab bih imkaxkar mal-art. Miet sitt ijiem wara fl-Isptar Victoria, ir-Rabat fit-30 ta' April, minħabba l-ġrieħi li ġarrab

# BAĦRIN NADURIN LI AVVANZAW FL-ISTUDJI TAGĦHOM FIL-QASAM MARITTIMU

(L-GĦAXAR PARTI)

## IL-FAMILJA CAMILLERI
(TA' XKORA JEW TAL-BAŻOLLI)

Il-Kaptan Andrea Camilleri twieled in-Nadur fit-28 ta' Novembru 1879, iben Salvu u Rosaria mwielda Bartolo, bint il-Padrun Feliċ Bartolo min-Nadur. Fil-magħmudija ngħata l-ismijiet Andrea, Stanislao, Giuseppe u kien iż-żgħir minn ħutu. Kif semmejt fl-artiklu ta' qabel, il-laqam tal-familja tiegħu kien **Ta' Xkora** jew anki kienu jsibuhom **Tal-Bażolli**.

Kellu biss tnax-il sena meta beda jsiefer fuq il-baħar. Fl-20 ta' Mejju 1892 imbarka bħala baħri fuq l-iskuna tal-qlugħ Maltija **Giovanna Rosa** taħt il-kmand tal-Kaptan Giuseppe Pisani mill-Furjana. Andrea Camilleri baqa' jaħdem abbord għal tliet snin, sal-11 ta' Novembru 1895[1]. Kienet skuna mibnija fl-1875 hawn Malta, b'kobor ta' 139 tunellata. Sidha kien ċertu Antonio Pisani u kienet twila kważi 90 pied (27.3 metri). Biha kienu jmorru Monastir u Sousse, fit-Tuneżija u bħala merkanzija din kienet tvarja. Eżempju fi vjaġġ minnhom, meta waslu Malta fil-5 ta' Settembru 1894, abbord insibu li kellhom 99 gendus, 3 żwiemel u 60 bettija biż-żejt taż-żebbuġa[2].

Wara huwa siefer fuq żewġ skejjen oħra bħala baħri. Dawn kienu l-**Giuseppina P**[3] tal-Padrun Ġużepp Debrincat minn Ta' Sannat u li kien joqgħod ir-Rabat, Għawdex u l-**Maria Antonietta**[4], taħt il-kmand tal-Padrun Ġanni Xuereb mix-Xewkija. Dawn iż-żewġ skejjen kienu t-tnejn li huma tal-Padrun Ġużepp Debrincat.

Imbagħad bejn l-10 ta' Marzu 1898 u t-30 t'Ottubru 1899 kien fuq il-vapur tal-istim **S.S. Joseph Scicluna** mibni fl-1895[5]. Dan kien wieħed mill-akbar vapuri li qatt kellha l-flotta merkantili Maltija sa dak iż-żmien[6]. Fil-fatt kien twil kważi 264 pied (80.4 metri) u kellu tunellaġġ ta' 1714. Sidu kien il-Markiż Giuseppe Scicluna u l-kaptan kien il-Kaptan Michele Demaria[7], mill-Isla. Portijiet kienu jinkludu Messina fi Sqallija, Marsilja fi Franza, Kostantinopli (illum Istanbul) fit-Turkija, Nikolaev fl-Ukrajna (li dakinhar kienet taqa' taħt l-Imperu Russu), Braila fir-Rumanija (port aktar minn tmenin mil 'il fuq fix-xmara Danubju), Tarragona u Barċellona fi Spanja u oħrajn[8]. Xogħlu abbord kien ta' *Engineer's Steward*, wejter għall-inġiniera[5].

Minn Frar sa Settembru 1900, Indrija ħadem fuq vapur Ingliż. Kien jismu **S.S. Cherbourg** u kien proprjetà tal-kumpanija famuża *Cunard Steamship Co. Ltd*, il-*Cunard Line*. Kien vapur mibni fl-1875 b'tul ta' 251 pied (76.5 metri) u l-kaptan tiegħu kien il-Kaptan John Sutherland Carbines minn Cornwall fl-Ingilterra. Indrija kien l-uniku Malti abbord u r-rank tiegħu kien ta' *Waiter*; wara ġie promoss għal *AB* (*Able Bodied Seaman* – baħri). Allura l-paga minn żewġ liri żdiditlu għal tliet liri u nofs fix-xahar. Apparti Malta wħud mill-portijiet fir-rotta ta' dan il-vapur kienu Liverpool, il-gżira Griega ta' Syros, Izmir fit-Turkija, Ġibiltà, u Sagres fil-Portugall[9].

F'Mejju tal-1902, Indrija Camilleri għamel l-eżami għal-liċenzja ta' *Second Mate* u wara li ġab riżultati sodisfaċenti nħariġlu ċ-ċertifkat fis-26 ta' Mejju[5]. Wara għamel tmintax-il xahar jaħdem fuq lanċa tad-Dwana Maltija fl-ibħra territorjali Maltin[10]. Fit-8 ta' Lulju 1904 imbagħad, inħareġ iċ-ċertifikat ta' Padrun, Kaptan tat-Tielet Klassi[11]. Hekk seta' jieħu kmand ta' bastimenti żgħar.

Wara li kien abbord il-lanċa tad-Dwana sab xogħol għal ftit żmien fuq il-vapur ġdid **C.S. Levant**[10]. Dan il-vapur kien *Cable Ship*, ipoġġi l-*cables* ta' komunikazzjoni fil-qiegħ tal-baħar u jagħmel manutenzjoni fuqhom. Sidt il-vapur kienet il-kumpanija Ingliża *Eastern Telegraphy Company*, li wara sar jisimha *Cable & Wireless Ltd*. Il-**Levant** kien stazzjonat Malta biex jieħu ħsieb il-*cables* li kellha l-kumpanija n-naħa tal-Greċja[12]. Il-vapur kien twil 138 pied (42.2 metri) u nbena fl-1904. Illum jinsab mgħarraq madwar kilometru 'l barra mill-Port il-Kbir[13].

Kif spiċċa minn dan il-vapur ħa x-xogħol mal-kumpanija *S. Pearson & Son*, il-kumpanija Ingliża li ħadet il-kuntratt għall-bini tal-*breakwater* tal-Port il-Kbir. Xogħlu kien ta' *Foreman* fil-*Marine Department* waqt il-bini tal-*breakwater*. Sfortunatament, wara qasir żmien Indrija kellu jieqaf mix-xogħol għal raġunijiet ta' saħħa. Meta mar lura għax-xogħol sab li l-kumpanija ma kellhiex aktar bżonn ta' *Foreman* allura spiċċa bla xogħol[10].

Sa erba' xhur wara f'Jannar 1907[14], Andrea Camilleri siefer lejn Lixandra biex ifittex xogħol fuq il-baħar. F'dan iż-żmien huwa ħadem mal-*Ports and Lighthouses Administration*[15] bħala Padrun jew Uffiċjal tal-Gverta fuq il-laneċ tal-irmonk (*tugboats*) u karrakki (*dredgers* – bastimenti li jħammlu qiegħ il-baħar) fil-port ta' Lixandra. Il-*Ports and Lighthouses Administration* ma kienet xejn għajr l-awtorità marittima tal-Eġittu li fi żmien l-Ingliżi kienet tieħu ħsieb id-diversi portijiet u fanali (*lighthouses*) mal-kosta tal-pajjiż. Huwa ġie lura Malta għal ftit żmien f'nofs Ġunju 1909[15].

Fl-1911 insibuh uffiċjal abbord il-vapur Ingliż **S.S. Battle Isle**[16], tal-kumpanija Ingliża *The Eastern Petroleum Company Limited*. Vapur żgħir ta' 125 pied (38.1 metri) li bih aktarx li kienu jaħdmu fil-Baħar l-Aħmar.

Bejn l-aħħar tal-1911 u l-bidu tal-1914, Indrija ħadem fuq il-vapuri tal-kumpanija *Khedivial Mail Steamship & Graving Dock Company Limited*, jew fil-qosor il-*Khedivial Mail Line.* Din kienet kumpanija fil-qasam tal-ġarr tal-passiġġieri.

Hekk imbarka l-vapur **S.S. Abbassieh** bħala *Second Officer* fil-port ta' Suez fl-Eġittu fil-11 t'Ottubru 1911. Il-paga tiegħu kienet ta' seba' liri fix-xahar[16]. Ir-rotta kienet tinkludi Kostantinopli (Istanbul) u Izmir fit-Turkija, Mitylene fil-gżira Griega ta' Lesbos u Piraeus fil-Greċja. Vapuri fuq din ir-rotta bħall-**Abbassieh** kienu jitilqu minn Lixandra kull nhar t'Erbgħa fl-erbgħa ta' wara nofsinhar. Dawn kienu jkunu konnessi mal-ferrovija lussuża *Orient Express* li kienet twasslek minn Kostantinopli għal Vjenna, Pariġi u Londra. Portijiet oħra kienu Jaffa u Haifa fil-Palestina, Beirut u Tripoli fil-Lebanon, Alexandretta (Iskenderun) u Mersin fit-Turkija, u Larnaca u Limassol ġewwa Ċipru[17]. L-**Abbassieh** kien jinżel ukoll fil-Baħar l-Aħmar[16]. Kien imur Suez fl-Eġittu, Jeddah fis-Sawdi Arabja, Suakin fis-Sudan, Massawa fl-Eritrea, u Hodeidah fil-Yemen. Ġieli kien jieqaf ukoll f'Port Sudan u Tor fil-peninsula tas-Sinaj[17].

Interessanti illi l-kaptan ta' dan il-vapur, li kien irreġistrat Londra, kien Malti – il-Kaptan Enrico Tagliaferro ta' 56 sena[16] mill-Isla. Dan x'aktarx li kien ilu joqgħod l-Eġittu madwar ħamsa u għoxrin sena[18]. L-**Abbassieh** inbena ġewwa Greenock l-Ingilterra fl-1889 u kien twil madwar 363 pied (110.8 metri). Indrija baqa' jaħdem abbord sas-27 t'April 1912[19].

Fl-1913 Indrija kien *Second Officer* abbord l-**S.S. El Kahira**[20], vapur tal-passiġġieri ieħor tal-*Khedivial Mail Line*. Aktarx illi dan kellu l-linja u l-portijiet tal-Baħar l-Aħmar biss. L-**El Kahira** inbena fl-1892 fi Glasgow, l-Iskozja, u kien iġib tul ta' 300 pied (91.4 metri).

Fl-10 u fil-11 t'Ottubru tal-1913, Indrija għamel l-eżamijiet għaċ-ċertifikat ta' *Chief Mate* hawn Malta. Infatti fit-13 t'Ottubru ngħatatlu din il-liċenzja[21]. Fl-10 ta' Novembru imbagħad inħariġlu ċ-ċertifikat ta' Kaptan tat-Tieni Klassi[22].

Ta' min isemmi illi, mir-riċerka li għamilt, sa qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija ħadd mill-gżira Għawdxija ma rnexxielu jasal fi grad ogħla minn dan iċ-ċertifikat. Dawk l-Għawdxin li rnexxielhom jaslu s'hawn kienu biss erbgħa – tlieta min-Nadur u r-raba' wieħed nisel Naduri! Insiru nafu dwar il-bqija f'artikli oħra 'l quddiem.

Kif akkwista dawn iċ-ċertifikati Indrija mill-ewwel reġa' siefer lejn Lixandra fl-Eġittu u fit-22 ta' Novembru 1913 kien imbarkat abbord l-**S.S. Tewfikieh**[20], vapur ieħor tal-*Khedivial Mail Line*. Għalkemm kellu ċertifikat ogħla, huwa xorta kien qed jaħdem bħala *Second Officer*, iżda l-paga żdiedet minn sebgħa għal tmien liri fix-xahar. Il-vapur kien taħt il-kmand tal-Kaptan G. Williams, Ingliż[20]. Inbena f'Govan fl-Iskozja fl-1893 u kien twil fuq 320 pied (97.7 metri). Ir-rotta kienet dik li tinkludi l-Eġittu, it-Turkija, il-Greċja, il-Lebanon, is-Sirja u Ċipru – ma kienx jersaq fil-Baħar l-Aħmar. Ma tantx dam abbord, għax fl-20 ta' Diċembru 1913, ftit inqas minn xahar wara, meta kienu Lixandra huwa ġie trasferit fuq l-**S.S. Neghileh**, tal-istess kumpanija[20].

Hawn aktarx li kien bħala *Chief Officer*. Kien vapur antik ta' ħamsin sena mibni fi Glasgow fl-Iskozja fl-1864 u kien twil 226 pied (68.9 metri).

In-**Neghileh** kellu l-linja tal-Baħar l-Aħmar u għalhekk kien jittrasporta ħafna pellegrini Musulmani minn u lejn Mecca fil-Hejaz - illum dan it-territorju nsibuh bħala s-Sawdi Arabja. Dan il-vapur kien jgħabbihom minn Suez fl-Eġittu u jinżlu fil-port ta' Jeddah (is-Sawdi Arabja) fejn imbagħad in-nies kienu jimxu għal Mecca. Hemm jerġa' jgħabbi pellegrini oħra li jkunu sejrin lura d-dar u jniżżilhom Tor fil-Peninsula tas-Sinaj.



Ritratt rarissmu tal-**S.S. Neghileh** tal-kumpanija *Khedivial Mail Line*. Ritratt: http.gallica.bnf

Tor kien port f'nofs id-deżert li kien iservi ta' kwarantina għal dawn il-pellegrini. Il-kampijiet f'Tor kienu jifilħu jakkomodaw ħamsin elf persuna f'daqqa u l-post kien immexxi minn Ingliż waħdu li kien jgħix hemmhekk ma' martu. Minn Tor kienu jerġgħu jirkbu passiġġieri oħra li jkunu għadhom kif lestew il-kwarantina, fejn jibqgħu sejrin Suez[23].

Għall-ħabta tal-istess żmien insibu uffiċjal tal-gverta ieħor Għawdxi jaħdem mal-istess kumpanija l-*Khedivial Mail Line.* Dan kien ċertu Ġanni Xuereb ta' 47 sena mix-Xewkija li minn tal-inqas fl-1914 insibuh bħala *Second Officer* abbord il-vapur tal-istim *S.S. Benha* u wara fuq l-*S.S. Missir* u l-*S.S. El Kahira*[24]. Dan huwa l-istess Ġanni Xuereb li semmejnieh fil-bidu ta' dan l-artiklu fejn hu kien il-Padrun tal-iskuna **Maria Antonietta** fl-1897 filwaqt li Indrija Camilleri kien wieħed mill-baħrin t'abbord.

Għalkemm kien hawn ammont sostanzjali ta' baħrin kienet xi ħaġa rari li ssib uffiċjal tal-gverta Għawdxi fuq il-baħar għall-ħabta tal-Ewwel Gwerra.

Fl-14 ta' Jannar 1914, Indrija mbarka fuq il-vapur **S.S. Argyll** tal-kumpanija Ingliża *Sinai Mining Company*. Għall-ewwel beda fir-rank ta' *Chief Mate* b'paga ta' għaxar liri fix-xahar, iżda wara ħames xhur abbord, fl-14 ta' Ġunju 1914, Andrea Camilleri ġie promoss għall-Kaptan tal-**Argyll**. Hekk il-paga tiegħu telgħet għal erbatax-il lira fix-xahar[25]. B'dan il-vapur ta' 130 pied (39.6 metri) kienu jġorru l-*manganese ore* mill-minjieri tal-kumpanija f'Abu Zenima[25], fis-Sinaj, għall-port ta' Suez. Insomma kienu jbaħħru fil-Baħar l-Aħmar.

Sadattant, fit-28 ta' Lulju tal-1914 faqqgħet l-Ewwel Gwerra Dinjija, il-Gwerra l-Kbira. Iżda kollox kien kwiet fl-inħawi fejn kien ibaħħar Indrija sakemm f'Jannar tal-1915 il-Kanal ta' Suez ġie attakkat mill-forzi Ġermaniżi u Ottomani. Minn hemmhekk kompliet il-Kampanja ta' ġlied u battalji fis-Sinaj. Fuq il-baħar f'dawk l-inħawi n-*Navy* Ingliża kienet tagħmel ħafna rondi u spezzjonijiet ta' bastimenti. Il-Kaptan Indrija Camilleri waqaf minn Kaptan tal-vapur **Argyll** fit-8 t'April tal-1916, wara aktar minn sentejn abbord[26].

F'Ġunju Indrija wasal lura Malta u xahar wara beda jaħdem fuq il-vapur Ingliż **S.S. Silvia** bħala *Chief Mate*[27]. Dam tliet xhur fuqu, bejn Lulju u Ottubru 1916, u xogħlhom kien li jieħdu l-faħam minn Malta għall-bażi navali f'Taranto fl-Italja. Hemm kienu jqassmuh skont l-ordnijiet bħala *bunker* (*fuel* għall-bastimenti) lill-vapuri tar-*Royal Navy*[28]. Is-**Silvia** nbniet fl-1904 mill-kumpanija *Clyde Shipbuilding Company* f'Port Glasgow, l-Iskozja, u kellha tunellaġġ ta' 2035 u tul ta' 288 pied (87.9 metri). Huwa kien jitħallas 17-il lira fix-xahar[27].

Fil-15 ta' Marzu 1918 Indrija Camilleri siefer bħala *Chief Mate* fuq il-vapur **S.S. Bylands**; vapur mibni mill-kumpanija *Ropner & Son* fl-1899. Għalkemm kien vapur merkantili, xogħol dan il-bastiment kien li jġorr il-faħam bejn diversi portijiet għall-Ammiraljat Ingliż. Abbord miegħu nsibu żewġ baħrin min-Nadur. Dawn kienu Ġanni Farrugia **Tal-Iskiter** (li wara ż-żmien hawn fin-Nadur kien magħruf bħala "**l-*Bosun***") u Ġużepp Cordina **Tal-Mans**. Wara li telaq minn Malta l-vapur daħal Huelva fi Spanja. Imbagħad baqa' sejjer Ġibiltà, Cork fl-Irlanda u Newport f'Wales. It-tlieta li huma ħallew dan il-vapur f'dan l-aħħar port fit-12 ta' Mejju. Il-paga t'Indrija fuq dan il-vapur kienet ta' 22 lira fix-xahar, filwaqt li l-pagi tal-baħrin Ġanni u Ġużepp kienet ta' ħdax-il lira u nofs fix-xahar[29].

Għal xi żmien fl-1918, fil-gwerra, Indrì kien *Chief Mate* abbord bastiment merkantili Amerikan. Dan il-vapur kien jismu **S.S. Kerlew**[30] u kien irreġistrat New York. Il-**Kerlew** kien mikri mill-armata Amerikana (*bareboat charter*). Huma kienu mqabbdin iġorru faħam u apparat ieħor mir-Renju Unit għal Franza sabiex jintuża mill-armata Amerikana li kienet qed tiġġieled fi Franza[31]. Il-faħam u l-bqija tal-merkanzija kienet titgħabba minn Cardiff jew minn Barry, f'Wales, u kien jinħatt f'diversi portijiet ta' Franza fil-Bay of Biscay – skont nannuwi Wiġi Grima, il-faħam ta' Cardiff kien tal-aqwa kwalità. Portijiet Franċiżi nsemmu Brest, Pauillac, Bordeaux u Verdon[32]. Dawn il-vjaġġi aktarx li kienu jsiru f'għadd ta' vapuri merkantili miġbura f'konvojs fejn vapuri navali kienu jservu ta' skorta u protezzjoni għal



Il-Kaptan Andrea Camilleri. Ritratt meħud fl-1919.

dawk merkantili. Il-**Kerlew** kien ilaħħaq tul ta' 326 pied (99.4 metri) u t-tunellaġġ gross tiegħu kien ta' 3312. Għalkemm kienet qed tużah l-armata Amerikana, sidt il-vapur kienet il-kumpanija *Kerr Steamship Corporation* ta' New York. Fit-12 ta' Novembru tal-1918 Indrija Camilleri kellu jieqaf jaħdem abbord peress li dan il-vapur għadda taħt idejn in-*Navy* Amerikana u għalhekk huma użaw ekwipaġġ navali għal fuqu.

Fil-11 ta' Novembru 1918 intemmet l-Ewwel Gwerra Dinjija. L-ekwipaġġi tal-vapuri merkantili kellhom anqas ħsibijiet ta' attakki tal-għadu fuq il-baħar imma xorta waħda ma kienx jonqos il-periklu ta' mini fil-baħar li tħallew hemm minħabba l-Gwerra.

L-Istati Uniti tal-Amerka pproduċiet medalja waħda biss għall-Ewwel Gwerra Dinjija – il-*Victory Medal* – u li sfortunatament setgħet tingħata biss lil min kien fis-Servizz Militari. Għalhekk Andrea Camilleri ma kien intitolat għall-ebda medalja għas-servizz li ta fil-*United States Merchant Marine* abbord il-vapur merkantili Amerikan **S.S. Kerlew**. Iżda għas-servizz tiegħu fil-*British Merchant Navy*, Andrea Camilleri, il-bużnannu tiegħi, ingħata l-medalja tal-fidda *British War Medal* u l-medalja tal-bronż *Mercantile Marine War Medal.*[1]

## (ENDNOTES)


1. NAM (*National Archives of Malta*), CSG02, 5566/1902; CUS K580
2. NAM, CUS K628
3. NAM, CUS L181; CUS L183
4. NAM, CUS L185; CUS L187
5. NAM, CSG02, 5566/1902
6. Wickman, V. (2002) *From Sail to Steam* - Artiklu minn FIMBANK *Annual Report & Financial Statements 2002, p. vi*
7. NAM, CUS L192; CUS L209
8. *Guildhall Library, London, UK – Lloyd's List* "Joseph Scicluna" *Mar 1898 – Feb 1899*
9. MHA (*Maritime History Archives, University of Newfoundland, Canada*), Cherbourg O.N. 71694 *Crew Lists and Agreements* 1900
10. NAM, CSG02, 1347/1906
11. NAM, CSG02, 582/1904
12. www.clydeships.co.uk
13. maltadives.com/sites/levantii/en
14. NAM, CUS L298
15. NAM, CUS K980
16. MHA, Abbassieh O.N. 115845, *Crew Lists and Agreements* 1911-1912
17. *The Egyptian Gazette 1906* github.com/dig-eg-gaz/content/blob/master/1906-05-29.xml
18. NAM, MFA01, 1607/1886 – applikazzjoni tal-passaport tal-Kaptan Tagliaferro, destinazzjoni – Eġittu
19. TNA (*The National Archives, UK*), BT99/2944, O.N. 115845, Abbassieh *Crew Lists and Agreements* 1912-1913
20. MHA, Tewfikieh, O.N. 102108, *Crew Lists and Agreements* 1913-1914
21. NAM, CSG02, 1386/1913
22. NAM, CSG02, 1558/1913
23. Brigg, J. J. (1912) *Sinai: A Desert Ride. Yorkshire Ramblers' Club Journal Volume 4 Number 12: pp 25-29. Leeds: YRC.*
24. 1915crewlists.rmg.co.uk/document/189669 u 1915crewlists.rmg.co.uk/document/119255
25. MHA, Argyll O.N. 121323, *Crew Lists and Agreements* 1913-1914
26. MHA, Argyll O.N. 121323, *Crew Lists and Agreements* 1915-1916
27. MHA, Silvia O.N. 119158, *Crew Lists and Agreements* 1916-1917
28. www.naval-history.net – *Logs* tal-vapur navali Ingliż HMS Britannia isemmi lil S.S. Silvia torbot magħhom għal xogħol ta' *bunker* bil-faħam.
29. MHA, Bylands O.N. 112409, *Crew Lists and Agreements* 1918
30. MHA, Clematis O.N. 109887, *Crew Lists and Agreements* 1919
31. en.wikipedia.org/wiki/USS_Kerlew_(ID-1325)
32. *Guildhall Library, London, UK – Lloyd's List* "Kerlew" 1918

Konsultazzjonijiet oħra: NAG, GM (Giuliana Masini)

Mercantile Navy List 1890, 1897, 1910, 1911, 1915


**KENNETH GRIMA**

Dr Coronato Grech MD

# Xi logħob ta' dari tat-tfal u x-xjenza ta' warajh Il-Morra

## (Ir-raba' parti)

Ma kinitx xi logħba kkumplikata. Żewġ subien[1], imdawrin b'ċorma oħra kurjużi, kienu joqogħdu bilwieqfa quddiem xulxin, u b'serjetà kbira jħarsu u jistudjaw lil xulxin qabel jaqtgħu t-tokk jew il-morra[2]. Dan jagħmluh billi, fl-istess ħin, kull wieħed jgħid numru waqt li jiftaħ numru varjabbli ta' swaba' jew anke xejn, ponn biss. Min jaqta' n-numru ta' swaba' miftuħa jirbaħ. Jekk ħadd ma jirbaħ kienu jerġgħu jaqtgħu l-morra. Min jirbaħ jieħu l-oġġetti li ntlagħbu fuqhom aktarx xi boċċi[3] jew ritratti u stampi[4]. Għal xi raġuni biċċa min-numri kienu jingħadu bit-Taljan per eżempju: duwi, kwattru, ċinku, u sei[5].

### Daqsxejn xjenza tan-numri

Il-bnedmin ilhom jikkalkulaw bin-numri kemm ilhom f'soċjetajiet sofistikati, li jfisser qabel mill-eqdem belt, dik ta' Ġeriku, madwar 11-il elf sena ilu. L-iktar metodu ovvju u faċli huwa dak bis-swaba' tal-idejn, u mhix kumbinazzjoni li l-kelma 'diġit' ġejja mill-Latin *digitus* għal seba' tal-id; jew li s-sistema deċimali bbażata fuq n-numru għaxra hija l-iktar waħda komuni. Madankollu sistema oħra ta' numri bbażata fuq in-numru sittin, li oriġinat fil-Mesopotamia fil-Lvant Nofsani madwar erbat elef sena ilu, għadha magħna sal-lum fil-kejl tal-ħin (sittin sekonda f'minuta u sittin minuta f'siegħa) u fl-angoli (sittin sekonda f'kull grad u 360 grad f'ċirku sħiħ). Is-sistema tal-kompjuters imbagħad hija bbażata fuq in-numri 1 u 0.

Matul iż-żmien ħafna simboli għan-numri (jew numerali) intużaw minn popli differenti. Fost dawk tal-ewwel kien hemm marki fuq injam, għadam jew tafal (wara msaħħan), speċi ta' talja. In-numerali Rumani, li jużaw l-ittri tal-alfabett, kienu kkumplikati biex taħdem bihom u ma tantx huma addattati għall-manuvri tal-aritmetika.[6] Is-sistema ta' numerali li nużaw illum tissejjaħ Arabika, għalkemm biċċa biss hija mill-Arabja. Oriġinarjament ħafna mis-simboli ġew mill-Indja. B'dawn in-numerali l-aritmetika (iżżid, tnaqqas, timmultiplika u taqsam) hija eħfef. U jerġa' saret eħfef u preċiża meta daħal in-numru żero, li jidher ukoll li ġej mill-Indja minn madwar is-sena 630 WK. Iż-żero huwa kunċett importanti ħafna għax il-pożizzjoni tiegħu[7] tbiddel għalkollox il-valur tan-numri u allura huwa ta' importanza kbira.

Intant, hemm aspetti tan-numri li huma kkumplikati, diffiċli, u astratti, imma wkoll affaxxinanti. Fost dawn insibu:



Bil-Latin din il-logħba kienet tissejjaħ micare digitis, li bil-Malti tfisser: tikxef is-swaba'. Sqal.murra. Span.morra; Fra. mourre. Għ. mukħaraja.

*Numri veri:* dawn huma n-numri li normalment nużaw, bħal pereżempju n-numri 1, 2-, -7, jew ¾. Kif jidher dawn in-numri jistgħu jkunu pożittivi, negattivi, sħaħ jew frazzjoni. Fuq kollox ma humiex numri immaġinarji.

*Numri immaġinarji:* Sa ċertu punt in-numri kollha huma immaġinarji, imma għal xi żmien kien maħsub li ċerti numri, anke fil-kunċett, huma impossibbli li jeżistu u għalhekk semmewhom hekk. Numru immaġinarju huwa numru li meta timmultiplikah bih innifsu (tagħmlu *squared*), jagħtik numru negattiv. In-numru żero huwa kkunsidrat kemm immaġinarju u kemm veru. Numri immaġinarji, kif mistenni, huma użati f'matematika avvanzata. Wieħed

---

1 Ma nafx li l-morra kienet tintlagħab mill-bniet.

2 Morra. Din il-kelma, daqsxejn stramba, tidher li ġejja mit-Taljan.

3 Ara *Luminaria* Diċembru, 2019.

4 Dawn kienu ritratti ta' jew pitturi ta' artisti tat-televiżjoni ta' dak iż-żmien eż. *cowboys* ta' *High Chaparral*, fantaxjenza (eż. *Thunderbird* ), fuq l-ispazju, jew għasafar. (Klene Val, set ta' 144). Dawn kienu jinxtraw, madwar sold jew tnejn, mgeżwra f'karta u b'daqsxejn *chewing gum*.

5 Hija osservazzjoni kurjuża li kważi kulħadd jgħid in-numri (jew anke jinkitbu, eżempju fuq ċekk) bl-Ingliż. U aktarx li jekk jippruvaw jgħiduhom bil-Malti jitfixklu. Pero' bil-Malti huma ħfief u raġjonevoli daqs l-Ingliż. Kollox jiddependi kif tidra. Fl-iskola l-aritmetika hija dejjem mgħallma bl-Ingliż.

6 Għadhom jintużaw fiċ-ċinema u jingħad li dan biex in-nies isibuha diffiċli li jkunu jafu s-sena ta' meta nħadmu l-films. U jekk inhu hekk is-sistema taħdem.

7 Bħal dik tal-punt deċimali, kunċett li ġie maħsub minn matematiċi Għarab madwar is-sena 900 WK.

minn tal-ewwel li studja dawn in-numri, u fil-fatt tahom dan l-isem, kien il-famuż filosofu u matematiku Franċiż Renè Descartes (1596-1650)[8].

*Numri razzjonali*: Dawn huma numri li jistgħu jiġu espressi bħala kwozjent jew frazzjoni ta' żewġ numri sħaħ (integri) eż. in-numri 0, 1, u ½.

*Numri irrazzjonali*: Dawn huma numri li ma jistgħux jiġu espressi bħala frazzjoni ta' żewġ numri sħaħ. Eżempju famuż huwa n-numru pi, li huwa r-*ratio* taċ-ċirkonferenza għad-dijametru ta' ċirku. Bħala frazzjoni huwa 22/7 u valur tajjeb biex normalment taħdem bih huwa 3.14, imma d-diviżjoni tibqa' sejra apparentament sal-infinit! [9]

*Numri negattivi*. Dawn huma dawk in-numri inqas minn żero. Huma kkunsidrati veri għax sempliċement jipprezentaw xi ħaġa opposta, pereżempju jekk moviment lejn il-lemin huwa pożittiv, moviment lejn ix-xellug huwa negattiv, għalkemm daqstant veru. In-numru żero la huwa negattiv u anqas pożittiv.

*L-ikbar u l-iżgħar numri:* Ovvjament ma hemmx l-ikbar numru għax hu x'inhu dejjem tista' żżid in-numru wieħed! Madankollu forsi l-ikbar numru li għandu isem huwa *googolplex*, li tant huwa kbir li skont kalkolu minnhom, l-univers kif nafuh, mhux kbir biżżejjed biex jesa' l-karti biex tikteb dawk iż-żerijiet kollha! Ukoll lanqas hemm l-iżgħar numru għax dejjem tista' tnaqqas minnu.

Intant, sew jekk tkun tqalleb kalendarju, tħares lejn arloġġ, jew tilgħab xi tombla ftakar daqsxejn xi storja interessanti għandhom u kemm huma importanti n-numri: mill-morra tat-tfal, kontijiet fil-banek, għal *countdown* ta' titjira spazjali![10]

Fil-ħarga li jmiss: *Logħob bil-karti: ħamiem, ajruplani, u faqqusi*.

8 Descartes darba skopra kif jippreżenta fuq karta, żewg numri kontinwament ivarjaw, (jiġifieri *graph*), meta kien bi kwietu fis-sodda (kien iħobb jistudja fis-sodda) u osserva l-movimenti ta' dubbiena ttir quddiemu.

9 Pitagora (5 seklu Q K) wieħed mill-matematiċi famużi Griegi (u mexxej ta' kult), kien jaħseb li n-natura hija bbażata fuq numri sħaħ (integri). Huwa kien sab li kordi ta' strumenti mużikali meta jivvibraw u jagħtu mużika sabiħa, iridu jkunu bilfors ta' ċerti qisien ta' numri preċiżi. Kien sab in-noti mużikali. Pitagora għalhekk ma kienx jemmen f'numri irrazz-jonali u jingħad li meta ċertu dixxiplu, Hipassus, sab numru irrazzjonali (mhux il-pi, imma l-i*square root* ta' 2) jingħad li ġie ppersegwitat mis-segwaċi l-oħra ta' Pitagora.

10 U fil-fatt l-attentati biex infittxu li xi ħajja oħra fl-ispazju saru l-iktar bil-matematika u numri, għax ċerti numri bħal konstant tal-gravità (*G*), jew ta' Planck (*h*, u msemmi għal Ġermaniż Max Planck), jew il-veloċità tad-dawl (*c*), jidhru li huma fundamentalment bażiċi fl-istruttura tal-univers u allura aljeni intelliġenti, b'xi mod jew ieħor isibuhom. Fi kliem ieħor huma l-lingwa litteralment universali.

ANTHONY'S FURNITURE
Għal kull xorta ta' xogħol fl-injam
Phone: 2155 2251
Mobile: 9944 6107
"Mater Dolorosa"
Triq Ta' Grunju,
Nadur, Għawdex

EĦILSU MILL-QILLA TAX-XEMX
Gozo Verticals, Blinds & Shades
TA' TONY CAMILLERI
American Style
Fejn issibu varjetà kbira ta' Blinds u Shades ta' materjal bħal Aluminium, Plastic, eċċ
Għal aktar dettalji u stima b'xejn Ċemplu 2155 3352/2156 2211
jew irrikorru:
N.B. TRIQ COCCO PALMERI
NADUR - GĦAWDEX

# Kitbiet dwar il-Knisja Bażilika tan-Nadur

Fil-ħarġa ta' "Treasures of Malta", Nru. 75, Sajf 2019, deher l-ewwel parti minn żewġ artikli ferm interessanti miktubin minn Mario Buhagiar, Professur tal-Istorja tal-Arti fl-Università ta' Malta. Dawn l-artikli nkitbu wara li l-parroċċa ppubblikat il-ktieb: "The Nadur Basilica in Gozo - Art – Architecture – Documentation" editjat minn Dr Mark Sagona u b'fotografija tassew sabiħa ta' Martin Attard. (Progress Press, 2019).

L-ewwel artiklu jġib l-isem: **The Nadur Basilica (Part 1) an architectural appraisal.** F'dan l-artiklu, imżejjen b'diversi ritratti ta' Martin Attard naqraw dwar il-ħbiberija li kien hemm bejn l-Arkitett Francesco Saverio Sciortino (1875 – 1958) u l-futur Arċipriet Dun Martin Camilleri (1873 – 1921) meta t-tnejn li huma kienu jistudjaw Ruma fejn kienu alloġġjati qrib ta' xulxin. Din il-ħbiberija wasslet biex fuq talba tal-Kanonku Dun Martin Camilleri, Francesco Saverio Sciortino fassal pjanti għat-tkabbir tal-knisja eżistenti tan-Nadur, biż-żieda tan-navati, fontispizju u koppla eleganti u dominanti. Ix-xogħol kien beda fl-1908 u tlesta fl-1915. L-Arkitett Sciortino siefer il-Kanada fl-1913 waqt li kien għadu għaddej ix-xogħol fuq it-tkabbir tal-knisja u mis-safar baqa b'kuntatt mal-bennej, l-arċipriet Martinu u l-iskultur Paolo Falzon (1885 – 1971) sakemm intemm ix-xogħol. L-arkitett Sciortino għamel mill-knisja tan-Nadur tassew opra monumentali. Dan hu l-ikbar u l-uniku xogħol li għandu l-arkitett Sciortino f'Malta. Meta żar Malta fl-1945 ġie n-Nadur biex jara l-opra maestuża tiegħu u kompla jżejjinha bil-figuri tal-Fidi, Tama u Mħabba fuq il-fontispizju fil-faċċata u minn ġewwa bil-gallerija tal-orgni. L-Arkitett Francesco Saverio Sciortino miet ta' 83 sena ġewwa l-Kanada.




It-Tieni parti ġiet ippubblikata fil-Ħarġa tal-Milied 2019, Nru 76, **The Nadur Basilica (Part 2) an aesthetic appraisal.** F'dan l-artiklu, il-Prof. Buhagiar jikteb dwar il-pittura ta' Lazzaro Pisani (1854 – 1932) li l-biċċa l-kbira minnha saret bejn l-1915 u l-1922. Lazzaro Pisani kien il-prim kuġin tal-Arkitett Francesco Saverio Sciortino. Ix-xogħol fl-istucco sar miċ-ċesellatur Pio Cellini (1863 – 1930). Interessanti dak li hemm miktub dwar it-twieqi Stained glass tad-Ditta Grenoble ta' Louis Ferdinand Balmet ( 1876 – 1857). Il-bottega ta' Mattia Preti (1613 – 1699) tissemma' minħabba l-kwadru titulari li kopja tiegħu tinsab fil-knisja tal-Ġeżwiti, il-Belt. L-awtur ikompli jsemmi pitturi oħrajn xogħol ta' artisti rinomati bħal: Giuseppe D'Arena (c1643 – 1719); Don Francesco de Domenici (1655 – 1733); Don Carlo Zimech (1696 – 1766); Francesco Vincenzo Zahra (1710 – 1773); Rocco Buhagiar (1723 – 1805); Gian Nicola Buhagiar (1698 – 1723); Michele Busuttil (1762 – 1831) u ibnu Clemente (1810 – 1883); Giuseppe Calì (1846 – 1930) u Gianni Vella (1885 – 1977). Fl-aħħar jissemmew l-istatwa titulari ta' San Pietru u San Pawl li saret Marsilja u dik tal-Madonna tar-Rużarju, u oġġetti tal-fidda li bihom hi mżejjna l-Bażilika tan-Nadur. Ir-ritratti bil-kulur li jżejnu dan l-artiklu huma ta' Martin Attard.




Fil-Mużew tal-Malta Post (Malta Postal Museum) fil-Belt, Valletta, f'Diċembru 2019, infetħet wirja tax-xogħlijiet tal-artist Emvin Cremona (1919 – 1982). F'din il-wirja kien hemm sketch li għamel Cremona dwar xi artal ġdid għall-knisja Bażilika tagħna. Jidher li dan l-artal kien ser isir minflok dak maġġur li tneħħa. Madwar l-artal hemm erba' kolonni li fuqhom hemm l-Erba' Evanġelisti. Minflok it-tużell hemm disinn ta' baldakkin li ġej għat-tond eżatt fuq l-artal. Ħadd ma kien jaf b'dan id-disinn li illum jinsab f'kollezzjoni privata. Il-wirja għalqet fid-29 ta' Jannar 2020.

Ta' kull sena, il-Bank of Valletta jippubblika Kalendarju artistiku. Din is-sena hemm xi pitturi u disinni dwar diversi affarijiet. Għax xahar ta' Awwissu jidher disinn ta' Richard England (1937 - ) li fih hemm dehra ġenerali tal-Pjazza u tal-Knisja Bażilika li ssebbaħ il pjazza tan-Nadur.



Disinn tat-tribuna ta' Emvin Cremona



## Kitba ta' Joe Muscat


PRALINES CONFECTIONERY

Accepts orders for Baptism, Holy Communion, Confirmation Parties etc.
You can also choose from a large selection of cakes, many of which can be found on our Facebook Page.

46, MADRE GEMMA CAMILLERI STREET, NADUR GOZO TEL: 21565909 MOB: 99552337

www.facebook.com/pralinesconfectionery



RABOKK PIZZA

*Snack Bar*

*Pjazza San Pietru u San Pawl, Nadur Għawdex.*

Tel: 21558337 Mob: 99802491/ 99478629

# NAWGURAW

## *il-Milied it-Tajjeb*

## U SENA MIMLIJA BARKA

## lin-Nadurin Kollha

# XITA FIN-NADUR

Joe Meilak – 01/12/2020
Nadur Weather Observatory

Dan huwa l-ammont ta' xita f'millimetri li tkejlet fin-Nadur mill-1 ta' Marzu sat-30 ta' Novembru 2020:

| **MARZU 2020** | | **Total mill-1/9/2019** |
|---|---|---|
| 3 | 0.6 | 318.0 |
| 4 | 3.0 | 321.0 |
| 9 | 3.0 | 324.0 |
| 10 | 7.0 | 331.0 |
| 21 | 0.6 | 331.6 |
| 24 | 0.2 | 331.8 |
| 25 | 6.4 | 338.2 |
| 26 | 2.4 | 340.6 |
| 27 | 1.8 | 342.4 |
| 30 | 8.6 | ***351.0 mm (13.82 pulzieri)*** |

***TOTAL: 33.6 mm (1.32 pulzieri)***

| **APRIL 2020** | | **Total mill-1/9/2019** |
|---|---|---|
| 2 | 0.2 | 351.2 |
| 4 | 6.4 | 357.6 |
| 20 | 2.0 | 359.6 |
| 29 | 0.2 | ***359.8 mm (14.17 pulzieri)*** |

***TOTAL: 8.8 mm (0.35 pulzieri)***

| **MEJJU 2020** | | **Total mill-1/9/2019** |
|---|---|---|
| 27 | 3.0 | 362.8 |
| 30 | 3.0 | ***365.8 mm (14.40 pulzieri)*** |

***TOTAL: 6.0 mm (0.24 pulzieri)***

| **ĠUNJU 2020** | **Total mill-1/9/2019** |
|---|---|
| Traċċa | ***365.8 mm (14.40 pulzieri)*** |
| **LULJU U AWWISSU 2020** | **Total mill-1/9/2019** |
| Xejn | ***365.8 mm (14.40 pulzieri)*** |

| **SETTEMBRU 2020** | | **Total mill-1/9/2020** |
|---|---|---|
| 7 | 2.4 | 2.4 |
| 13 | 22.0 | 24.4 |
| 14 | 72.4 | 96.8 |
| 23 | 2.2 | 99.8 |
| 27 | 2.2 | ***101.2 mm (3.98 pulzieri)*** |

***TOTAL: 101.2 mm (3.98 pulzieri)***

| **OTTUBRU 2020** | | **Total mill-1/9/2020** |
|---|---|---|
| 5 | 2.2 | 103.4 |
| 6 | 2.6 | 106.0 |
| 12 | 2.6 | 108.6 |
| 13 | 1.2 | 109.8 |
| 19 | 17.4 | 127.2 |
| 27 | 7.6 | 134.8 |
| 28 | 3.4 | ***138.2 mm (5.44 pulzieri)*** |

***TOTAL: 37.0 mm (1.46 pulzieri)***

| **NOVEMBRU 2020** | | **Total mill-1/9/2020** |
|---|---|---|
| 15 | 4.4 | 142.6 |
| 17 | 12.0 | 154.6 |
| 20 | 0.2 | 154.8 |
| 21 | 3.6 | 158.4 |
| 22 | 9.8 | 168.2 |
| 23 | 1.0 | 169.2 |
| 24 | 20.0 | 189.2 |
| 25 | 40.2 | 229.4 |
| 26 | 1.8 | 231.2 |
| 29 | 14.6 | 245.8 mm (9.68 pulzieri) |

***TOTAL: 107.6 mm (4.24 pulzieri)***

## Noti:

- L-istaġun tax-xita 2019/2020 li ntemm fil-31 ta' Awwissu, kien xott ħafna. Niżlu biss 365.8 mm ta' xita, li jiġu inqas minn 14-il pulzier u nofs. Dan ifisser li kellna madwar żewġ terzi tax-xita li suppost ikollna fi staġun normali (madwar 550 mm jew 21.65 pulzieri).

- L-istaġun tax-xita l-ġdid ma tantx jidher li se jkun tajjeb. Wara bidu tajjeb f'Settembru meta niżlu aktar minn 100 mm xita, Ottubru tana biss 37.0 mm li jiġu inqas minn pulzier u nofs. L-indikazzjonijiet meta morna għall-istampa kien li Novembru kien se jkun xott ukoll, talinqas fl-ewwel ġimagħtejn tiegħu.

- Nhar it-13 u l-14 ta' Settembru niżlet kważi x-xita kollha li tana Settembru. Fin-Nadur tkejlu 22.0 u 72.4 mm rispettivament f'dawk il-jiem. Postijiet oħra, bħax-Xagħra u l-Għarb, kellhom iktar xita, fejn fl-Għarb niżlu 112 mm xita fl-14 ta' Settembru (kważi 4 pulzieri u nofs).

- Mill-11.30pm tal-24 san-12.30am tal-25 ta' Novembru niżlu 57 mm xita f'madwar siegħa.

- It-total ta' xita mill-1 ta' Settembru għadu inqas minn dak li kien sena ilu, u dan ma tantx jawgura tajjeb. Imma kif jgħidu: 'Xemx u xita, Alla jaf meta'. Nittamaw u nisperaw li talinqas noqorbu l-500 mm xita sal-aħħar ta' Marzu biex inkunu nistgħu ngħidu li kellna staġun tax-xita diċenti.

- Bħala temperatura, kellna sajf qalil. It-temperatura qabżet it-30oC f'diversi jiem konsekuttivi speċjalment f'Lulju u Awwissu, u bqajna b'temperaturi sħan sal-ewwel ġimgħa ta' Ottubru, meta mbagħad l-arja ffriskat. Sal-aħħar ta' Novembru konna għadna b'temperaturi qrib 20oC, li huma daqs 3-4oC iktar min-normal.







# Ritratt Storiku Waqt it-Tkabbir tal-Kolleġġjata u Bażilika tan-Nadur

**Mument waqt it-tkabbir tal-knisja Kolleġġjata u Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur dokumentat f'ritratt li qed jiġi ppubblikat għall-ewwel darba permezz ta' kartolina u f'din il-ħarġa ta' Luminaria. Wara li l-Kan. Martin Camilleri kkummissjona lil Francesco Saverio Sciortino sabiex joħroġ bid-disinji ta' dan il-proġett, ix-xogħol kien inbeda fl-1907 u tlesta fl-1913. Il-bini tan-nava tat-Tramuntana jidher miexi ġmielu waqt li diversi Nadurin kienu qed jippużaw għal dan ir-ritratt li aktarx ittieħed mill-kappella tas-Salvatur lejn l-1912.**

Dan ir-ritratt instab fil-kollezzjoni ta' negattivi ta' ritratti għand il-familja Said min-Nadur. Il-fotografu li kien ħa dan ir-ritratt huwa Antonio Said (1886-1958) li kien għalliem (ara r-ritratt). Illum din in-negattiva fuq il-ħġieġ tinsab għand Carmelo Said li jiġi iben il-fotografu. Ix-xogħol sabiex ir-ritratt ikun żviluppat ma kienx faċli.



Antonio Said (1886-1958)
Kortesija tal-familja Said

Meta l-familja li hija proprjetarja tiegħu avviċinatni biex naraw x'jista' jsi r f'dan ir-rigward, jiena kkummissjonajt lill-fotografu Samuel Masini mix-Xagħra u mort personalment fl-istudio tiegħu biex nissorvelja l-proċess li kien qiegħed isir. Billi matul is-snin kollha li għaddew minn fuqha din in-negattiva saritilha l-ħsara, fosthom li hija maqsuma fil-kantuniera t'isfel fuq il-lemin, kif ukoll minħabba l-qbid tagħha bl-idejn, allura ntużaw diversi modi sabiex imbagħad jintgħażel l-aħjar prodott. Saru sforzi kbar biex jinħarġu kemm jista' jkun dettalji min-negattiva, speċjalment l-uċuħ tan-nies.

Nirringrazzja lil Edmund u Antonella Camilleri tal-għajnuna li sibt mingħandhom biex dan ir-ritratt seta' jiġi ppubblikat u apprezzat. Hawnhekk nagħmel appell ukoll sabiex min għandu ritratti li fihom valur għall-istorja tar-raħal, jagħmel bħall-familja Said u jersaq bihom għand il-parroċċa sabiex hekk dan il-wirt fotografiku li diġà jeżisti jkompli jitkabbar u jiġi preservat għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

Kitba ta' Daniel Meilak